

# IL-PATTI TA' INTEGRITÀ

FL-UE:

IDONEITÀ,

TWAQQIF U

IMPLIMENTAZZJONI

Din il-pubblikazzjoni ġiet żviluppata fil-qafas tal-proġett Patti ta' Integrità – Mekkaniżmu ta' Kontroll Ċivili għas-Salvagwardja tal-Fondi tal-UE, Fażi 2, iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea. Il-pubblikazzjoni tirrifletti esklużivament il-fehmiet tal-awturi tagħha u ma tikkostitwixx espressjoni tal-fehmiet tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni Ewropea mhi responsabbli għall-ebda użu li jista' jsir minn dan il-kontenut.



Il-proġett Patti ta' Integrità – il-Mekkaniżmu ta' Kontroll Ċivili għas-Salvagwardja tal-Fondi tal-UE laqqa' flimkien l-aġenziji tal-gvern, is-soċjetà ċivili u s-settur privat fi 11-il pajjiż tal-UE, sabiex jiġi żgurat li 18-il kuntratt pubbliku ewlieni tfaßlu u ġew implimentati skont l-oġġla standards possibbli ta' trasparenza u ta' akkontabilità.

[transparency.org/integritypacts](https://transparency.org/integritypacts)



Iffinanzjat  
mill-Unjoni Ewropea

## **Patti ta' integrità fl-UE:**

### **Idoneità, twaqqif u implimentazzjoni**

Gwida Prattika għall-monitoraġġ ċiviku ta' proġetti ta' kkuntrattar pubbliku

Awtur ewlieni: Rafael García Aceves

Kontributori: Sarah Dalton, Mahmoud Farag, Antonio Greco, Anna Zamparo u Ivan Zupan; ActionAid Italia, Amapola Proġetti, Institutul Pentru Politiċi Publice, Romanian Academic Society, Stefan Batory Foundation u l-kapitli ta' Transparency International fil-Bulgarija, fir-Repubblika Ċeka, fil-Greċja, fl-Ungerija, fl-Italja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Portugall, fir-Rumanija u fis-Slovenja.

Disinn: Aleš Brce

Nixtiequ nringrazzjaw lill-kontropartijiet tagħna fid-DĠ REGIO għall-appoġġ kontinwu u għall-feedback meqjus tagħhom, li għen fit-tfassil ta' din il-pubblikazzjoni. Nixtiequ nringrazzjaw ukoll lill-kollegi fis-Segretarjat ta' Transparency International u fi Transparency International EU li appoġġaw it-tnejn tagħna.

Sar kull sforz sabiex tiġi vverifikata l-akkuratezza tal-informazzjoni li tinsab f'dan ir-rapport. L-informazzjoni kollha kienet meqjusa korretta sad-9 ta' Diċembru 2021.

Madankollu, Transparency International ma tistax taċċetta responsabbiltà għall-konsegwenzi tal-użu tagħha għal skopijiet oħrajn jew f'kuntesti oħrajn.

ISBN: 978-3-96076-203-4

Ippubblikat minn Transparency International, 2022. Ħlief meta jkun stipulat mod ieħor, dan ix-xogħol huwa lliċenzjat skont CC BY-ND 4.0 DE. Kwotazzjoni hija permessa. Jekk jogħġbok ikkuntattja lil Transparency International – [copyright@transparency.org](mailto:copyright@transparency.org) – rigward talbiet għal derivattivi.

# WERREJ

---

**KELMTEJN QABEL .....6**

**IL-PROĠETT PILOTA PATTI TA' INTEGRITÀ TAL-UE ..9**

**Gwida Nru 1: KISBA TA' RIKONOXXIMENT U TA' ADOZZJONI AKBAR FL-UE KOLLHA.....13**

1.1 L-UE GĦANDHA TISFRUTTA L-POTENZJAL TAL-MONITORAĠĠ IMMEXXI MIĊ-ĊITTADINI? ..... 14

1.2 KIF GĦANDU JIĠI PPREŻENTAT IL-PATT TA' INTEGRITÀ F'KUNTEST TAL-UE ..... 15

1.3 X'INHĠ L-PROPOSTA TAL-VALUR TAL-PATT TA' INTEGRITÀ GĦALL-UE? ..... 17

1.4 IL-PATT TA' INTEGRITÀ JISTA' JKUN XPRUNATUR TA' SFORZI USA' TA' RIFORMA? ..... 20

---

**GWIDA NRU 2: TFASSIL TA' PATTI TA' INTEGRITÀ ADEGWATI GĦALL-UŻU .....22**

2.1 TWAĦĦID TAL-OBJETTIVI STRATEĠIĠI U TAL-PATTI TA' INTEGRITÀ ..... 23

2.2 TWAQQIF TAL-PATT TA' INTEGRITÀ U L-MEKKANIŻMU TA' MONITORAĠĠ TIEGĦU ..... 27

2.3 TĦEJJJA TAL-MEKKANIŻMU TA' MONITORAĠĠ... 31

---

**Gwida Nru 3: IŻGURAR TA' MONITORAĠĠ EFFETTIV .....38**

3.1 IPPJANAR ..... 39

3.2 QABEL L-OFFERTI ..... 43

3.3 L-OFFERTI ..... 47

3.4 GĦOTI ..... 49

3.5 IMPLIMENTAZZJONI ..... 53

---

**NOTI TAL-AĦĦAR.....56**



# KELMTEJN QABEL



L-integrità u t-trasparenza huma valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Japplikaw direttament għall-ħidma tagħna bħala istituzzjoni u għall-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej. Jeħtiġilna niżguraw li ċ-ċittadini jkollhom fiduċja fil-mod kif inwettqu dawn il-politiki u l-proġetti.

Dan huwa partikolarment importanti meta wieħed iqis id-daqs tal-kriżi ekonomika, l-isfidi ambjentali li qed inħabbtu wiċċna magħhom, u l-ammonti mingħajr preċedent ta' fondi Ewropej immobilizzati għall-irkupru.

Iċ-ċittadini Ewropej jeħtieġ li jkunu jafu li l-istituzzjonijiet tal-UE dejjem ikollhom l-interessi tagħhom f'moħħhom meta jinvestu f'beni pubbliċi jew jakkwistawhom. Fil-prattika, jiksbu dan b'diversi modi, li jinkludu kontrolli solidi u bir-reqqa, sistemi ta' akkwist effiċjenti u xerrejja kompetenti u onesti. Neħtieġu wkoll approċċi innovattivi, bħall-involviment tas-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ tal-proġetti tagħna.

Dan il-kunċett huwa fil-qalba tal-patti ta' integrità. Ingħaqadna ma' Transparency International sabiex nipproponu approċċ ġdid għall-monitoraġġ tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni. Jeħtieġ li n-nies jaraw b'għajnejhom kif naħdmu sabiex ikunu jistgħu jafdaw l-azzjonijiet tagħna. Il-proġett pilota tal-patti Ewropej dwar l-integrità kkontribwixxa għal dan l-għan.

Din il-gwida Prattika hija msejsa fuq l-esperjenzi u fuq it-tagħlimiet mill-proġett pilota. Biha, għandna l-għan li nipprovdu passi ċari li għandhom jiġu segwiti fi proġetti futuri. Nittamaw li aktar sħab jingħaqdu magħna fl-iżvilupp ta' patti ta' integrità Ewropej. Filwaqt li nibnu fuq il-kisbiet tal-proġett pilota, nistennew b'ħerqa li nkomplu naħdmu fi sħubija mal-Istati Membri, mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, u mas-soċjetà ċivili sabiex insaħħu u nipromwovu l-valuri ewlenin tal-Unjoni Ewropea.

**Elisa Ferreira,**

*Il-Kummissarju Ewropew għall-Koeżjoni u r-Riformi*



It-trasparenza u l-akkontabilità fl-użu tal-fondi pubbliċi qatt ma għandhom jittieħdu bħala fatt, speċjalment fl-ikkuntrattar pubbliku. Anke meta jkunu jeżistu liġijiet adegwati, korpi ta' sorveljanza robusti u awtoritajiet professjonali, ma għandniex nippermettu opaċità u diskrezzjoni mhux ikkontrollata. It-tisfih tas-salvagwardji huwa kruċjali sabiex jiġu evitati każijiet ta' individwi u ta' ditti korrotti li jisirqu fondi pubbliċi, li huma tant importanti għall-benessri tal-komunitajiet u tal-pajjiżi tagħna. Il-gvernijiet, in-negozji u ċ-ċittadini għandhom jaħdmu flimkien u jinsistu favur mekkaniżmi usa' u robusti li jiproteġu l-fondi pubbliċi u l-investimenti u li jiggarrantixxu l-aħjar użu tagħhom.

Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Politika Reġjonali u Urbana (DG REGIO) u Transparency International jikkondividu dan it-twemmin u stabbilew proġett pilota sabiex jirrieżaminaw kif ir-riċevituri ta' fondi tal-Unjoni Ewropea (UE) jistgħu jibbenefikaw mill-patt ta' integrità, għodda li ssaħħaħ it-trasparenza u l-akkontabilità fi proġetti ta' kkuntrattar pubbliku.

Wara sitt snin, il-kollaborazzjoni ta' 32 awtorità pubblika li rċiew fondi tal-UE u ta' 15-il grupp tas-soċjetà ċivili li mmonitorjaw 18-il proġett ta' kkuntrattar pubbliku tat riżultati sinifikanti. L-esperjenza tagħhom ikkonfermat li l-aċċess miftuħ u l-monitoraġġ ċiviku għandhom rwol strumentali fl-iżgurar ta' offeriti robusti, ta' kompetizzjoni akbar, ta' trattament ugwali u ta' ġestjoni proċedurali tajba. Daqstant ieħor importanti, il-proġett pilota pprovda tagħlim u għarfien sabiex il-patt ta' integrità jinbidel fi prattika regolari fl-UE u jikkontribwixxi għal ikkuntrattar pubbliku miftuħ u nadif.

Din il-gwida hija mfassla għall-qsim tal-għarfien. L-informazzjoni ppreżentata hawn hija aktar minn sommarju tal-proġett pilota. Tipprovdi pariri u gwida dwar il-prattikalitajiet tal-promozzjoni, tal-adozzjoni u tal-implimentazzjoni tal-patti ta' integrità. Nittamaw li tispirak biex tingħaqad magħna f'dan il-vjaġġ biex niżguraw li l-ikkuntrattar pubbliku jagħti l-aħjar riżultati fl-UE u lil hinn minnha.

Nirringrazzjaw il-ħafna persuni li kienu involuti f'dan il-proġett pilota għall-kontributi tagħhom u nittamaw li jkomplu jaħdmu mill-qrib fuq il-protezzjoni tar-riżorsi tal-pubbliku fil-futur.

**Delia Ferreira Rubio,**

*President ta' Transparency International*

# ***IL-PROĠETT PILOTA PATTI TA' INTEGRITÀ TAL-UE***

Fl-2015, Transparency International, il-Kummissjoni Ewropea (permezz tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, DG REGIO) u 15-il organizzazzjoni sħab fi 11-il Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (UE) użaw l-patti ta' integrità u bdew proġett pilota sabiex itejbu t-trasparenza u s-sorveljanza ta' sett ta' proċeduri ta' kkuntrattar pubbliku fi 18-il investiment iffinanzjat mill-UE.



*Patt ta' Integrità (PI) huwa mekkaniżmu li ġie stabbilit minn Transparency International sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet u l-offerenti jaġixxu fil-limitu tar-restrizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, jindirizzaw ir-riskji ta' korruzzjoni u jkattru l-fiduċja fi proġett ta' kkuntrattar pubbliku. Permezz ta' ftehim pubbliku, il-partijiet jieħdu impenn li ma jwettqu l-ebda mgħiba korrotta, li jtejbu t-trasparenza u r-responsabbiltà matul il-proċess, u li jintegraw mekkaniżmu indipendenti mmexxi mis-soċjetà ċivili sabiex jimmonitorjaw il-konformità mar-regolament applikabbli u mal-ftehim innifsu u jinformat lill-pubbliku dwaru.*

Minbarra l-inkorporazzjoni ta' organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili bħala osservatur indipendenti ta' dawn l-investimenti speċifiċi, il-proġett kellu għan usa'. Kellu l-għan li jivvaluta r-rilevanza ta' din l-għodda għall-allinjament tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku mal-prinċipji korrispondenti tal-UE<sup>1</sup> u għall-iskoraġġiment ta' mgħiba li tmur kontra l-liġi u l-interess pubbliku.

Bħala proġett pilota, kien mistenni jipprovdi għarfien dwar kif l-użi futuri tal-PI jistgħu jiġu adattati aħjar għall-kundizzjonijiet legali, istituzzjonali u operazzjonali osservati madwar l-UE. Is-sejbiet u t-tagħlimiet jgħinu sabiex jiġi ċċarat jekk l-PI jistgħux isiru prattika regolari fl-Istati Membri kollha u jipprovdu gwida dwar kif għandhom jiżviluppawhom ħalli jsaħħu t-trasparenza, l-akkontabbiltà u l-integrità fl-akbar suq tal-akkwist pubbliku fid-dinja.

## X'inhuma l-prinċipji tal-akkwist tal-UE?

Id-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku huma strumenti legali adottati mill-Istati Membri kollha li fihom definizzjonijiet u regoli kondiviżi li jiggwidaw l-ippjanar, l-għoti u l-eżekuzzjoni ta' kuntratti pubbliċi li jkunu mistennijin ikollhom ċertu valuri jew aktar. Il-prinċipji ewlenin ta' dawn id-direttivi huma:

- it-trasparenza
- it-trattament ugwali
- il-kompetizzjoni miftuħa
- l-immaniġġjar proċedurali sod

Sors: Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs.

Disponibbli fuq:

[https://ec.europa.eu/growth/single-market/public-procurement\\_mt](https://ec.europa.eu/growth/single-market/public-procurement_mt)

F'konformità ma' dawn l-oġġettivi, il-biċċa l-kbira tat-tweġibiet ħarġet wara l-monitoraġġ ta' sitta u erbgħin proċedura ta' kkuntrattar pubbliku<sup>2</sup> fuq perjodu ta' ħames snin. It-tweġibiet ittieħdu minn rapporti mħejjijin mill-organizzazzjonijiet sħab u mir-reġistri miżmumin sabiex jiġu segwiti l-oġġettivi intermedji, ir-rakkomandazzjonijiet u l-kwistjonijiet osservati fl-attivitajiet ta' monitoraġġ. Ġew ippreżentati u diskussi f'fora, xi drabi bħala parti mid-djalogi tas-sħab ma' dawk li jfasslu l-politika sabiex jagħmlu pressjoni għar-riformi fil-pajjiżi tagħhom, u drabi oħrajn f'konverżazzjonijiet li jqanqlu l-ħsieb fost il-membri u l-alleati ta' din is-sħubija.


Madankollu, minħabba l-ambitu u l-kumplexità tal-ħafna fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati f'esplorazzjoni tal-kwistjoni ċentrali tal-proġett dwar il-futur tal-għodda, is-sejbiet u t-tagħlimiet iridu jiġu organizzati f'partijiet differenti. Hemm bżonn ta' diversi passi sabiex jintwera kif l-PI jistgħu jintegraw aħjar mas-sett ta' għodod tal-UE għas-salvagwardja u għat-

titjib tal-ikkuntrattar pubbliku, u kif dan jista' jseħħ. Dan huwa konformi mal-istadji li tgħaddi minnhom l-għodda, u l-atturi involuti f'kull wieħed minnhom. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-pubblikazzjoni tqassmet fi tliet gwidi interkonnessi.

Is-sejbiet u t-tagħlimiet huma organizzati f'din l-istruttura sabiex jappellaw għal tipi differenti ta' qarrejja u jrawmu l-kollaborazzjoni u s-sinerġiji.

- Il-Gwida Nru 1 ġiet żviluppata għal dawk fis-soċjetà ċivili, fil-gvern jew fis-settur privat li jaqsmu t-tħassib dwar l-ikkuntrattar pubbliku f'pajjiżhom u huma interessati li jtejbju s-sorveljanza u jiksbu eżiti aħjar permezz ta' attivitajiet ta' monitoraġġ ċiviku bħall-PI.
- Il-Gwida Nru 2 hija mmirata lejn l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li qablu li jimplimentaw PI, billi tenfasizza aspetti ewlenin għal kollaborazzjoni b'suċċess.
- Il-Gwida Nru 3 hija primarjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaġixxu bħala osservaturi indipendenti f'PI u jmexxu l-mekkaniżmu ta' sorveljanza.

Flimkien, dawn it-tliet gwidi – infurmati mill-proġett pilota Patti ta' Integrità tal-UE – għandhom jipprovdu għarfien rilevanti sabiex tinftiehem l-għodda, tithegġegħ l-adozzjoni tagħha u tiġi megħjuna l-implimentazzjoni rikorrenti u sistematika tagħha fl-UE mill-atturi involuti fil-proċess.



### ***GWIDA NRU 1: Kisba ta' rikonoximent u ta' adozzjoni aktar mifruxin madwar l-UE***

Tipprovdi analiżi tax-xenarju ta' referenza tal-importanza u tal-benefiċċji tat-tiżni tas-sorveljanza fl-ikkuntrattar pubbliku permezz ta' monitoraġġ indipendenti u mmexxi miċ-ċittadini. Tistabbilixxi sensiela ta' rakkomandazzjonijiet, ta' argumenti u ta' opportunitajiet sabiex jinbena, jiġi ppreżentat u kkomunikat il-bżonn ta' adozzjoni usa' tal-PI. Għandha l-għan li tinforma l-istrateġiji tal-promoturi tagħha biex tikseb l-appoġġ tal-partijiet ikkonċernati rilevanti sabiex jimplementaw l-PI u l-miżuri assoċjati.

### ***GWIDA NRU 2: Tfassil ta' patti ta' integrità adegwati għall-użu***

Pass intermedju li fih jiġu ddefiniti l-ambitu, l-impenji u r-regoli tal-intervent ta' monitoraġġ. Is-sejbiet u t-tagħlimiet f'din it-taqsimha jgħinu lill-gruppi tas-soċjetà ċivili u lill-awtoritajiet jistabbilixxu PI sod u vinkolanti. Jipprovdu gwida għad-deċiżjonijiet fundamentali u għall-kwistjonijiet trażversali. Jinkludu informazzjoni dwar l-għażla tal-proġett u tal-organizzazzjoni tal-monitoraġġ, ir-regoli li jiggwidaw il-kollaborazzjoni, l-involviment tal-benefiċjarji u taċ-ċittadini, u suġġetti oħrajn li jħallu impatt fuq l-implimentazzjoni tal-PI.

### ***GWIDA NRU 3: Żgurar ta' monitoraġġ effettiv***

Tiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-PI u b'mod partikolari fuq l-attivitajiet ta' monitoraġġ matul iċ-ċiklu kollu tal-ikkuntrattar pubbliku. Din it-taqsimha toffri pariri konkreti għat-tiżni tas-solidità tal-monitoraġġ u għat-titjib ulterjuri tal-kwalità tas-sorveljanza minn osservatur tas-soċjetà ċivili. Riskji u sfidi speċifiċi li x'aktarx tiltaqa" magħhom l-organizzazzjoni ta' monitoraġġ huma enfasizzati flimkien ma' eżempji u ma' gwida kif jingħelbu.

# ***GWIDA NRU 1: KISBA TA' RIKONOXXIMENT U TA' ADOZZJONI AKBAR FL-UE KOLLHA***

L-ikkuntrattar pubbliku huwa mutur ewlieni fis-suq uniku tal-UE. Il-liġijiet u r-regolamentazzjoni għat-twaqqif tiegħu stabbilew l-akbar suq tal-ikkuntrattar pubbliku fid-dinja li jippermetti lin-negozji mis-27 Stat Membru tal-UE u minn pajjiżi oħrajn joffru firxa wiesgħa ta' oġġetti u ta' servizzi lil eluf ta' gvernijiet u ta' entitajiet pubbliċi. Filwaqt li n-numru totali ta' kuntratti mogħtijin kull sena ma huwiex ċar, huwa stmat li l-valur tagħhom jammonta għal aktar minn 14 % tal-PDG tal-blokk.<sup>3</sup> Lil hinn mid-daqs tal-ikkuntrattar pubbliku, dan għandu rwol rilevanti fl-għoti ta' servizzi ta' kwalità liċ-ċittadini tal-UE u biex tingħata spinta lill-attività ekonomika u lill-innovazzjoni. Dan ir-rwol jitlob aktar trasparenza, akkontabilità, parteċipazzjoni u integrità.

## 1.1 L-UE GĦANDHA TISFRUTTA L- POTENZJAL TAL-MONITORAĠĠ IMMEXXI MIĊ-ĊITTADINI?

L-UE żviluppat wieħed mill-aktar oqfsa regolatorji komprensivi għall-ikkuntrattar pubbliku fid-dinja kollha. F'konformità mar-rilevanza u mad-daqs tal-ikkuntrattar pubbliku, is-sorveljanza għandha rwol predominanti u struttura kumplessa ta' awtoritajiet u ta' mekkaniżmi ngħatat il-kompitu li tiżgura l-użu adegwat tal-kuntratti pubbliċi u tar-riżorsi li jiffinanzjawhom u l-protezzjoni tagħhom.

Fost l-Istati Membri, il-comptrollers interni, l-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar, ir-regolaturi tal-kompetizzjoni u oħrajn jeżerċitaw kontroll fuq il-proċess tal-ippjanar, tal-għoti u tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti pubbliċi, iffinanzjati b'riżorsi tal-UE jew nazzjonali. Madankollu, skont diversi analiżijiet, l-ikkuntrattar pubbliku għadu wieħed mill-aktar vetturi frekwenti għall-frodi u għall-korruzzjoni fl-UE. Bħala eżempju, rapport tal-2016 ikkummissjonat mill-Parlament Ewropew stima li madwar EUR 5 biljun fis-sena jintilef permezz ta' kuntratti korrotti.<sup>4</sup>

Ħafna drabi jiġu diskussi u implimentati miżuri ulterjuri sabiex tiġi indirizzata l-problema. Pereżempju, fil-livell tal-UE, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) beda jopera fl-1 ta' Ġunju 2021. F'koordinazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), dan jinvestiga u jieħu passi legali f'każijiet speċifiċi li jinvolvu frodi u korruzzjoni li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE. Il-kompitu huwa impenjattiv meta wieħed iqis li l-OLAF irrapporta 3 431 irregolarità frawdolenti relatati man-nefqa ffinanzjata mill-UE, li kienu jinvolvu madwar EUR 2.3 biljun, bejn l-2015 u l-2019.<sup>5</sup>

Filwaqt li dawn is-salvagwardji istituzzjonali huma fundamentali, l-awtoritajiet kontraenti u ta' sorveljanza ta' spiss jiffaċċjaw limitazzjonijiet u sfidi għall-kapaċitajiet tagħhom li jilħqu l-objettivi tagħhom u jissalvagwardjaw ir-riżorsi disponibbli kontra l-frodi u l-korruzzjoni. Id-daqs tal-ikkuntrattar pubbliku fl-UE u l-firxa wiesgħa ta' riskji li qed tiffaċċja jitolbu twessigħ fl-ambitu tal-atturi indipendenti li jimmonitorjaw u jappoġġaw lil dawn l-awtoritajiet. Din l-azzjoni hija kruċjali minħabba n-numru straordinarju ta' investimenti futuri li jiddependu fuq l-ikkuntrattar pubbliku u r-riżorsi involuti.

Fost l-alternattivi, is-sħubija maċ-ċittadini u mal-gruppi tas-soċjetà ċivili organizzata toffri waħda mill-aktar opportunitajiet promettenti sabiex tiżdied is-sorveljanza kif meħtieġ.<sup>6</sup> Minkejja xi rikonoxximent mill-awtoritajiet u minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE, ma hemm l-ebda inizjattiva jew mekkaniżmu formali li jinkorpora monitoraġġ indipendenti mmexxi miċ-ċittadini fl-ikkuntrattar pubbliku.

Il-proġett pilota Patti ta' Integrità tal-UE kien wieħed mill-aktar tentattivi reċenti sabiex jiġu eżaminati r-rwol u l-effetti tas-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ tal-kuntratti pubbliċi u sabiex tiġi pprovduta aktar evidenza sabiex dawn – u għodod oħrajn ta' natura simili – isiru Prattika regolari. Madankollu, hemm bżonn aktar promozzjoni u tixrid. Il-ħolqien ta' aktar opportunitajiet għal monitoraġġ immexxi miċ-ċittadini għandu jingħata prijorità billi huwa pass kruċjali lejn struttura aktar robusta għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-korruzzjoni fl-ikkuntrattar pubbliku.

Sabiex dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet li għadhom qed joqogħdu lura milli jinkorporaw sorveljanza esterna addizzjonali jikkonvinċu rwieħhom, dawk li jipproponu u jappoġġaw din it-tip ta' miżura, kemm jekk fis-soċjetà ċivili kif ukoll fis-setturi tan-negozju u tal-gvern, għandhom jikkordinaw u jartikolaw l-aktar fatti, każijiet u analiżi rilevanti fi proposta b'valur ċar. Meta jagħmlu dan, il-proponenti u l-alleati tagħhom għandhom jikkunsidraw l-aspetti li ġejjin.

- **Approċċ ibbażat fuq ir-riskju.** Il-monitoraġġ indipendenti għandu jimmira lejn swieq jew awtoritajiet li jiffaċċjaw skemi rikorrenti ta' frodi u ta' korruzzjoni, imġiba antikompetittiva u riskji simili li jheddu l-valur u l-integrità ta' kuntratt pubbliku. Bid-data disponibbli fl-UE, iprovduta minn bosta sorsi, jistgħu jiġu identifikati kwistjonijiet u riskji rikorrenti għall-ġuriżdiżjonijiet u għas-setturi nazzjonali u subnazzjonali. Il-proponenti huma mħeġġin isiru midħla tas-settijiet ta' data u tar-rapporti li jħejju ċ-ċentri u l-awtoritajiet tar-riċerka – bħall-OLAF u entitajiet simili – sabiex tinġabar evidenza li ssostni l-ħtieġa u d-domanda għal monitoraġġ indipendenti, tenfasizza l-aktar riskji urġenti u tipprovdi inċentivi għall-adozzjoni.
- **Enfasi fuq il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni bikrija.** L-aktar miżuri reċenti, inkluża l-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, iffukaw fuq li jiġu investigati u

ssanzjonati l-awtoritajiet u l-entitajiet involuti wara li jfeġġu l-każijiet. Trid tingħata kunsiderazzjoni ugwali lil miżuri li jiskoraġġixxu, jidentifikaw u jikkoreġu mgħiba li twassal għal frodi jew għal korruzzjoni, sabiex jiġu evitati effetti dannużi u għaljin. Flimkien ma' li jenfasizzaw l-importanza tal-PI, il-promoturi jistgħu jgħaqqdu l-idoneità tal-monitoraġġ immexxi mis-soċjetà ċivili u tal-PI mal-prevenzjoni.

- **Trawwim u allinjament tal-inċentivi fost il-partijiet ikkonċernati.** F'konformità mal-enfasi fuq il-kwistjonijiet u fuq ir-riskji li jaffettwaw l-ikkuntrattar pubbliku, il-proponenti għandhom jikkunsidraw taħlita ta' azzjonijiet li jenfasizzaw ir-rilevanza u l-ħtieġa għall-partijiet ikkonċernati sabiex jappoġġaw mekkaniżmi ta' sorveljanza addizzjonali. Għandu jitfittex li jinbnew djalogu dirett u l-pedamenti għall-fiduċja u għall-kollaborazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi. Barra minn hekk, il-komunitajiet u l-operaturi tas-suq affettwati għandhom ikunu involuti u konvinti dwar l-effetti potenzjali. Dan jista' jżid inċentivi għall-awtoritajiet sabiex jadottaw u jimplimentaw l-PI.
- **Konnessjoni mal-pjattaformi dwar ir-riforma tal-politika.** Il-proponenti għandhom jimmiraw lejn l-adozzjoni sistematika, aktar milli l-implimentazzjoni ta' darba. Sabiex jinkiseb dan, jistgħu jirrkorru għal mekkaniżmi jew għal fora li fihom jiġu diskussi u riveduti l-politiki tal-gvern. Fl-UE, iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew, is-Sħubija ta' Gvern Miftuħ (OGP)<sup>7</sup> u konsultazzjonijiet pubbliċi organizzati mill-istituzzjonijiet tal-UE huma pjattaformi rilevanti għall-promozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet u ta' impenji li jindirizzaw il-politiki dwar l-ikkuntrattar pubbliku u s-sorveljanza.

Hekk kif ir-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku u l-impenji tal-gvern ivarjaw bejn il-pajjiżi, hekk ukoll se jvarjaw l-inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni. Il-progress u l-effettività tal-attivitajiet ta' promozzjoni għandhom jitkejlu skont impenji u miżuri formali li jinkorporaw mekkaniżmi ta' monitoraġġ immexxjin miċ-ċittadini fl-ikkuntrattar pubbliku.

## L-aktar impenji riċenti tal-Portugall sabiex itejjeb il-monitoraġġ tal-fondi pubbliċi

Fl-isfond ta' riforma fil-Kodiċi tal-Akkwist Pubbliku tal-Portugall, li żied il-limitu li jippermetti għotjiet diretti, Transparency International Portugal nediet sforzi ġodda sabiex twessa' s-sorveljanza tal-kuntratti tal-gvern. Sforz sostnut ta' promozzjoni – imwettaq b'mod parallel mal-implimentazzjoni ta' PI – wassal sabiex il-gvern tal-pajjiż jirrikonoxxi fl-aktar Strateġija Nazzjonali riċenti tiegħu Kontra l-Korruzzjoni<sup>8</sup>, il-ħtieġa li jsaħħaħ il-monitoraġġ tan-nefqa pubblika, inklużi l-kuntratti tal-gvern. L-azzjonijiet ta' TI Portugal enfasiszaw ir-riskji li għabu l-bidliet legali fir-rigward tat-trasparenza, tal-akkontabilità u tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari għall-investimenti futuri ffinanzjati mill-fondi ta' rkupru tal-UE. Jekk dawn il-fondi jitqiesu fuq bażi *per capita*, il-Portugall huwa t-tielet l-akbar riċevitur, eżatt wara l-Greċja u l-Kroazja. Permezz ta' komunikazzjoni attiva mal-leġiżlaturi, mal-ġurnalisti u mal-awtoritajiet u permezz tal-parteċipazzjoni formali tagħhom fil-proċess ta' konsultazzjoni tal-istrateġija, TI Portugal ippreżentat argumenti u inċentivi sabiex tappoġġa r-rakkomandazzjoni u r-rikonoxximent tal-PI bħala prattika tajba. Barra minn hekk, irnexxielhom jinkorporaw impenn simili fit-tieni pjan ta' azzjoni nazzjonali tas-Sħubija ta' Gvern Miftuħ,<sup>9</sup> li jqis l-implimentazzjoni tal-PI.

## 1.2 KIF GħANDU JIĠI PPREŻENTAT IL-PATT TA' INTEGRITÀ F'KUNTEST TAL-UE

Il-proġett pilota Patti ta' Integrità tal-UE kellu l-għan li jiddetermina kif l-għodda tintegra ma' kundizzjonijiet legali u istituzzjonali speċifiċi fl-UE. PI għandu diversi komponenti li, flimkien, irawmu t-trasparenza u l-akkontabilità u jiskoraġġixxu mgħiba li tmur kontra l-interess pubbliku. L-enfasi ta' kull komponent ta' spiss tiġi aġġustata skont fejn jiġi implimentat il-patt. Dan jippermetti marġni ta' flessibilità sabiex tiġi żgurata l-adozzjoni politika, jiġu ssodisfati l-aspettattivi tal-pubbliku u jiġu mmassimizzati l-effetti tal-PI.

Id-definizzjoni ta' PI ġiet aġġornata sabiex twassal deskrizzjoni preċiża tal-ambitu u tal-implikazzjonijiet tiegħu meta jiġi adottat fl-UE, fid-dawl tal-kundizzjonijiet osservati fil-proġetti ta' kkuntrattar pubbliku li ġew immonitorjati. F'dan il-kuntest, PI jista' jiġi ppreżentat kif ġej.

*Patt ta' integrità huwa mekkaniżmu li jippermetti l-kollaborazzjoni bejn entità pubblika (jew grupp ta' entitajiet pubbliċi) u s-soċjetà ċivili sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet u l-offerenti jaġixxu fi ħdan ir-restrizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, jindirizzaw ir-riskji ta' korruzzjoni u jkatru l-fiduċja fi proġett b'ikkuntrattar pubbliku. Permezz ta' ftehim pubbliku, il-partijiet involuti jieħdu impenn li ma jwettqux imġiba korrotta, li jtejbu t-trasparenza u r-responsabbiltà matul il-proċess u li jintegraw mekkaniżmu indipendenti mmexxi mis-soċjetà ċivili sabiex jimmonitorja l-konformità mar-regolament applikabbli u mal-ftehim innifsu u jinformaw lill-pubbliku dwaru.*

Il-komponenti u l-karatteristiċi ewlenin ta' PI huma deskritti hawn taħt.

- PI huwa qafas li jippermetti sett ta' atturi ta' tipi differenti jikkollabora fi proġett ta' kkuntrattar pubbliku. L-ewwel u qabel kollox, jimplika l-parteċipazzjoni tal-entità pubblika responsabbli għall-proċedura tal-ikkuntrattar – kemm jekk tkun aġenzija tal-gvern kif ukoll jekk tkun intrapriża tal-istat – u s-soċjetà ċivili. Entitajiet oħrajn, bħall-korpi ta' ġestjoni u ta' sorveljanza jew saħansitra offerenti interessati jistgħu jieħdu sehem.
- Meta wieħed iqis ir-regolamentazzjoni estensiva madwar l-UE dwar l-ikkuntrattar pubbliku, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u kwistjonijiet relatati oħrajn – bħall-ġestjoni tal-baġit, il-kompetizzjoni jew il-ħasil tal-flus – l-iskop tal-kollaborazzjoni jiffoka fuq iż-żamma tar-regolamentazzjoni applikabbli,

il-prevenzjoni tal-korruzzjoni, il-massimizzazzjoni tal-valur għall-flus u t-tisħiħ tal-fiduċja tal-pubbliku.

- Il-partijiet jaħdmu flimkien sabiex jindirizzaw kwalunkwe riskju jew kundizzjoni li tista' tippermetti mġiba li tmur kontra dik awtorizzata bil-liġi li x'aktarx taffettwa l-valur u l-fiduċja tal-pubbliku.
- Il-kollaborazzjoni tiġi fformalizzata permezz ta' ftehim pubbliku li jorbot lill-partijiet ma' sett ta' impenji. Skont l-arranġamenti legali, il-ftehim jista' jkun strutturat f'partijiet jew f'dokumenti differenti. Il-kontenut tiegħu jista' jitfassal ukoll skont il-kundizzjonijiet tal-pajjiż, dment li jaderixxi mal-komponenti essenzjali tal-PI. Dawn huma:
  - Wegħda mill-partijiet involuti, li fiha jaqblu li jaġixxu skont il-liġi u jipprevjenu l-korruzzjoni matul il-proċess. Meta jkun possibbli, l-offerenti jew il-kuntrattur magħżul għandhom jissieħbu f'dan l-impenn.
  - Sett ta' miżuri sabiex tingħata trasparenza u tissaħħaħ l-akkontabilità matul il-proċess, inkluż l-għoti lill-osservatur tas-soċjetà ċivili aċċess għad-dokumentazzjoni kollha.
  - Mekkaniżmu ta' sorveljanza ffinanzjat – ikkoordinat mis-soċjetà ċivili u appoġġat minn esperti rilevanti – li huwa responsabbli għall-monitoraġġ tal-proċess ta' kkuntrattar u tal-ftehim ġenerali, li jipprovdi rakkomandazzjonijiet u jinforma regolarment lill-pubbliku dwar l-iżvilupp tagħhom.

Dawn il-komponenti kollha kienu kompatibbli mas-sistemi ta' kkuntrattar pubbliku fejn ġew implimentati l-PI. Matul il-proġett pilota, l-organizzazzjonijiet sħab osservaw li, b'mod ġenerali, l-oqfsa legali appoġġaw l-adozzjoni tagħhom. Huwa biss fi ftit okkażjonijiet li ċerti dispożizzjonijiet fil-livell nazżjonali jew lokali llimitaw l-ambitu u l-kwalità tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dawn il-limitazzjonijiet ingħelbu b'arranġamenti provviżorji jew b'miżuri supplimentari. Meta jitqiesu l-isforzi multipli ta' armonizzazzjoni tal-liġijiet fl-UE sabiex jissaħħaħ is-



suq intern, b'mod partikolari dawk immirati lejn l-akkwist mis-settur pubbliku, nistgħu nassumu li l-implimentazzjoni ta' PI hija possibbli fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, ir-regolamentazzjoni u l-prattiki dwar it-trasparenza tal-gvern u l-aċċess għall-informazzjoni ġew adottati b'mod mifruq u promossi b'mod attiv fl-UE bħala mekkaniżmu għall-kontroll pubbliku.

### **1.3 X'INHI L-PROPOSTA TAL-VALUR TAL-PATT TA' INTEGRITÀ GĦALL-UE?**

Il-ħidma ta' monitoraġġ tal-15-il organizzazzjoni sħab involuti fil-proġett pilota Patti ta' Integrità tal-UE – li jkopri 46 proċedura ta' kkuntrattar pubbliku – mhux biss ittestjat l-oġġettivi ewlenin tal-PI iżda l-esperjenzi diversi minnha għenuna wkoll nidentifikaw id-dinamika jew l-attributi sottostanti li jagħmlu l-PI għodda attraenti u effettiva sabiex tingħata spinta lill-integrità fl-ikkuntrattar pubbliku fl-UE.

Bl-użu ta' dan l-għarfien, issa hija disponibbli proposta ta' valur ġdida u aktar preċiża għall-adozzjoni tal-PI f'kuntest tal-UE.

- L-PI huwa strument li jagħti prijorità lill-azzjoni korrettiva fuq miżuri punittivi. Il-preżenza u l-kollaborazzjoni attiva ta' parti terza indipendenti – il-monitoraġġ tas-soċjetà ċivili – iżidu l-possibbiltà li jiġu identifikati u indirizzati d-dgħufijiet, ir-riskji u n-nuqqasijiet fi proġett ta' kkuntrattar pubbliku. Meta tim ta' monitoraġġ tal-PI jingħata aċċess f'waqtu għall-informazzjoni u spazju għad-deliberazzjoni, dan jista' jipprovdi rakkomandazzjonijiet sabiex jiġu ssodisfati d-domandi u jintlaħqu l-oġġettivi tal-kuntratt.

*Fil-proġett pilota Patti ta' Integrità tal-UE, ġew irreġistrati aktar minn 430 rakkomandazzjoni mill-organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ. Dawn varjaw minn osservazzjonijiet proċedurali sa estimi finanzjarji u kontestazzjonijiet legali. L-awtoritajiet irrieżaminawhom u*

*aġixxew kif xieraq meta tqiesu rilevanti u fattibbli. F'xi każijiet, l-awtoritajiet ħadu miżuri preventivi kontra ċirkostanzi potenzjalment devjanti jew tejbu l-kwalità tal-proċedura.*

- L-PI isaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali. Ir-rwol tal-osservatur tas-soċjetà ċivili ma huwiex li jissostitwixxi l-awtorità iżda li jtejjeb il-ħidma tagħha fl-istadji ta' proġett ta' kkuntrattar pubbliku permezz ta' azzjoni konċertata. L-organizzazzjoni ta' monitoraġġ tlaqqa' u tikkoordina l-għarfien espert sabiex tappoġġa l-ħidma tagħha, li min-naħa tagħha tiġi ttrasferita lill-awtoritajiet fil-forma ta' analiżi u ta' pariri.
- L-osservazzjoni u l-appoġġ esterni huma ta' għajjnuna sabiex jittrażżnu u jiġu ġestiti l-pressjoni u r-restrizzjonijiet. Il-preżenza ta' parti indipendenti, iggwidata mill-interess pubbliku, iżżid inċentivi għall-konformità mar-regolamenti u għat-tweqqif tal-proċedura ta' kkuntrattar skont kunsiderazzjonijiet tekniċi u legali minflok politiċi. L-aġġornamenti pubbliċi ta' osservaturi indipendenti dwar il-proġett, inklużi l-analiżi u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom, jinċentivaw ulterjorment imġiba konstruttiva u jrawmu l-fiduċja tal-pubbliku.

Flimkien, dawn l-attributi jista' jkollhom firxa wiesgħa ta' effetti, skont il-karatteristiċi tal-proġett ta' kkuntrattar u tas-swieg relatati. Meta PI ikun inkorporat f'investiment strateġiku li jiġbed l-attenzjoni pubblika, u jiffaċċja kundizzjonijiet avversi tas-suq jew riskji ta' korruzzjoni, dan ikun aktar probabbli li jkollu benefiċċji tanġibbli. Il-partijiet involuti fl-PI jaħdmu flimkien sabiex jaqblu dwar l-effetti previsti u jstabbilixxu mekkaniżmu sabiex isegwu l-prestazzjoni.

Fil-każ tal-proġett pilota Patti ta' Integrità tal-UE, is-sħab tal-proġett sawru u ffokaw l-analiżi tal-impatt tagħhom fuq sitt kategoriji, skont il-prijoritajiet u l-oġġettivi tal-proġett. It-tabella li ġejja tiddekrivi kull kategorija u tipprovdi eżempju ta' każ ta' impatt osservat matul il-proġett.



## Każijiet ta' impatt osservati skont il-kategorija fil-proġett pilota Patti ta' Integrità tal-UE

### Promozzjoni ta' valur aħjar għall-flus

It-titjib tal-eżitu tal-proċedura ta' kkuntrattar u s-salvagwardja jew il-massimizzazzjoni tal-valur ġenerali tal-kuntratt għall-pubbliku.

Matul ir-reviżjoni tal-abbozz tad-dokumenti tal-akkwist, Transparency International Hungary osservat li l-estimi preliminari tal-valur ta' kuntratt għad-disinjar ta' triq pubblika (EUR 4.2 miljun) kienu inkonsistenti ma' proġetti simili. Ladarba ġabret l-informazzjoni u l-evidenza pprovduti minn esperti tekniku, l-osservatur issuġġerixxa li l-awtorità kontraenti (AK) għandha tnaqqas il-valur tal-kuntratt għal EUR 2.8 miljun. Wara l-preżentazzjoni tal-każ, l-AK pprovdiet aktar referenzi u semmiet li kien hemm livell addizzjonali ta' kumplessità u li jkunu meħtieġa aktar studji għall-analiżi tal-ħamrija. Iż-żewġ partijiet irrevedew l-estimi mill-ġdid u qablu li jnaqqsu l-valur tal-kuntratt għal EUR 3.7 miljun. Fl-aħħar l-AK tat il-kuntratt ta' EUR 3.6 miljun.

### Thegħiġ tal-parteċipazzjoni, tal-kompetizzjoni u tal-ġustizzja

Għadd akbar ta' ditti li jagħmlu offerti għal kuntratt, skont il-kundizzjonijiet tas-suq osservati, u l-iżgurar li l-parteċipanti kollha jirċievu l-istess trattament u informazzjoni.

Proġett sabiex tiżdied ir-reġistrazzjoni tal-art madwar ir-Rumanija kollha, immonitorjat minn Transparency International Romania u mill-Istitut għall-Ordni Pubbliku, bata sabiex ikopri l-lottijiet kontraenti pjanati u l-muniċipalitajiet kollha. B'mod partikolari, kien hemm nuqqas ta' interess fxi lottijiet, li ma rċewew l-ebda offerta. Sabiex jindirizzaw is-sitwazzjoni, l-osservaturi ħeġġew lill-AK twettaq konsultazzjoni tas-suq sabiex tiddiskuti mal-offerenti potenzjali l-inċentivi u l-ostakli għall-parteċipazzjoni tagħhom. Imbagħad, l-AK iltaqgħet mad-ditti u ġabret informazzjoni rilevanti sabiex taġġusta l-offerta u tattira aktar parteċipanti. L-effetti malajr ġew osservati u inkludew numru akbar ta' lottijiet li rċievew offerti fis-sejnhiet għal offerti segwenti u aktar kuntratti mogħtijin lil diversi ditti.

### Tisħiħ tat-trasparenza u tal-akkontabilità

Iż-żieda fl-aċċess pubbliku għall-iżvilupp tal-proġett ta' kkuntrattar fid-diversi stadji tiegħu u t-twessigħ tal-viżibbiltà tal-azzjonijiet meħudin mill-individwi u mid-ditti involuti fil-proċess.

Matul l-implimentazzjoni ta' proġett għar-rinnovazzjoni tas-sistemi tal-enerġija ta' sptar fis-Slovenja, kien hemm kwistjoni proċedurali fuq ħlas mitlub mill-kuntrattur, li kien jinkludi l-kost tal-materjali u tat-tagħmir li kienu ġew akkwistati iżda li kienu għadhom ma ġewx installati. L-AK nnutat il-problema u, sabiex tipprevjeni kwalunkwe nuqqas ta' qbil mal-kumpanija li pprovdiet is-servizz, talbet l-opinjoni ta' Transparency International Slovenia sabiex tikkonferma interpretazzjoni adegwata tar-regoli tal-ħlas. L-osservatur irreveda d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt u qabel mal-pożizzjoni tal-AK. Il-ħlas ġie pospost uffiċjalment sakemm ġew installati l-materjali u t-tagħmir, skont ir-regoli stabbiliti.

### Trawwim ta' puntwalità tal-proġetti

Il-kontribut għall-eżekuzzjoni tal-proġett skont il-ħtiġijiet taż-żmien u l-iskeda stabbilita, l-evitar tad-dewmien u l-isfidi legali, u l-promozzjoni ta' progress kostanti sat-tlestija.

L-AK responsabbli għar-rinnovazzjoni ta' sit arkeoloġiku u tal-mużew tiegħu fl-Italja kienet qiegħda tikkunsidra strateġija ta' kuntrattar kumplessa sabiex takkwista l-ħafna servizzi meħtieġa sabiex

jigwidaw u jinfurmaw lill-viżitaturi, inklużi sinjali u installazzjonijiet multimedjali. Dan kien ikun jinvolvi l-koordinazzjoni ta' xejn anqas minn seba' kuntratti ma' ditti sabiex jiġi żgurat li dawn ikollhom l-istess identità viżwali u jużaw l-istess materjali jew formati jew materjali jew formati kompatibbli. Dan l-ammont ta' xogħol iżid il-possibbiltajiet ta' dewmien u jtawwal l-implimentazzjoni tal-proġett. Barra minn hekk, żied ir-riskju ta' impatt negattiv fuq l-esperjenza tal-viżitaturi. Sabiex tissimplifika l-proċess, ActionAid Italy ssuġġeriet li l-kuntratti ta' servizz jingħaqdu f'offerta waħda. L-AK ddiskutiet l-istrateġija ma' awtoritajiet oħrajn, li appoġġaw il-proposta, u spiċċat isseġwi r-rakkomandazzjoni tal-osservatur.

### **Żieda tal-aċċess u tal-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini**

L-għoti tal-possibbiltà lill-benefiċjarji u lill-komunitajiet sabiex jinformaw u jkunu informati dwar il-proġett ta' kkuntrattar u saħansitra jikkontribwixxu għal kompiti matul l-iżvilupp tiegħu.

Transparency International Bulgaria fasslet u nediet għodda ta' rapportar online sabiex tagħti spinta lill-involvement taċ-ċittadini fi proġett sabiex tinbena mina. Dan ippermetta liċ-ċittadini, speċjalment mill-komunitajiet fl-inħawi, jikkondividu osservazzjonijiet inklużi rapporti dwar kwalunkwe kwistjoni relatata u jissottomettu mistoqsijiet. L-għodda ġabret diversi rapporti dwar id-dubji taċ-ċittadini fuq il-proġett. Kull darba li jirċievi wieħed, l-osservatur kellem lill-AK, ippreżenta t-tħassib taċ-ċittadin, u ġabar l-informazzjoni rilevanti sabiex jipprovdi tweġiba adegwata li aktar tard ġiet ippubblikata fil-pjattaforma ta' rapportar.

### **Appoġġ għall-bidliet istituzzjonali**

It-tfegġiġ u l-ġenerazzjoni ta' inċentivi għall-adozzjoni ta' regoli jew ta' Prattiki li jtejbju l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet fl-ikkuntrattar pubbliku u foqsmata relatati oħrajn u li jibqgħu wara t-tlestija tal-proġett u tal-PI.

Transparency International Romania u l-Istitut għall-Ordni Pubbliku kkummissjonaw kontroll tal-kondotta ta' kumpaniji mogħtijin kuntratti għal servizzi sabiex tiżdied ir-reġistrazzjoni tal-art. Ir-riżultati wrew riskji għoljin ta' kunflitt ta' interess. Peress li dan huwa suq speċjalizzat, l-uffiċjali tal-gvern u l-professjonisti huma aktar probabbli li jkollhom rabtiet ta' natura varja ma' xulxin. Pereżempju, xi diretturi jew membri tal-persunal kienu ħadmu fil-katasti lokali qabel ma marru fis-settur privat. Fuq il-bażi tas-sejbiet, l-osservaturi pproponew serje ta' miżuri sabiex jipprevjenu kwalunkwe influwenza indebita matul l-implimentazzjoni tal-kuntratti. Ipprovdew ukoll taħriġ għall-uffiċċji tal-katasti sabiex itejbu l-fehim tagħhom tar-riskji involuti. Dan l-isforz ikkontribwixxa sabiex titqajjem kuxjenza u tiżdied il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali li jittrattaw dawn is-sitwazzjonijiet u jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

## 1.4 IL-PATT TA' INTEGRITÀ JISTA' JKUN XPRUNATUR TA' SFORZI TA' RIFORMA USA'?

L-PI huwa għodda sabiex jiġu ssalvagwardjati investimenti pubbliċi speċifiċi, b'mod partikolari dawk b'valur konsiderevoli li jiffaċċjaw riskji kritiċi. Madankollu, hemm aktar benefiċċji inkorporati fit-fassil u fil-funzjonament tal-PI. Minbarra l-funzjoni primarja tiegħu, jista' jkollu effetti aktar estensivi meta l-partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li jittejjbu l-prattiki, il-proċeduri jew ir-regolamentazzjoni relatata tal-kuntratti pubbliċi u jqisu l-PI bħala parti minn sforz bħal dan.

L-ewwel nett, l-PI jista' jinforma l-inizjattivi ta' riforma meta jkun aktar minn esperjenza limitata ta' darba u jkopri sett ta' proċeduri ta' kkuntrattar pubbliku maż-żmien jew fl-istess settur. L-implimentazzjoni rikorrenti tippermetti li s-soċjetà ċivili timmonitorja sabiex tidentifika u tivvaluta kwistjonijiet sistemiċi li jaffettwaw suq speċifiku jew sett ta' proġetti jew awtoritajiet. Aktar importanti minn hekk, tippermetti lill-osservaturi jiġbru l-evidenza sabiex jibnu każ bl-għan li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet. Xi organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ fil-proġett pilota Patti ta' Integrità tal-UE identifikaw xi kwistjonijiet u daħlu f'kuntatt mal-leġiżlaturi jew mar-regolaturi sabiex jiżviluppaw u jiddiskutu soluzzjonijiet potenzjali. Oħrajn inkorporaw attivitajiet addizzjonali fil-monitoraġġ tagħhom sabiex jipprovdu taħriġ u jtejjbu l-kapaċitajiet speċifiċi tal-awtoritajiet u tal-offerenti, f'oqsma bħall-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess jew l-iżvelar ta' informazzjoni protetta.

Triq oħra sabiex jitwessa' l-ambitu ta' PI hija billi jintrabat ma' kwistjonijiet ta' politika li joħorġu matul il-proċedura ta' kkuntrattar pubbliku u jiġu antiċipati l-miżuri li jkunu rilevanti sabiex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet. Jekk il-partijiet ikunu diġà konxji minnhom, permezz tal-ftehim tal-PI, jistgħu jipproponu u jikkunsidraw azzjonijiet speċifiċi li jkunu ta' benefiċċju għall-monitoraġġ u għall-proġett ġenerali. Barra minn hekk, l-PI jista' jipprovdi spazju ta' appoġġ għall-ittestjar u għall-promozzjoni ta' miżuri innovattivi li jtejjbu t-trasparenza, l-akkontabilità u l-parteċipazzjoni fl-ikkuntrattar pubbliku. Pereżempju, jistgħu jiġu kkunsidrati dawn li ġejjin.

- **Data miftuħa.** Id-*data* dwar l-ikkuntrattar pubbliku għandha tkun disponibbli f'formati li jippermettu l-użu mill-ġdid u l-analiżi

tagħha sabiex tiftaħ mogħdijiet ġodda għall-involviment, għas-sorveljanza u għat-titjib. Permezz ta' PI, jistgħu jiġu miftehmin settijiet ta' *data* speċifiċi dwar x'se jiġi ddivulgat bħala *data* miftuħa,<sup>10</sup> idealment skont standards globali ta' pubblikazzjoni. L-PI jista' jpoġġi għall-wiri x'użu u x'valur għandu għall-monitoraġġ ta' proġett ta' kkuntrattar pubbliku.

- **Divulgazzjoni tal-assi u tal-interessi.** Id-divulgazzjoni tal-assi u tal-interessi hija Prattika kritika sabiex tiġi evitata l-korruzzjoni fl-ikkuntrattar pubbliku u fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-gvern. Meta tali informazzjoni tinġabar b'mod sistematiku f'pajjiż, l-osservaturi jittejjbu jinkorporawha fil-monitoraġġ. Meta l-informazzjoni titnaqqas jew tiġi limitata għal dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitti ta' interess, l-PI tista' tipproponi divulgazzjoni proattiva ta' informazzjoni aktar komprensiva mill-awtoritajiet.
- **Sjieda benefiċjarja.** Hekk kif l-UE timxi eqreb lejn il-ġbir sistematiku tad-*data* dwar is-sjieda benefiċjarja<sup>11</sup>, huwa vitali li jiġi enfasizzat il-valur tagħha għall-prevenzjoni ta' firxa wiesgħa ta' riskji ta' korruzzjoni fl-ikkuntrattar pubbliku. Meta d-*data* tkun disponibbli, l-osservaturi tal-PI jistgħu jtejjbu lill-awtoritajiet jagħmlu użu minnha, jidentifikaw il-kunflitti ta' interess u jipprevjenu influwenza indebita. Meta ma jkun disponibbli, il-ftehim tal-PI jista' jintuża sabiex l-awtoritajiet jimpenjaw ruħhom jiġbru tali *data* jew jistiednu lill-offerenti sabiex jiddivulgaw din l-informazzjoni b'mod volontarju.
- **Whistleblowing.** F'konformità mal-objettivi tal-PI, l-għoti ta' mekkaniżmu sikur tal-ogħla standard għar-rapportar ta' mġiba korrotta huwa impenn addizzjonali li għandu jiġi kkunsidrat. Meta ma jkun hemm l-ebda mekkaniżmu ta' żvelar ta' informazzjoni protetta fis-seħħ, l-awtoritajiet u l-osservatur tas-soċjetà ċivili huma mtejjgin jikkollaboraw sabiex jiżviluppaw politika u jstabbilixxu mezz kif jirċievu u jinvestigaw ir-rapporti, tal-anqas matul il-ħajja tal-proċedura ta' kkuntrattar pubbliku li tkun qed tiġi mmonitorjata. Jekk diġà teżisti politika, reviżjoni tal-funzjonament xieraq tagħha tista' tkun marbuta wkoll mal-PI.

- **Illobbjar u finanzjament politiku.** Sabiex tiġi evitata l-korruzzjoni, huwa essenzjali li jkun hemm aċċess għal informazzjoni dwar laqgħat jew kwalunkwe attività oħra mwettqa minn kumpaniji, minn assoċjazzjonijiet, minn organizzazzjonijiet u minn individwi sabiex jinfluwenzaw lill-awtoritajiet fi proċedura ta' kkuntrattar pubbliku. Meta din l-informazzjoni tkun disponibbli, l-osservatur tas-soċjetà ċivili jista' jirrieżaminaha sabiex jipprevjeni kunflitt ta' interess jew jidentifika influwenza indebita potenzjali. Meta ma tkunx disponibbli, l-awtoritajiet jistgħu jaqblu li jiġbru u jipprovdu tali informazzjoni lill-osservatur, sabiex isaħħu l-imparzjalità u t-trattament ġust tal-offerenti potenzjali kollha. Barra minn hekk, id-*data* dwar l-illobbjar tista' tkun marbuta ma' rekords ta' finanzjament politiku sabiex jiġi evitat li proċedura ta' kkuntrattar pubbliku tintuża b'mod illegali sabiex jiġu ppremjati l-alleati.

L-PI jista' jkollu rwol strumentali fost il-firxa wiesgħa ta' inizjattivi li għandhom l-għan li jtejbu s-sistemi ta' kkuntrattar pubbliku fl-UE u jipproteġuhom minn frodi u minn korruzzjoni. Jista' juri wkoll l-effetti ta' dawn l-inizjattivi meta jiġu implimentati f'investimenti pubbliċi rilevanti. Kif juru l-eżempji preċedenti, dan jirriżulta mill-kapaċità tal-UE li timpenja lill-partijiet biex jadottaw miżuri prattiċi biex jirrispettaw il-liġi u jsaħħu s-sorveljanza.

# ***GWIDA NRU 2: TFASSIL TA' PATTI TA' INTEGRITÀ ADEGWATI GĦALL-UŻU***

Ladarba l-awtoritajiet ikunu rrikonoxxew il-valur tal-PI u ddeċidew li jintegrawhom fl-istrateġiji jew fil-prattiki tagħhom sabiex jissalvagwardjaw il-proġetti ta' kkuntrattar pubbliku, jeħtiġilhom jaħdmu mill-qrib mal-promoturi u mas-soċjetà ċivili għal adozzjoni u għal implimentazzjoni adegwati. Diversi aspetti jridu jiġu rrieżaminati u diskussi fit-tnejn għall-varar tal-għodda u tar-riżorsi. Fuq il-bażi tal-esperjenza tal-proġett pilota Patti ta' Integrità tal-UE u tar-riflessjoni tal-organizzazzjonijiet sħab tagħha, it-taqsimiet li ġejjin jiddiskutu aspetti essenzjali għall-implimentazzjoni ta' PI li jkun mgħammar b'mod adegwat sabiex jilħaq l-objettivi tiegħu.

## **2.1 ŻWIEĠ BEJN L-OBJETTIVI STRATEĠIĊI U L-PATTI TA' INTEGRITÀ**

L-għażla ta' proġett ta' kkuntrattar pubbliku li huwa soġġett għal PI hija waħda mill-aktar deċiżjonijiet b'konsegwenzi fl-effettività tal-għodda. Madankollu, id-deċiżjoni ma hijiex unidimensjonali. Tqabbil xieraq jimplika l-ponderazzjoni ta' varjabbli multipli u analiżi bir-reqqa li trid tkun sensitiva għall-kuntest speċifiku u għar-riskji u għall-kundizzjonijiet tal-kuntest. Il-proponenti u l-awtoritajiet li jfittxu li jimplimentaw PI huma m'heggin jistabilixxu djalogu dirett u jiskambjaw informazzjoni rilevanti li ssaħħa id-diskussjoni u l-għażla tal-proġett.

### ***Kif għandhom jiġu identifikati l-proġetti ta' kkuntrattar pubbliku fil-futur***

Il-gvernijiet u l-istituzzjonijiet madwar l-UE joperaw taħt ċikli politiċi u amministrattivi stabbiliti sabiex jaqblu dwar l-investimenti neċessarji u l-allokkazzjoni korrispondenti tal-fondi pubbliċi. L-investimenti huma msawrin mid-domanda għas-servizzi pubbliċi, għal politiki attivi u għal fatturi politiċi bħall-pjattaformi elettorali u l-wegħdiet tal-kampanji elettorali. L-ittraċċar u l-elenkar tagħhom huma l-mod primarju kif jiġu identifikati l-investimenti pubbliċi li għejjin li jinvolvu kuntratti pubbliċi. Sa ċertu punt, is-segwitu ta' dawn iċ-ċikli huwa komputu kontinwu għal dawm li jipproponu PI.

F'ċirkostanzi ideali, meta jkun hemm biżżejjed marġni għat-tnejn, ikunu jistgħu jintużaw diversi sorsi għat-tfittxija. Il-pjanijiet jew l-istrateġiji tal-gvern, l-informazzjoni baġitarja u dokumenti oħrajn fihom spunti rilevanti – u saħansitra referenzi espliċiti – dwar l-entitajiet u l-proġetti assenjati fondi pubbliċi li jwasslu għal proċeduri ta' kkuntrattar. Dawn spiss jitħejjew u jiġu ddivulgati minn korpi fil-fergħa eżekuttiva, bħal ministeri speċifiċi jew unitajiet tal-gvern. Il-korpi leġiżlattivi huma involuti billi jinneozjaw u japprovaw il-baġits u r-regoli tagħhom għall-użu u għall-iżborż. Billi kull pajjiż jew ġurisdizzjoni għandha s-sett ta' regoli u perjodi ta' żmien tagħha stess, l-atturi nazzjonali u lokali li jifhmu l-proċess u d-dinamika sottostanti tiegħu jeħtiġilhom imexxu r-rieżami u l-analiżi.

Fil-livell tal-UE, l-allokkazzjonijiet tal-finanzjament u tal-baġit isegwu wkoll ir-regoli u l-proċeduri

stabbiliti, iddeterminati mill-istrumenti finanzjarji u mid-dispożizzjonijiet korrispondenti tagħhom. Pereżempju, wara r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, il-fondi strutturali u ta' investment Ewropej (FSIE) jiġu miftehmin permezz ta' ftehimiet ta' sħubija nazzjonali u programmi operazzjonali sussegwenti, li jistgħu jiġu aġġornati u aġġustati matul il-perjodu ta' programmazzjoni. L-entitajiet li jinneozjaw u jimmaniġġjaw il-fondi disponibbli f'isem l-Istati Membri jvarjaw ukoll minn pajjiż għal ieħor. Dawn spiss jiddependu fuq l-istrument jew fuq il-qasam ta' politika. Rappreżentazzjonijiet permanenti jew ministeri jew unitajiet dedikati għall-affarijiet tal-UE jistgħu jkunu sors rilevanti ta' informazzjoni.

Il-viżibbiltà u l-aċċess miftuħ tal-proċeduri stabbiliti fil-livell nazzjonali u tal-UE jvarjaw f'kull pajjiż. Il-proponenti tal-PI jeħtiġilhom jidentifikaw u jagħżlu l-aktar mezzi u miżuri xierqa sabiex jiżguraw jew jagħtu aċċess f'waqtu għal diskussjonijiet u għal informazzjoni rilevanti dwar l-investimenti pubbliċi li għejjin lill-atturi involuti. Idealment, għandhom jaħdmu mill-qrib mal-awtoritajiet rilevanti kollha li jkunu interessati fl-istabbiliment ta' PI. F'xi każijiet, l-awtoritajiet jiddivulgaw l-informazzjoni b'mod proattiv jew jinvolvu lill-benefiċjarji u liċ-ċittadini permezz ta' konsultazzjonijiet. Meta dan ma jkunx il-każ, il-proponenti għandhom jiddiskutu kif jiskambjaw u jiddiskutu l-informazzjoni rilevanti bejn il-partijiet potenzjali kollha għall-PI. Id-disponibbiltà ta' kwalunkwe informazzjoni bħal *data* strutturata, idealment f'format miftuħ, hija mixtieqa sabiex jiġu aċċellerati r-rieżami u l-analiżi tagħha.

L-emerġenzi jew id-diżastri ma għandhomx jiġu injorati meta jiġu identifikati l-proġetti ta' kkuntrattar pubbliku fil-futur. Matul dawn l-avvenimenti, il-gvernijiet inevitabbilment iduru lejn is-swieq sabiex jakkwistaw oġġetti jew servizzi li jindirizzaw f'itigijiet urġenti. It-tnejn, l-għoti u l-eżekuzzjoni ta' kuntratti bħal dawn spiss jiffaċċjaw riskji akbar ta' mmaniġġjar ħażin, ta' frodi u ta' korruzzjoni. L-istabbiliment ta' PI jista' jgħin sabiex jittaffew dawn ir-riskji, għalkemm x'aktarx li jkun ta' sfida wkoll.

Minbarra s-sitwazzjoni immedjata, il-kriżijiet iwasslu għal investimenti pubbliċi futuri li ta' min jikkunsidrahom għall-monitoraġġ. Dawn ikollhom l-għan itaffu l-konsegwenzi tal-emerġenza jew tad-diżastri fuq il-komunitajiet affettwati jew iżommuhom milli jerġġu jseħħu.

## Transparency International Latvia u l-monitoraġġ tal-akkwist pubbliku matul il-COVID-19

Fil-bidu tal-pandemija tal-COVID-19 fl-2020, il-Kabinett tal-Ministri tal-Latvja ta struzzjonijiet lill-Ministeru tad-Difiża (MoD) sabiex imexxi strateġija ċentralizzata sabiex jixtri oġġetti vitali bl-għan li tiġi indirizzata l-kriżi tas-saħħa, inklużi tagħmir ta' sikurezza personali u sanitizzaturi. Sabiex jinkiseb dan, huwa waqqaf grupp ta' ħidma b'14-il parteċipant minn aġenziji tal-gvern. Billi kien imħasseb dwar l-isfidi li dan kien jimplika, il-ministeru daħal f'kuntatt ma' Transparency International Latvia sabiex tesplora kif għandu jkun hemm kollaborazzjoni fl-iżgurar tat-trasparenza, filwaqt li jsir użu effiċjenti tal-fondi pubbliċi u jiġi evitat kwalunkwe ksur tal-protokoll proprju dwar l-akkwist f'emerġenza. Wara diversi konverżazzjonijiet, iż-żewġ partijiet qablu li l-aħjar mod kif tiġi involuta TI Latvia jkun bħala osservatur indipendenti tal-grupp ta' ħidma, b'aċċess għall-informazzjoni kollha dwar l-akkwist u jippermetti lil TI Latvia tipprovi rakkomandazzjonijiet. Mill-21 ta' April sal-15 ta' Ġunju 2020, TI Latvia mmonitorjat id-diskussjonijiet tal-grupp u għaxar proċeduri ta' akkwist (sitta minnhom mill-bidu tagħhom). Matul dan iż-żmien, l-osservatur attenda l-laqgħat rilevanti u, f'xi każijiet, wissa dwar riskji potenzjali. Ladarba ntemm l-istat ta' emerġenza u l-grupp ta' ħidma kkonkluda l-missjoni tiegħu, TI Latvia ħejjiet u ppubblikat rapport pubbliku tas-sejbiet tagħha. F'termini ġenerali, TI Latvia "ma osservatx devjazzjonijiet sinifikanti mill-proċedura speċifikata fil-protokoll ta' emerġenza" u rrapportat li l-biċċa l-kbira tax-xiri "kkonformat b'mod konsistenti mal-kriterji żviluppati tal-offerti". Madankollu, innotat ukoll li tliet proċeduri iffaċċjaw kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-protokoll. Minbarra dawn is-sejbiet u sejbiet oħrajn, TI Latvia pprovdiet ukoll serje ta' rakkomandazzjonijiet għal proċeduri futuri. Din l-informazzjoni hija disponibbli fuq is-sit web tal-organizzazzjoni.

Sors: Delna – TI Latvia, On the Results of Covid-19-Related National Central Procurement Monitoring, (Delna – TI Latvia, 2020). Disponibbli fuq <https://delna.lv/lv/2020/08/03/ar-covid-19-saistito-valsts-centralizeto-iepirkumu-uzraudzibas-zinojums/>

## Kif jiġu vwalutati r-rilevanza u l-opportunità

Marbutin mal-identifikazzjoni ta' proġetti ta' kkuntrattar pubbliku li ġejjin hemm mistoqsijiet dwar ir-rilevanza u l-opportunità tal-inkorporazzjoni ta' PI fihom. Filwaqt li l-għodda tal-PI hija kompatibbli ma' firxa wiesgħa ta' proġetti u ta' setturi, hija mmirata lejn l-investimenti pubbliċi esposti għal riskji li jstgħu jikkompromettu l-prezz, il-kwalità u l-benefiċċji mistennijin, kontra l-interess komuni. Dawn ir-riskji jinkludu l-korruzzjoni, il-frodi, l-immaniġġjar ħażin u prattiki antikompetittivi. Barra minn hekk, meta jitqiesu r-riżorsi neċessarji għall-implimentazzjoni adegwata tagħhom, l-PI jingħataw prijorità għal proġetti li għandhom valur strateġiku.

Ma huwiex faċli li jiġu ddeterminati u vwalutati r-riskji u l-valur assoċjati tal-investimenti pubbliċi. Billi l-proġetti ta' kkuntrattar pubbliku jvarjaw ħafna bejn is-setturi u l-pajjiżi, huwa diffiċli li jinstab metodu jew formula unika għal dan. Minflok, dawn il-kompiti għandhom jiġu indirizzati bħala diskussjoni miftuħa u kollettiva fost il-proponenti tal-PI u l-partijiet ikkonċernati tal-proġett, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifità tal-pajjiż. Il-grupp jeħtieġu jiddefinixxi tal-anqas il-ħtiġijiet ta' informazzjoni u l-varjabbli rilevanti li jmxexxu l-analiżi.

Il-proponenti tal-PI għandu jkollhom l-għan li jnaqqsu kemm jista' jkun kwalunkwe diskrepanza fl-informazzjoni li tipprevjeni lill-grupp milli jifhem bis-siħ il-proġett u l-orijini tiegħu, l-istituzzjonijiet involuti, il-benefiċjarji jew il-komunitajiet affettwati, u s-swieq relatati u l-operaturi tagħhom. Minbarra l-aċċess għall-pjanijiet u għad-dokumentazzjoni preliminari tal-offerti, jista' jintalab aċċess għal informazzjoni addizzjonali li ma tkunx disponibbli għall-pubbliku. Ir-riċerka u l-intervisti jstgħu jitwettqu ma' partijiet ikkonċernati jew ma' esperti speċifiċi, jew jstgħu jiġu rrieżaminati proċeduri ta' kkuntrattar ta' natura simili mill-passat.

Il-varjabbli ta' analiżi jissawru miċ-ċirkostanzi li jikkonċernaw il-proġetti kandidati. Jinkludu l-kundizzjonijiet tas-suq, il-kuntratti preċedenti u anki ċ-ċikli u l-avvenimenti politiċi. Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll il-karatteristiċi u n-nuqqasijiet tas-sistema ta' kkuntrattar pubbliku<sup>12</sup> inkwistjoni. Rapporti speċjalizzati minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, minn akkademiċi jew anki minn istituzzjonijiet tal-gvern jstgħu jinfurmaw id-diskussjoni u jindikaw ir-riskji u n-nuqqasijiet li x'aktarx jiġu osservati. Pereżempju, it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku tal-UE fiha sett speċifiku ta' indikaturi dwar is-sistemi ta' kkuntrattar pubbliku

tas-27 Stat Membru li jkopru l-kompetizzjoni, it-trasparenza u l-valur għall-flus.

Madwar il-pajjiżi tal-UE, għandu jkun possibbli li jinstabu rapporti speċifiċi għall-pajjiżi li jipprovdu aktar dettalji dwar kwistjonijiet li ta' spiss jiġu osservati fil-proċeduri jew fil-politiki tagħhom dwar l-ikkuntrattar pubbliku. Dawn kultant jiġu prodotti minn korpi ta' sorveljanza, bħal istituzzjonijiet supremi tal-awditjar, kummissjonijiet parlamentari jew organizzazzjonijiet speċjalizzati u ċentri ta' riċerka. Ir-rapporti fil-media, b'mod partikolari dawk ibbażati fuq ġurnaliżmu investigattiv, jistgħu jenfasizzaw sfidi, imġiba jew problemi kritiċi li spiss jiġu osservati fl-ippjanar, fl-għoti jew fl-eżekuzzjoni ta' kuntratti pubbliċi.

Tqabbil tal-informazzjoni disponibbli u tal-proġetti kandidati jipprovdi lill-grupp b'kunsiderazzjonijiet u b'referenzi inizjali sabiex jiġu ddeterminati r-riskji u l-valur. Jistgħu japplikaw il-punti li ġejjin.

- **Interess pubbliku.** L-ikkuntrattar ta' proġetti relatati mal-forniment ta' servizzi pubbliċi bażiċi jew l-indirizzar ta' ħtiġijiet urġenti jew dawk marbutin mal-wegħdiet ta' kampanji elettorali spiss jiġbdu l-attenzjoni ta' segmenti akbar tas-soċjetà. Billi n-nuqqas ta' akkwist tal-oġġetti jew tas-servizzi relatati jista' jkun ta' detriment għall-benefiċjarji jew għall-utenti fil-mira, huwa aktar faċli li jinstabu inċentivi sabiex jiġi evitat kwalunkwe att ta' korruzzjoni, jitlesta l-proġett skont l-aspettattivi u jissaħħu t-trasparenza u l-akkontabilità ġenerali tal-prestazzjoni.
- **Kumplessità.** Il-proġetti b'disinji kumplessi jew f'kundizzjonijiet tekniċi ħafna jistgħu jiffaċċjaw riskji akbar f'diversi aspetti. Ta' spiss jimplikaw ippjanar u proċeduri ta' offerti kumplessi, li joffru aktar opportunitajiet għal influwenza indebita jew għal prattiki ta' offerta kollużiva li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-kompetizzjoni u għall-ġustizzja. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tagħhom x'aktarx li tkun teħtieġ aktar koordinazzjoni fost il-kuntratturi jew l-awtoritajiet. Dan l-istadju jista' jibbenefika minn monitoraġġ addizzjonali sabiex jiżgura eżekuzzjoni adegwata u f'waqtha tal-kuntratti assoċjati.
- **Valur fi flus.** Investimenti bi spejjeż ogħla x'aktarx li jkunu fil-mira ta' atturi korrotti. Il-possibbiltà ta' miżapproprijazzjoni ta'

ammont kbir ta' fondi żżid il-possibbiltajiet ta' tixħim u ta' mġiba ta' kartell, fost fatturi oħrajn. La hemm livell limitu aċċettat b'mod universali u lanqas livell limitu għall-UE kollha li taħtu PI ma jkunx xieraq. Id-daqs għandu jitqies meta mqabbel mal-baġits proprji tal-awtoritajiet jew mal-portafolli tal-proġetti. Għal referenza, il-valur medju<sup>13</sup> tat-18-il proġett immonitorjati bħala parti mill-proġett pilota Patti ta' Integrità tal-UE kien ta' EUR 12.3-il miljun, b'valuri li jvarjaw minn EUR 130,000 sa EUR 250 miljun.

- **Kapaċitajiet istituzzjonali.** F'xi każijiet, il-proġetti ta' kkuntrattar pubbliku jistgħu jkunu jesigū riżorsi u ħiliet li ma jkunux disponibbli għal awtorità f'dak iż-żmien. Meta dan ikun il-każ, jew meta dawn ir-riżorsi jew il-ħiliet ikunu limitati, ir-riskji tat-teħid ta' deċiżjonijiet detrimentali jkunu ogħla. Dawn jistgħu potenzjalment jimminaw il-valur tal-proġett jew jgħollulu l-prezzu, fost konsegwenzi oħrajn.
- **Kundizzjonijiet tas-suq.** Il-karatteristiċi u d-dinamika tas-swieq relatati ma' proġett ta' kkuntrattar jistgħu jallertaw dwar kwistjonijiet jew sfidi potenzjali. Pereżempju, l-analiżi tas-suq tista' tindika swieq niċċa jew speċjalizzati jew imġiba illegali li tillimita l-kompetizzjoni. Barra minn hekk, irid jitqies il-livell ta' familjarità tal-awtoritajiet mas-swieq assoċjati, billi dan jaffettwa l-kapaċità tagħhom li jfasslu proċeduri kompetittivi ta' offerti li jimmassimizzaw il-valur pubbliku.
- **Indikazzjonijiet ta' korruzzjoni.** Preċedenti, tentattivi jew suspett ta' mġiba korrotta rigward proġett jew awtorità kontraenti pubblika (bħal tixħim, kunflitt ta' interessi, influwenza indebita jew finanzjament politiku illegali) għandhom jiġu vvalutati. Atturi korrotti x'aktarx li jimmiraw lejn proġetti oħrajn fl-istess awtorità jew settur tal-gvern. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi rrieżaminat jekk proġett ikunx marbut ma' suq b'operaturi li jagħtu donazzjoni lil kampanji jew lil partiti politiċi. Diversi każijiet urew li l-kuntratti pubbliċi spiss jintużaw bħala kumpens għal kontribuzzjonijiet bħal dawn.

Dawn huma biss uħud mill-varjabbli spjegattivi sabiex jipprovdu referenzi u jstimulaw l-analiżi tal-proponenti. Oħrajn x'aktarx joħorġu meta jiġu



diskussi l-karatteristiċi speċifiċi ta' proġett ta' kkuntrattar pubbliku. Fl-aħħar nett, taħlita ta' dawn il-varjabbli tipprovdi lill-proponenti b'biżżejjed argwenti u evidenza sabiex jiddiskutu u jikkonfermaw ir-rilevanza u l-opportunità li l-proġett jiġi akkoppjat ma' patt ta' integrità.

### *X'inhuma l-implikazzjonijiet, ir-riskji u l-alternattivi ta' monitoraġġ?*

B'mod parallel mal-valutazzjoni tal-valur u tar-riskji tal-proġett, l-osservaturi ċiviċi u l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jidentifikaw u jikkunsidraw il-ħtiġijiet ta' monitoraġġ u l-implikazzjonijiet tagħhom. Il-karatteristiċi tal-proġett jaffettwaw kif l-organizzazzjoni prinċipali tas-soċjetà ċivili torganizza l-ħidma u l-istrutturi tagħha tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. Il-proponenti għandhom jiddiskutu u jindirizzaw dawn il-fatturi mill-aktar fis possibbli, filwaqt li jiġbru informazzjoni dwar proġetti kandidati għall-ikkuntrattar pubbliku.

Il-fatturi li ġejjin influwenzaw kif sar il-monitoraġġ matul l-implimentazzjoni tal-proġett Patti ta' Integrità tal-UE.

- **Stadju tal-proġett** jirreferi għall-fażi fl-iżvilupp tal-proċedura ta' kkuntrattar li fiha jibda l-PI. Idealment, proġett jiġi akkoppjat ma' PI matul l-istadju tal-ippjanar, meta l-awtorità kontraenti tkun qed tiġbor l-informazzjoni rilevanti kollha sabiex tivvaluta l-ħtiġijiet identifikati u tfassal proġett ta' kkuntrattar li jissodisfahom. Proġetti fl-istadju ta' qabel l-offerti jistgħu jiġu kkunsidrati billi xorta joffru l-opportunità li jiġu rrieżaminati l-kundizzjonijiet li jiddefinixxu l-għoti u l-eżekuzzjoni tal-kuntratti assoċjati. Dawk li fihom is-sejħa għall-offerti tkun diġà ġiet ippubblikata jew dawk fi stadju aktar avanzat ma jkunux adattati għal PI. F'dawn il-każijiet, jistgħu jiġu kkunsidrati alternattivi oħrajn għall-monitoraġġ, bħal awditu jew evalwazzjoni pubblika.
- **Tul stmat** jirreferi għaż-żmien totali li l-proċedura ta' kkuntrattar tkun mistennija tiegħu. Minbarra l-effett tiegħu fuq il-prezz, jista' jkollu implikazzjonijiet għall-impenn u għall-appoġġ tal-awtoritajiet u tal-partijiet ikkonċernati. Pereżempju, il-kap ta' ministeru jew ta' unità tal-gvern jista' jkun se jispiċċalu l-mandat f'tim xhur wara li jibda

l-proġett. F'każijiet bħal dawn, l-implimentaturi għandhom jikkunsidraw kif għandu jiġi stabbilit u ppreżentat l-PI, sabiex jenfasizzaw l-indipendenza tiegħu u jżommu l-appoġġ tal-awtorità, irrispettivament mill-persuna li tiegħu post is-sostenitur preċedenti.

- **Kopertura** tirreferi għall-istadji li jiġu mmonitorjati permezz tal-PI. F'konformità mal-punt ta' qabel, hija marbuta b'mod inerenti mat-tul tal-proġett. Għalkemm l-PI kollha għandhom jikkunsidraw il-fażi ta' implimentazzjoni, il-kopertura minima tagħhom għandha tkun mill-istadji tal-ippjanar jew ta' qabel l-offerti sal-iffirmar tal-kuntratti assoċjati. Meta l-eżekuzzjoni ta' kuntratt toħloq sfidi loġistiċi jew finanzjarji, l-implimentazzjoni tista' tiġi mmonitorjata bl-użu ta' metodi oħrajn.
- **Għarfien espert** jirreferi għall-għarfien u għall-ħiliet li l-osservatur indipendenti jeħtieġu jiżgura sabiex iwettaq ir-rwol tiegħu. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili li tmexxi l-PI ssaħħaħ it-tim ta' monitoraġġ tagħha billi ġġib esperti tekniċi addizzjonali f'oqsma rilevanti għall-proċedura ta' kkuntrattar. Meta l-proġett ikun speċjalizzat ħafna jew relatat ma' suq niċċa, is-sejbien ta' esperti disponibbli jista' jteħu ammont sinifikanti ta' żmien. Barra minn hekk, ir-remunerazzjoni stmata tal-esperti tista' tiġi bbaġitjata anqas mill-prezz tas-suq, u dan inaqqas il-probabbiltà li jinstab espert li jkun disponibbli u li jkollu kredenzjali adegwati. L-implimentaturi huma mħeġġin jikkuntattjaw liċ-ċentri ta' riċerka jew lill-universitajiet minn qabel sabiex jidentifikaw esperti potenzjali u jiksbu informazzjoni rilevanti dwar l-esperjenza u l-prezz tagħhom.
- **Post** jirreferi għall-ispazju fiżiku fejn isseħħ l-eżekuzzjoni tal-kuntratti assoċjati. Huwa fattur li spiss jiġi osservat fi proġetti infrastrutturali, iżda li jista' jkun rilevanti wkoll fil-forniment u fil-konsenja ta' oġġetti u ta' servizzi. Id-distanza jkollha implikazzjonijiet f'termini ta' żmien u ta' spiża għall-osservatur, anke fl-istadju tal-ippjanar meta t-tim tekniċu jista' jkollu bżonn iżur sit relatat mal-proġett ta' kkuntrattar.

- **Viċinanza fiżika** tirreferi għad-distanza attwali bejn l-awtorità kontraenti u l-organizzazzjoni ta' monitoraġġ. F'konformità mal-punt ta' qabel, il-postijiet tagħhom jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-kollaborazzjoni, speċjalment meta jkun hemm ostakli għall-konnettività. Idealment, l-organizzazzjoni ta' monitoraġġ għandha tkun ibbażata fl-istess post jew reġjun bħall-awtorità kontraenti. Inkella, il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni, il-kanali ta' komunikazzjoni u l-iskedi għandhom jiġu miftehm minn qabel u riveduti b'mod kostanti. Inkella, tim jew rappreżentant jista' jintbagħat temporanjament fil-post tal-awtorità jekk id-distanza tkun konsiderevoli, jew inkella għandu jiġi kkunsidrat baġit għall-ivvjaġġar regolari.

Dawn il-fatturi jkollhom implikazzjonijiet li jvarjaw għall-attivitajiet ta' monitoraġġ f'termini ta' spejjeż, ħin, riżorsi umani u aspetti oħrajn. L-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili li tkun mistennija tmexxi l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ ikollha tqabbilhom mal-kapaċitajiet u mar-riżorsi tagħha stess. L-analiżi ta' dawn il-fatturi tippermetti lill-implimentaturi jiżviluppaw baġits preċiżi li jiżguraw ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa sabiex ikopru l-ispiża tal-monitoraġġ. Barra minn hekk, tista' tenfasizza r-riskji li jistgħu jimminaw il-valur tal-PI – u saħansitra jikkompromettu l-implimentazzjoni futura tiegħu – jekk ma jiġux indirizzati b'mod adegwat. Pereżempju, jekk ma jkunux ibbaġitjati riżorsi b'mod adegwat, l-attivitajiet ta' monitoraġġ jistgħu jiġu kompromessi u l-proġett jista' jintemm qabel ma jitlesta.

## **2.2 TWAQQIF TAL-PATT TA' INTEGRITÀ U L-MEKKANIŻMU TA' MONITORAĠĠ TIEGĦU**

Meta tiġi diskussa l-għażla tal-proġetti, huwa vitali li jitqiegħdu l-pedamenti għal monitoraġġ robust. Il-vantaġġ ewlieni tal-patt ta' integrità huwa l-kapaċità tiegħu li jinkorpora osservatur indipendenti li josserva l-iżvilupp tal-proġett u jipprovdi rakkomandazzjonijiet sabiex itejjeb jew jikkoreġi kwalunkwe problema li tiġi nnutata. It-taqsimiet li ġejjin jindirizzaw tliet aspetti fundamentali għar-rieżami u li, flimkien, jistabbilixxu l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ: il-wegħda ta' integrità u l-ftehim ta'

monitoraġġ, l-għażla tal-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili li tmexxi, u l-finanzjament tiegħu.

### ***Kif għandhom jiġu fformulati l-wegħda ta' integrità u l-ftehim ta' monitoraġġ***

L-PI jitwettaq permezz ta' ftehim formali bejn tal-anqas l-awtorità kontraenti u l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili biex din timmonitorja proċedura waħda jew sett ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku. Skont il-proġett u l-ambjent legali u istituzzjonali, jistgħu jinvolvu ruħhom ukoll partijiet ikkonċernati oħrajn. Fosthom hemm awtoritajiet oħrajn b'rwol ta' sorveljanza, offerenti potenzjali jew eventualment l-offerent li jingħata l-kuntratt. L-implimentaturi jkollhom jiddiskutu u jlaqqgħu lill-partijiet ikkonċernati li huma rilevanti sabiex jistabbilixxu PI sod u kredibbli.

Il-ftehim jista' jitfassal skont il-formalitajiet u d-dispożizzjonijiet legali tal-ġurisdizzjoni korrispondenti u jiġi strutturat f'dokument wieħed jew aktar. Irrispettivament mill-arranġament magħżul, il-ftehim jinkludi wegħda ta' integrità u ftehim ta' monitoraġġ.

**Wegħda ta' integrità** tirreferi għal sett ta' impenji sabiex dawk involuti aġixxu skont il-liġi, titrazzen kwalunkwe mgħiba korrotta, u jittejbu t-trasparenza u l-integrità permezz ta' miżuri proattivi. L-impenji jistgħu jkunu speċifiċi għal kull parti. L-aktar rilevanti huma relatati mal-awtorità kontraenti u mal-offerenti li jissottomettu proposta.

Il-kwistjonijiet li ġejjin spiss jiġu indirizzati fil-wegħda.

- **L-ebda forma ta' tixħim.** L-uffiċjali pubbliċi ma għandhomx jaċċettaw jew jitolbu xi benefiċċju mhux xieraq, inklużi rigali. B'mod simili, l-offerenti ma joffrux u ma jaqblu li jħallsu l-ebda tixħima.
- **L-ebda Prattika illegali jew antikompetittiva oħra.** Il-partiċipanti kollha jaqblu li ma jipparteċipaw fl-ebda skema li titqies illegali jew li jkollha l-għan li tillimita jew li trażżan il-kompetizzjoni favurijhom. Dan jinkludi kwalunkwe individwu li jaġixxi f'isem il-firmatarju.
- **Osservazzjoni tar-regolament rilevanti.** Il-firmatarji jaqblu li jirrispettaw ir-regolament applikabbli f'oqsma bħall-aċċess għall-informazzjoni, il-kompetizzjoni, il-għieda kontra l-frodi, il-ħasil tal-flus u l-

liġijiet ambjentali, fost l-oħrajn. Il-proponenti jkollhom jidentifikaw l-aktar strumenti legali rilevanti meta jabbozzaw il-wegħda.

- **Osservazzjoni ta' kodiċi ta' kondotta.** L-awtorità kontraenti u l-offerenti jieħdu impenn li jistabbilixxu kodiċi ta' kondotta li jiggwida l-imġiba ta' kwalunkwe individwu li jaġixxi f'isimhom. Fil-każ tal-offerenti, dan il-kodiċi jista' jikkontempla sottokuntratturi wkoll.
  - **Rapportar ta' kwalunkwe mġiba korrotta.** Il-partijiet kollha jieħdu impenn li jinfurmaw lill-awtoritajiet rilevanti dwar kwalunkwe ksur tal-liġi jew prattika korrotta mwettqa minn individwu jew minn entità b'rabta mal-proġett ta' kkuntrattar pubbliku. Dan l-impenn jista' jikkontempla l-istabbiliment ta' mekkaniżmu jew politika ta' żvelar ta' informazzjoni protetta, jew ir-reviżjoni ta' dawk eżistenti.
  - **Divulgazzjoni proattiva tal-informazzjoni.** Skont ir-regolament applikabbli, il-wegħda tista' timpenja lil atturi speċifiċi jagħmlu ċerta informazzjoni disponibbli għall-pubbliku jew għall-organizzazzjoni ta' monitoraġġ. Dan għandu jkun iġġustifikat f'termini ta' responsabbiltà jew ta' integrità. Pereżempju, il-kumpaniji jiġu mistiedna jiddivulgaw l-istruttura tas-sjieda tagħhom u jidentifikaw is-sidien benefiċjarji tagħhom bħala parti mis-sottomissjoni tal-offerti tagħhom.
  - **Skambju veritier ta' informazzjoni.** Il-firmatarji jieħdu impenn li dejjem jipprovdu informazzjoni vera u preċiża meta jintalbu jew bħala parti mid-dokumentazzjoni ta' kkuntrattar, inklużi l-kredenzjali għall-offerti, is-sottokuntratturi u l-offerti.
  - **Prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess.** Il-partijiet kollha – u b'mod partikolari l-uffiċjali pubbliċi kollha involuti – jimpenjaw ruħhom li jiżvelaw kwalunkwe interess privat li jista' jitqies li jkun f'kunflitt mal-interess pubbliku. Idealment, il-wegħda għandha tikkunsidra interessi speċifiċi li għandhom jiġu ddikjarati, aktar milli sempliċiment awtodikjarazzjoni li tindika n-nuqqas ta' kunflitt ta' interess.
  - **Involviment tal-benefiċjarji jew tal-komunitajiet affettwati.** Skont ir-rilevanza tagħha, il-wegħda tista' tikkontempla l-involviment ta' komunitajiet li huma relatati mal-proġett. L-ambitu ta' dan l-impenn huwa definit fuq il-bażi tal-karatteristiċi tal-proġett u l-forma istituzzjonali. Dan jista' jvarja mit-twessigħ tal-aċċess għall-informazzjoni sa mekkaniżmi formali ta' parteċipazzjoni bħal konsultazzjonijiet jew kokreazzjoni.
- Il-ftehim ta' monitoraġġ** huwa mfassal sabiex jiddefinixxi kundizzjonijiet u miżuri speċifiċi li jiggwidaw il-kollaborazzjoni bejn l-awtorità kontraenti u l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili li tmexxi l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. Il-ftehim huwa maħsub sabiex jopera ċerti impenji li huma parti mill-wegħda ta' integrità. Għandu jinkludi l-aspetti li ġejjin, fost l-oħrajn.
- **L-aċċess għall-informazzjoni u għall-laqgħat** jirreferi għal dispożizzjonijiet li jiżguraw aċċess sħiħ għall-organizzazzjoni ta' monitoraġġ għad-dokumenti u għad-*data* rilevanti, u għall-ispazji kollha fejn jittieħdu u jiġu diskussi d-deċiżjonijiet, bħal laqgħat ta' ħidma ma' awtoritajiet oħrajn. Dispożizzjonijiet ta' dan it-tip jistgħu jirrikjedu talbiet speċifiċi għal informazzjoni.
  - **Informazzjoni kunfidenzjali jew sensitiva** tirreferi għall-miżuri li l-osservatur josserva sabiex jaċċessa informazzjoni li tkun riżervata u indisponibbli għall-pubbliku, bħal klawżoli temporanji ta' nondivulgazzjoni. Dawn il-miżuri għandhom ikunu limitati għal informazzjoni li tista' taffettwa l-kompetizzjoni u t-trattament ġust, inklużi estimi finanzjarji, studji tas-suq u offerti.
  - **Kanali ta' komunikazzjoni** jirreferu għall-proċess u għall-mezzi tal-iskambju tal-informazzjoni u li ż-żewġ partijiet jinżammu informati dwar kwalunkwe aġġornament tal-proġett. Id-dispożizzjonijiet li jridu jiġu inklużi jvarjaw skont in-natura tal-proġett. Madankollu, jistgħu jiġu stabbiliti punti speċifiċi ta' kuntatt, kif ukoll skadenzi u mekkaniżmi sabiex jiġi rrapportat u indirizzat kwalunkwe nuqqas fil-kollaborazzjoni.
  - **Komunikazzjoni mal-pubbliku** tirreferi għall-miżuri li l-osservatur isegwi sabiex

jinforma lill-pubbliku u jikkoordina mal-awtorità kontraenti għal finijiet bħal dawn. L-osservatur huwa mistenni jżomm liċ-ċittadini aġġornati dwar l-iżviluppi tal-proġett, u li jipproduċi rapporti perjodiċi li jipprovdu kont indipendenti u valutazzjoni tal-azzjonijiet u tad-deċiżjonijiet f'kull stadju tal-proċedura ta' kkuntrattar.

- **Rapporti dwar il-korruzzjoni** jirreferu għall-miżuri li l-osservatur isegwi sabiex jirċievi u jittratta kwalunkwe rapport dwar korruzzjoni jew jiġi infurmat dwar kwalunkwe każ riċevut permezz tal-kanali formali għall-whistleblowing.
- **Terminazzjoni u l-irtirar** jirreferu għaċ-ċirkostanzi u għan-nuqqasijiet li jippermettu lill-osservatur jikkonkludi r-rwol tiegħu qabel iż-żmien u jitlaq mill-PI, u l-proċess għall-informar u għad-diskussjoni tad-deċiżjoni mal-awtorità kontraenti u ma' firmatarji oħrajn tal-PI. Iċ-ċirkostanzi jinkludu ċ-ċaħda tal-aċċess għal informazzjoni jew għal laqgħat kritiċi, in-nuqqas ta' tweġiba għal kwistjonijiet indikati mill-osservatur jew in-nuqqas ta' reazzjoni għal rapporti dwar il-korruzzjoni.

Il-ftehim ta' monitoraġġ irid ikun pubbliku u jkun disponibbli għal kwalunkwe persuna interessata. Matul il-proġett Patti ta' Integrità tal-UE, il-biċċa kbira tal-organizzazzjonijiet sħab ippubblikaw online dokumenti li jintegraw l-PI. Dawn jistgħu jipprovdu eżempji u gwida għall-implimentaturi futuri fl-UE. Barra minn hekk, Transparency International pproduċiet prototipi u ftehimiet mudell sabiex tgħin lil kwalunkwe awtorità jew organizzazzjoni li tkun interessata tistabbilixxi PI. Dawn huma disponibbli u mingħajr ħlas fuq is-sit web ta' Transparency International.<sup>14</sup>

### *Kif tidentifika u tagħżel l-organizzazzjoni prinċipali tal-monitoraġġ*

L-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili li taġixxi bħala osservatur f'PI għandha rwol uniku. Hija parti terza esterna mogħtija aċċess akbar sabiex tosserva l-imġiba tal-awtorità li tkun qed tagħti kuntratt tal-gvern u tal-entitajiet privati li jkollhom l-għan li jipprovdu l-oġġetti jew is-servizzi meħtieġa, u l-interazzjonijiet tagħhom. Kif indikat fit-taqsima ta' qabel, l-osservatur jitħalla jirrieżamina d-dokumenti u d-data rilevanti u jidħol fi spazji – bħal laqgħat,

żjarat fuq il-post u avvenimenti oħrajn – fejn jiġu ppreżentati, diskussi u jsiru informazzjoni u deċiżjonijiet dwar il-proġett u l-kuntratt.

L-organizzazzjoni li taġixxi bħala l-osservatur ma tistax tkun organizzazzjoni b'affiljazzjoni politika, attur kummerċjali jew tal-media, jew kwalunkwe entità oħra bi skop ta' qligħ. Aspetti oħrajn relatati mal-kapaċità u mal-indipendenza għandhom jiġu kkunsidrati fl-għażla tagħha. Għalhekk iridu jiġu analizzati l-istruttura organizzazzjonali, il-kompożizzjoni tal-persunal, l-operazzjonijiet, il-politiki interni, il-finanzjament u l-ġestjoni finanzjarja tagħha, fost fatturi oħrajn.

Fir-rigward tal-kapaċità, l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili li jkollha l-għan li tmexxi l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ trid tkun profiċjenti fl-oqsma li ġejjin.

- **Għarfien espert tekniku** fl-ikkuntrattar pubbliku huwa essenzjali. L-organizzazzjoni għandu jkollha fehim robust tar-regolament applikabbli u għarfien prattiku dwar kwistjonijiet u nuqqasijiet fil-proċeduri li jiġu segwiti għall-ippjanar, għall-għoti u għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt. Għarfien espert addizzjonali f'suġġetti relatati, bħall-finanzi pubbliċi jew l-involvement taċ-ċittadini, huwa ta' benefiċċju wkoll.
- **Ħiliet fil-ġestjoni tal-proġetti** huma meħtieġa minħabba l-firxa wiesgħa ta' attivitajiet involuti fil-monitoraġġ. Ħafna minnhom jikkoinċidu jew iseħħu b'mod parallel, u jesigħu tmexxija u koordinazzjoni sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fl-istadji kollha. Barra minn hekk, billi l-attivitajiet ta' monitoraġġ jirċievu finanzjament, ikunu meħtieġa esperjenza u ħiliet fl-ibbaġitjar u fil-ġestjoni finanzjarja.
- **Il-ħiliet u l-għarfien espert fil-komunikazzjoni u fil-ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati** huma kruċjali wkoll. Fuq bażi mill-qrib u regolari, l-organizzazzjoni tinteraġixxi u tikkollabora mal-awtoritajiet u mal-offerenti, filwaqt li tindika kwalunkwe kwistjoni u taqsam ir-rakkomandazzjonijiet. F'ċerti mument, tikkomunika wkoll mal-benefiċjarji, mal-media u mal-pubbliku sabiex tinformahom dwar l-iżvilupp tal-proċedura ta' kkuntrattar u s-sejbiet tagħha.

F'termini ta' indipendenza, l-implikazzjonijiet tar-rwol, in-natura tal-kompiti ta' monitoraġġ u l-ħtieġa li titrawwem il-fiduċja fl-PI u fl-organizzazzjoni ta'

monitoraġġ stess joħlqu l-ħtieġa li jiġu ssodisfati l-kriterji deskritti hawn taħt.

- L-organizzazzjoni jkollha struttura ċara ta' governanza pubblika, idealment b'separazzjoni ċara bejn il-korpi ta' ġestjoni u dawk ta' governanza (bħal bord tad-diretturi).
- L-ismijiet tal-individwi li jipparteċipaw fil-korpi governattivi tal-organizzazzjoni jkunu disponibbli għall-pubbliku. L-ebda wieħed ma jkun uffiċjal pubbliku b'mandat attiv jew ikun qed jipprova jintgħażel għal xi rwol fil-gvern.
- Il-korpi governattivi jkollhom regoli speċifiċi u formalizzati għall-ħatra, għar-rotazzjoni u għall-elezzjoni mill-ġdid tal-membri tagħhom. Id-durata għandha tkun limitata, b'mod partikolari għall-karigi għoljin (pereżempju President).
- Ikun hemm fis-seħħ sett ta' politiki li jiddeskrivi l-imġiba mistennija mill-membri, li jkopri l-korpi ta' governanza u t-tim eżekuttiv (kodiċi ta' kondotta jew etika), kif ukoll kanali jew mekkaniżmi sabiex jiġi rrapportat kwalunkwe ksur tagħhom (politiki dwar il-whistleblowing u l-ilmenti).
- L-organizzazzjoni tiġbor u taġġorna regolarment l-informazzjoni dwar l-interessi tal-membri tagħha – speċjalment dawk fil-korpi governattivi tagħha – u tiddivulga tal-anqas verżjoni pubblika tagħhom. Għandu jkun possibbli li jiġi vverifikat li l-ebda membru tagħha ma jkollu interess relatat mal-proġett ta' kkuntrattar li jkun se jiġi mmonitorjat.
- Tiġi stabbilita politika speċifika għall-prevenzjoni, għall-identifikazzjoni u għall-immaniġġjar tal-kunflitti ta' interess potenzjali, li tindika l-persuna jew il-korp responsabbli għall-applikazzjoni tagħha.
- Ikun hemm proċeduri speċifiċi għar-rapportar, għall-investigazzjoni u għall-immaniġġjar ta' każijiet ta' korruzzjoni u ta' frodi fi ħdan l-organizzazzjoni u jkunu ppubbliċizzati sew.
- Jiġu prodotti u ppublikati b'mod regolari rapporti li jispjegaw u jiddeskrivu l-

operazzjonijiet, il-programmi, il-proġetti, l-attivitajiet u r-riżultati tal-organizzazzjoni. Dawn għandhom juru l-esperjenza u l-konsistenza matul iż-żmien li fih l-organizzazzjoni tkun attiva.

- Grad għoli ta' trasparenza jirrifletti l-ġestjoni u l-operazzjonijiet finanzjarji tal-organizzazzjoni. Dan jinkludi li jkun hemm kontrolli finanzjarji xierqa fis-seħħ, il-pubblikazzjoni ta' rapporti finanzjarji regolari u l-użu ta' standards kontabilistiċi rilevanti. Għandhom ikunu disponibbli awditi indipendenti skont id-daqs u l-kapaċità tal-organizzazzjoni.
- Jiġu ddivulgati pubblikament is-sorsi ta' finanzjament u l-introjtu kollha, idealment billi jiġu indikati l-isem ta' kull donatur, it-tip ta' introjtu (pereżempju għotja istituzzjonali, għotja ta' proġett jew kuntratt ta' servizz), u l-ammont. Meta d-donaturi jitolbu l-anonimità, it-tip u l-ammont iridu jkunu disponibbli għall-pubbliku. Idealment, l-organizzazzjoni għandu jkollha firxa differenti ta' donaturi u ta' sorsi ta' introjtu.

Jekk ikun hemm, dawn il-karatteristiċi jew il-prattiki għandhom jindikaw grad konsiderevoli ta' indipendenza u jipprovdu bażi soda għal sorveljanza oġġettiva u ġusta matul il-monitoraġġ tal-proġetti tal-kuntratti pubbliċi. Il-biċċa l-kbira ta' din l-informazzjoni x'aktarx li tkun fis-sit web tal-organizzazzjoni, jew f'ċerti każijiet tingħata fuq talba. Meta jkun hemm dubji dwar l-adekwatezza tal-organizzazzjoni, tista' tintalab l-opinjoni ta' parti terza – bħal grupp ieħor tas-soċjetà ċivili.

### *Kif għandu jiġi ffinanzjat il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ*

Id-disponibbiltà ta' riżorsi finanzjarji sabiex ikopru l-ispejjeż tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tagħti lill-PI vantaġġ uniku. Tippermetti primarjament lill-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili li tkun qed tmexxi l-mekkaniżmu ta' sorveljanza tinkorpora għarfien speċjalizzat matul mument jew avvenimenti speċifiċi fil-proċedura ta' kkuntrattar pubbliku u tippermettilha wkoll tippovdi rakkomandazzjonijiet motivati sew.

Billi l-PI huwa maħsub sabiex jipproteġi flus il-kontribwenti, l-aktar sors komuni ta' finanzjament ta' spiss ikun riżorsi pubbliċi. Idealment, dawn għandhom jiġu pprovdu minn entità pubblika li

timmaniġġja jew tissorvelja l-imġiba tal-awtorità kontraenti, b'hal korp tal-awditjar, korp ċentrali tal-akkwist jew ministeru tal-finanzi. Pereżempju, fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid tal-UE, l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali jistgħu jinkludu patti ta' integrità fil-pjanijiet jew fil-programmi operazzjonali tagħhom u jwarrbu fondi għall-mekkaniżmu ta' monitoraġġ.

F'ċerti każijiet, jista' jiġi argumentat li r-riċevuta ta' fondi direttament minn awtorità tista' timmina r-rwol tal-osservatur. Filwaqt li t-tħassib huwa rilevanti, għandha tinxteħet enfasi fuq ir-regoli u fuq il-kundizzjonijiet assoċjati mal-iżborż tal-fondi pubbliċi allokatu għall-PI. Għalhekk, huwa ta' importanza kritika li l-ftehim jiġi ddivulgat lill-pubbliku minn qabel sabiex juri li jagħti indipendenza u jippermetti osservazzjoni u kollaborazzjoni oġġettivi.

Anki l-istituzzjonijiet li jiffinanzjaw l-investimenti pubbliċi, b'hal banek multilaterali jew korpi supranazzjonali jistgħu jkopru l-ispejjeż tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u b'hekk jtejbju l-protezzjoni tar-riżorsi proprji tagħhom. Hekk ġara fil-proġett Patti ta' Integrità tal-UE, li fih il-Kummissjoni Ewropea pprovdiet ir-riżorsi neċessarji. F'xi każijiet, jistgħu jħeġġu wkoll lir-riċevituri tal-fondi tagħhom biex jikkunsidraw l-ispiża tal-PI fis-self jew fil-baġits tal-għotjiet tagħhom jew biex joffru li jkopru ċertu perċentwal.

Alternattiva oħra hija li jsir rikors għal fondazzjonijiet jew għal donaturi privati. Meta jiġi kkunsidrat li jsir hekk, l-isfida ewlenija tkun li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda rabta ma' kumpaniji jew ma' investimenti fis-swieq assoċjati mal-proġett ta' kkuntrattar jew ma' gruppi politiċi speċifiċi fil-pajjiż. F'dan il-każ, trasparenza sħiħa dwar il-ftehim ta' finanzjament għandha tikkontribwixxi sabiex jiġu żgurati l-indipendenza u l-imparzjalità.

Għalkemm ma ġiex ittestjat, xi wħud mill-organizzazzjonijiet sħab tal-UE tal-Patti ta' Integrità ddiskutew il-possibbiltà li fil-futur ifittxu finanzjament kollettiv. Għal kuntratti pubbliċi speċifiċi b'effetti tanġibbli fuq il-ħajja ta' kuljum tan-nies, iċ-ċittadini jistgħu jkunu interessati jagħtu donazzjoni. Jekk organizzazzjoni tesplora din il-possibbiltà, ikun importanti li jiġu kkunsidrati regoli speċifiċi, pereżempju limitazzjoni fuq l-ammont massimu tad-donazzjoni, li jkunu permessi biss kontribuzzjonijiet mingħand individwi, ir-reġistrazzjoni tal-ismijiet tagħhom u li jiġu aċċettati trasferimenti elettroniċi biss. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet jistgħu jitolbu impenn mingħand fondazzjonijiet privati sabiex jallokaw l-istess

ammont daqs il-fondi pprovduti miċ-ċittadini, sabiex l-għan ta' finanzjament jintlaħaq aktar malajr.

Skont kull ġurisdizzjoni, il-ftehim ta' finanzjament jieħu l-aktar forma ġuridika xierqa. Irrispettivament minn fejn joriġinaw il-fondi, dawn iridu jiġu ddivulgati pubblikament sabiex tingħata kredibbiltà lill-patt ta' integrità u sabiex jiġu żgurati l-imparzjalità u l-indipendenza tal-osservaturi għall-pubbliku.

## 2.3 TĦEJJJA TAL-MEKKANIŻMU TA' MONITORAĠĠ

Billi hemm aktar ċarezza dwar il-proġett ta' kkuntrattar u l-PI, inklużi l-ambitu tiegħu u r-riżorsi disponibbli, l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili li tmexxi l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jeħtiġilha tirrifletti dwar kif torganizza l-ħidma li jmiss u t-tranżizzjoni tagħha mingħajr xkiel fir-rwol ta' monitoraġġ tagħha. F'dan l-istadju, l-osservatur ikollu jikkunsidra kif se jimplimenta l-ftehim tiegħu mal-awtoritajiet rilevanti, u jantiċipa l-ħtiġijiet u l-miżuri speċifiċi ta' informazzjoni sabiex jinforma u jinvolvi liċ-ċittadini. Flimkien, dawn l-aspetti jsawru l-istrateġija u l-pjanijiet tal-osservatur sabiex jaqdi r-rwol tiegħu.

### *Liema informazzjoni u data se jkunu kruċjali?*

L-informazzjoni u d-data huma l-aktar inputs kruċjali għal mekkaniżmu ta' monitoraġġ fil-qafas ta' PI. Huwa fuq il-bażi tagħhom li l-osservatur indipendenti jqabbel u jirrieżamina l-ħtiġijiet, il-pjanijiet, ir-raġunament u d-deċizzjonijiet marbutin mal-proċedura ta' kkuntrattar. Għal din ir-raġuni, huwa essenzjali li jkun hemm perspettiva ċara dwar il-biċċiet ta' informazzjoni li jiġu prodotti u jkunu meħtieġa, il-punt sa kemm ikunu neċessarji, u l-formati li jippermettu l-użu mill-ġdid u l-analiżi rapidi tagħhom.

L-iskop tal-informazzjoni disponibbli jew l-użu li jsir minnha jvarja skont il-proġett. Madankollu, matul PI, l-osservatur spiss jista':

- jivvaluta u jidentifika r-riskji ta' korruzzjoni jew ta' mmaniġġjar ħażin



- jivverifika r-raġunament għad-deċiżjonijiet tal-proġett fid-dawl tal-għanijiet u tal-ħtiġijiet iddikjarati
- jidentifika kunflitti ta' interess u jipprevjeni l-favoritiżmu u l-inflwenza indebita
- jidentifika skemi ta' kollużjoni, mgħiba antikomperttiva jew tentattivi ta' frodi mill-offerenti
- isegwi l-progress, il-pagamenti u l-aderenza mad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt

Meta tippjana l-attivitatiet ta' monitoraġġ, l-organizzazzjoni prinċipali tal-monitoraġġ ikollha tidentifika u tirrieżamina l-istatus tad-*data* jew tal-informazzjoni tal-ikkuntrattar pubbliku billi tiffoka fuq tliet aspetti ewlenin.

1. Id-disponibbiltà. Din tirreferi għall-eżistenza tal-informazzjoni, filwaqt li tivverifika li din tiġi prodotta jew tinġabar minn entità speċifika. Id-dispożizzjonijiet legali jistgħu jindikaw jew jagħtu mandat lill-awtoritajiet jew lis-sistemi li huma responsabbli għaż-żamma ta' din l-informazzjoni.
2. L-aċċessibbiltà. Din tirreferi għall-mod kif tinkiseb l-informazzjoni u għall-format tagħha. Pereżempju, l-informazzjoni tista' tkun disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas, minn ġo paywall jew permezz ta' talba ta' aċċess għall-informazzjoni. Tista' tirreferi għall-format tagħha li jkun diġitali – idealment li jinqara minn magna u bħala *data* miftuħa – jew disponibbli fiżikament biss.
3. Il-kwalità. Din tirreferi għall-mod kif id-*data* jew l-informazzjoni tiġi kkompilata u strutturata, u l-kompletezza tagħha, f'konformità mal-iskop u mal-ispeċifikazzjonijiet. Filwaqt li dan l-aspett x'aktarx ikun aktar suġġettiv, l-organizzazzjoni prinċipali tal-monitoraġġ għandha tantiċipa r-rilevanza u l-valur tagħha għall-kompiti u għall-analiżi li jkunu se jsiru.

## Valur tad-*data* miftuħa għall-finijiet ta' monitoraġġ

Id-*data* miftuħa tirreferi għall-informazzjoni li titqiegħed għad-dispożizzjoni mingħajr ħlas u f'formati li jinqraw mill-magni u li tista' terġa' tintuża għal kwalunkwe skop. Meta l-awtoritajiet jagħmlu l-informazzjoni dwar l-ikkuntrattar pubbliku disponibbli f'dawn il-formati, isaħħu aktar l-potenzjal tal-patti ta' integrità u jagħmlu l-monitoraġġ aktar aġli u inklużiv. Pereżempju, *data* miftuħa disponibbli tippermetti analiżi aktar rapida u l-iżvilupp ta' viżwalizzazzjonijiet u ta' għodod li jgħibu lill-benefiċjarji eqreb lejn il-proġett u lejn l-awtoritajiet kontraenti. Xi patti ta' integrità rawmu wkoll trasparenza akbar tal-gvern permezz ta' impenji komplementari sabiex tiġi pprovduta u ddivulgata *data* ta' kkuntrattar li qabel ma kinitx disponibbli f'formati miftuħin, skont standards nazzjonali jew globali bħall-Istandard tad-*Data* ta' Kkuntrattar Miftuħa (OCDS).

Fuq il-bażi tal-esperjenza mill-proġett Patti ta' Integrità tal-UE, it-tabella li ġejja tipprovdi lista ta' referenza ta' *data*, ta' dokumenti u ta' informazzjoni li osservatur x'aktarx ikun jeħtieġ matul il-proċess sabiex iwettaq analiżi u monitoraġġ bir-reqqa. Tingħata d-disponibbiltà preżunta ta' dawn is-sorsi. L-osservaturi huma mħeġġin jirrieżaminaw din il-lista u jespanduha. B'mod parallel, għandhom jantiċipaw l-isfidi potenzjali għall-aċċess f'waqtu għall-informazzjoni fil-formati t-tajbin u jikkunsidraw miżuri adegwati bħal dawn li ġejjin.

- Tħejjija ta' abbozzi ta' talbiet ta' aċċess għal informazzjoni li jkollhom bżonn jiġu sottomessi fi żmien speċifiku.
- Identifikazzjoni ta' lakuni fl-informazzjoni u l-kunsiderazzjoni ta' sforzi supplimentari għall-għbir tad-*data* jew ta' sorsi alternattivi.
- Identifikazzjoni ta' nuqqasijiet fl-użu jew fil-kwalità tad-*data* u l-identifikazzjoni ta' għarfien espert jew ta' riżorsi għat-tindif u għat-titjib.

---

**Ħtiġijiet potenzjali ta' informazzjoni tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-PI**


---

Stadju	Unità tal-informazzjoni	Disponibbiltà preżunta	
		Pubblika	Riżervata
<i>Ippjanar</i>	<i>Valutazzjoni tal-ħtiġijiet</i>	X	
	<i>Pjan tal-proġett</i>	X	
	<i>Studju dwar il-fattibbiltà</i>		X
	<i>Studju tas-suaq</i>		X
	<i>Rekords tas-smiġh/tal-konsultazzjoni pubblika</i>	X	
	<i>Data baġitarja</i>		X
<i>Qabel l-offerti</i>	<i>Skeda taż-żmien tal-proċedura</i>		X
	<i>Speċifikazzjonijiet tekniċi preliminari</i>		X
	<i>Kriterji preliminari tal-evalwazzjoni</i>		X
	<i>Estimi finanzjarji</i>		X
	<i>Abbozz ta' kuntratt</i>		X
	<i>Dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-uffiċjali</i>		X
<i>Offerti</i>	<i>Avviż dwar il-kuntratt</i>	X	
	<i>Raġunament għall-metodu tal-akkwist</i>		X
	<i>Speċifikazzjonijiet tekniċi</i>	X	
	<i>Kriterji tal-evalwazzjoni</i>	X	
	<i>Talbiet għal kjarifiki</i>	X	
	<i>Kjarifiki</i>	X	
	<i>Emendi fil-fajl tal-offerta</i>	X	
	<i>Esklużjonijiet</i>	X	
<i>Għoti</i>	<i>Offerti</i>		X
	<i>Dokumenti tal-identità u legali tal-offerenti</i>		X
	<i>Valutazzjoni tal-offerti</i>		X
	<i>Minuti tal-kumitat tal-evalwazzjoni</i>		X
	<i>Avviż tal-għoti tal-kuntratt</i>	X	
	<i>Kuntratt iffirmit</i>	X	
	<i>Ilmenti u appelli</i>		X
	<i>Rapporti dwar il-progress</i>	X	
<i>Implimentazzjoni</i>	<i>Proposti għal emenda tal-kuntratt</i>		X
	<i>Emendi tal-kuntratt</i>	X	
	<i>Pagamenti (progress finanzjarju)</i>	X	
	<i>Ilmenti u tilwimiet</i>		X



Xi unitajiet ta' informazzjoni jistgħu jitqiesu legalment riżervati minħabba l-kontenut jew l-effetti negattivi tagħhom jekk jiġu ddivulgati pubblikament aktar kmieni. L-aċċess għal din l-informazzjoni riżervata jrid jiġi żgurat permezz tal-ftehim ta' monitoraġġ tal-PI. Jistgħu jiżiedu dispożizzjonijiet speċifiċi, li jindikaw l-informazzjoni li se tiġi kondiviża mal-osservatur, iż-żmien jew il-mument approssimattiv, il-format tagħha u l-kundizzjonijiet biex titħares il-kunfidenzjalità tagħha. Jekk ikun hemm nuqqas ta' rieda li tiġi kondiviża informazzjoni ta' dan it-tip, jistgħu jiġu kkunsidrati klawżoli jew ftehimiet ta' nuqqas ta' divulgazzjoni taħt ċerti kundizzjonijiet. Dawn il-klawżoli għandhom ikunu temporanji u limitati għal informazzjoni speċifika. Barra minn hekk, l-awtoritajiet għandhom jithegħġu jipubblikaw b'mod proattiv kemm jista' jkun dokumentazzjoni kontraenti, dejjem f'konformità mar-regolament applikabbli. Minbarra l-kwalità tal-informazzjoni u tad-*data* – riflessa fil-livell ta' dettall u ta' akkuratizza – il-puntwalità hija attribut essenzjali marbut mal-effettività tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. L-informazzjoni disponibbli ftit li xejn tkun utli jekk tiġi aċċessata tard mill-osservatur fir-rigward tal-istadju tal-proċedura ta' kkuntrattar pubbliku li fih tkun rilevanti. In-nuqqas ta' ċerti dokumenti jew ta' bażijiet tad-*data* jfikkil il-kapaċitajiet tal-monitoraġġ. Jista' jaffettwa wkoll il-perċezzjonijiet tas-siwi tal-għodda u l-fiduċja tal-pubbliku fiha. Il-miżuri preventivi sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ta' din in-natura huma:

- Indikazzjoni, fil-ftehim ta' monitoraġġ, taż-żmien li fih huwa mistenni li jingħata aċċess għal informazzjoni kritika lill-osservatur.
- Inklużjoni ta' skadenzi u ta' regoli proċedurali għat-talba u għall-iskambju ta' informazzjoni. Pereżempju, it-talbiet għandhom jitwiegħbu mhux aktar tard minn 24 siegħa.
- L-istabbiliment ta' punti speċifiċi ta' kuntatt ma' kull awtorità jew parti għall-ftehim għat-talba u għall-iskambju ta' informazzjoni.

Jekk parti fl-PI tonqos milli tipprovdli kwalunkwe informazzjoni rilevanti li jkollha, l-osservatur għandu jikkunsidra li jqajjem din il-kwistjoni direttament mal-partijiet. Jekk, wara diskussjoni, l-osservatur xorta waħda jiffaċċja problemi fl-aċċess sħiħ f'waqtu għall-informazzjoni, l-osservatur ikun ġġustifikat li jirtira mill-PI. Madankollu, huwa ssuġġerit li din il-miżura tintuża biss ladarba jkun għe kkonfermat li

ma hemm l-ebda bażi għall-kollaborazzjoni u għall-konformità mal-ftehimiet tal-PI.

### *Kif iċ-ċittadini jiġu involuti fil-monitoraġġ*

L-involviment taċ-ċittadini huwa attribut ċentrali u permanenti ta' PI. L-għoti ta' informazzjoni liċ-ċittadini u l-involviment taċ-ċittadini, b'mod partikolari l-benefiċjarji diretti, huma wħud mill-aktar inċentivi b'saħħithom għall-konformità mal-liġi u għat-trawwim tal-kollaborazzjoni fost il-partijiet. Meta jiġi integrat sistematikament fil-proċess ta' monitoraġġ, dan jista' jikkontribwixxi sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fil-proġett u fil-ħidma tal-awtoritajiet.

Hekk kif aktar ċarezza u informazzjoni jsiru disponibbli dwar il-proġett ta' kkuntrattar pubbliku li jkun se jiġi mmonitorjat, l-implimentaturi – u b'mod partikolari l-organizzazzjoni prinċipali tal-monitoraġġ – ikollhom jipprevedu r-rwol li se jkollhom iċ-ċittadini u jistmaw ir-riżorsi neċessarju għal involviment sinifikattiv. Il-livelli ta' sensibilizzazzjoni, ta' sjieda u ta' appoġġ tal-proġett għandhom jitqiesu fl-għażla tal-proġett u jipprovdu għarfien inizjali dwar l-attivitajiet li iċ-ċittadini jkunu lesti jipparteċipaw fihom u l-livell mistenni ta' komunikazzjoni.

Madankollu, sabiex jippjanaw b'mod effettiv għall-involviment taċ-ċittadini fil-qafas tal-PI, l-implimentaturi jkollhom jirriflettu fuq firxa wiesgħa ta' attivitajiet, li jkunu jiddependu mill-karatteristiċi u l-viżibbiltà tal-proġett. Ix-xenarju bażi għal kwalunkwe pjan jibda b'komunikazzjoni aċċessibbli, regolari u inklużiva. L-osservatur irid iqis il-mezzi sabiex iċ-ċittadini jiġu infurmati, mingħajr intermedjarji, matul il-proċess kollu. Xi wħud mill-għażliet jinsabu hawn taħt.

- Paġna web dedikata jew mikrosit dedikat fejn l-aħbarijiet u l-aġġornamenti jiġu ppublikati spiss. Dan għandu jkun fih l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-proġett ta' kkuntrattar pubbliku u l-PI, inklużi l-ftehimiet rilevanti u r-rapporti ta' monitoraġġ.
- Materjal ta' spjegazzjoni dwar il-proġett, il-proċedura ta' kkuntrattar pubbliku u l-PI. Dawn għandhom isegwu l-prinċipji ta' komunikazzjoni għal udjenzi mhux speċjalizzati. L-użu ta' formati multimedjali, bħal vidjos jew infografika, huwa mħeġġeġ.

- L-użu ta' mezzi tal-media soċjali li huma popolari fil-komunitajiet sabiex tittella' fuqhom l-informazzjoni dwar l-iżviluppi tal-proġetti u biex entitajiet jiġu mistiedna jinvolu rwieħhom fil-monitoraġġ, meta jkun xieraq.

Minn dan il-punt, l-implimentaturi jistgħu jikkunsidraw firxa wiesgħa ta' strateġiji jew ta' attivitajiet sabiex jinvolu liċ-ċittadini, dment li l-implikazzjonijiet tagħhom f'termini ta' spejjeż, għarfien u riżorsi jiġu vvalutati b'mod adegwat. Dan l-aħħar aspekk huwa partikolarment rilevanti fir-rigward tal-implimentaturi u speċjalment għall-komunitajiet u għall-individwi fil-mira. Matul il-proġett pilota, ġie osservat li ċ-ċittadini kienu aktar probabbli li jipparteċipaw meta l-kontribuzzjonijiet tagħhom tqiesu ċari u sinifikattivi, u l-involvement tagħhom ma kienx jirrappreżenta piż, la f'termini ta' ħiliet, la ta' għodod, la ta' flus u lanqas ta' ħin. B'konsegwenza, fl-ippjanar ta' strateġiji ta' involviment taċ-ċittadini f'aktar dettall jeħtieġ li jitqiesu diversi fatturi li jistgħu jew jagħtu spinta jew inkella jfixklu l-parteċipazzjoni. Xi wħud jingħataw hawn taħt.

- L-immedjatezza tal-benefiċċji. Din tirreferi għal kemm il-benefiċjarji jkunu mistennjin jaraw il-valur tal-proġett ta' kkuntrattar pubbliku fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Il-kuntratti marbutin mas-servizzi pubbliċi x'aktarx li jinċentivaw il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini. Min-naħa l-oħra, ikun aktar diffiċli li ċ-ċittadini jiġu involuti f'attivitajiet ta' monitoraġġ għal proġetti b'benefiċċji indiretti jew ittardjati għalihom.
- Il-viżibbiltà tal-proġett. Din tirreferi għal-livelli ta' kopertura u ta' attenzjoni mogħtjin lill-proġett mill-pubbliku. Ħafna drabi din tista' tiġi vvalutata permezz ta' preżenza tal-media jew indikaturi oħrajn. Meta l-viżibbiltà tkun għolja, il-benefiċjarji diretti u ċ-ċittadini jkunu aktar probabbli li jinvolu rwieħhom u jiddedikaw aktar riżorsi (bħaż-żmien) għall-parteċipazzjoni tagħhom.
- Il-kumplessità teknika. Din tirreferi għal-livell ta' speċjalizzazzjoni tal-proġett ta' kkuntrattar pubbliku. Dawk b'ħafna aktar kumplessità joħolqu ostakli għal involviment sinifikanti, billi l-parteċipazzjoni tkun timplika l-pussess ta' ċertu għarfien jew ta' ċerti ħiliet.

- Il-perċezzjonijiet pubbliċi. Dawn jirreferu għall-attitudnijiet, għall-opinjjonijiet jew għas-sentimenti tal-pubbliku dwar il-proġett, li jvarjaw minn appoġġ sa oppożizzjoni, u r-reputazzjoni jew il-fiduċja fl-awtoritajiet.
- Il-qafas legali. F'ċerti każijiet, ir-regolamentazzjoni tal-ikkuntrattar pubbliku jew l-istrumenti relatati jippermettu l-involvement tal-benefiċjarji jew tal-komunitajiet affettwati (pereżempju, konsultazzjonijiet pubbliċi u seduti, fost l-oħrajn). Meta dawn id-dispożizzjonijiet ikunu fis-seħħ, iċ-ċittadini x'aktarx li jinvolu rwieħhom aktar, u l-awtoritajiet jistgħu saħansitra jallokaw riżorsi speċifiċi għal attivitajiet ta' dan it-tip.

Skont il-proġett u l-kuntest, dawn il-fatturi u fatturi oħrajn ikollhom jiġu kkunsidrati meta l-implimentatur jidentifika kif u meta jinvolu liċ-ċittadini fil-monitoraġġ. L-għan tal-implimentatur għandu jkun li jiżgura involviment sinifikanti li jippermetti liċ-ċittadini jipprovdu kontribut rilevanti għall-monitoraġġ tal-proġett, u jżomm inċentivi għoljin u ostakli baxxi meta jagħmel dan. Matul il-proġett pilota, xi attivitajiet minn dawn li ġejjin twettqu mis-sħab tal-proġett:

- djalogi bejn l-awtoritajiet u l-benefiċjarji jew il-komunitajiet affettwati sabiex jitravwem l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti jew sabiex jinġabar feedback jew tħassib
- l-istabbiliment ta' pjattaformi jew ta' mekkaniżmi siguri u affidabbli sabiex jiġu indirizzati t-tħassib, l-ilmenti jew ir-rapporti dwar kwistjonijiet potenzjali (bħat-tixħim)
- taħriġ sabiex tissaħħaħ il-kapaċità taċ-ċittadini li janalizzaw id-dokumenti tal-offerti u jidentifikaw irregolaritajiet u allarmi ħomor matul il-proġett
- żjarat fuq il-post fejn l-awtoritajiet korrispondenti u l-kuntratturi jippreżentaw il-progress fl-implimentazzjoni tal-proġett

Sabiex jiġi żgurat li jitwettqu l-attivitajiet ipplanati, dawn għandhom ikunu previsti wkoll bħala parti mill-impenji tal-ftehim ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, dawn għandhom jiġu kkunsidrati fl-estimi tal-ambitu u tal-baġit tal-PI. F'xi każijiet, dawn jistgħu jeħtieġu li t-tim ta' monitoraġġ jinkorpora personal

speċjalizzat jew dedikat sabiex jiżgura l-implimentazzjoni u s-segwitu adegwati tagħhom.

Rieżami intern tal-proġett pilota sab li s-sħab fil-monitoraġġ b'persunal dedikat għal attivitajiet ta' involviment taċ-ċittadini kisbu riżultati aħjar f'dan il-qasam minn dawk li qasmu l-kompitu bejn il-persunal li kellu responsabbiltà f'oqsma oħrajn bħall-koordinazzjoni tal-proġetti jew l-attivitajiet ta' monitoraġġ. Dan l-aspett għandu jitqies meta jinħoloq it-tim tal-PI. Għandu jiġi impjegat espert estern wieħed jew aktar jew l-implimentatur għandu jissieħeb ma' organizzazzjoni oħrajn li jkollha esperjenza rilevanti.

Fl-aħħar nett, għandhom jiġu kkunsidrati l-viċinanza u l-familjarità mal-komunitajiet affettwati. Jista' jinħoloq tħassib dwar il-leġittimità tal-organizzazzjoni prinċipali tal-monitoraġġ jekk dan l-aspett ma jiġix indirizzat b'mod adegwat. Għalhekk, għandha tiġi stabbilita komunikazzjoni mal-gruppi jew mal-mexxejja taċ-ċittadini rilevanti sabiex jiġu spjegati l-għanijiet, l-ambitu u l-limitazzjonijiet tal-PI mill-aktar fis possibbli.

### *Kif jiġi stabbilit tim robust ta' mmaniġġjar u ta' monitoraġġ*

F'konformità mal-prinċipji u mal-oġġettivi ta' PI, l-immaniġġjar tiegħu għandu jsegwi prattiki tajbin u jstinka għat-trasparenza u għall-professjonaliżmu. Aspetti li jvarjaw mill-immaniġġjar tal-proġetti u tal-finanzi sal-koordinazzjoni u ż-żamma tar-rekords iridu jiġu kkunsidrati mill-grupp tas-soċjetà ċivili li jmexxi l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. Għalhekk, l-organizzazzjoni magħżula trid tkun implimentat proġetti simili jew relatati fil-passat, ikollha struttura amministrattiva ewlenija u tivvaluta tal-anqas l-aspetti li ġejjin tal-kapaċitajiet tagħha.

- Il-kisba ta' għarfien espert u ta' riżorsi umani. Din tirreferi għall-kapaċità li jiġi identifikat u li jinbena t-tim li se jwettaq il-mandat ta' monitoraġġ. Se jkun meħtieġa tipi differenti ta' għarfien u ta' ħiliet, minbarra dawk rilevanti għall-aspetti tekniċi tal-proġett ta' kkuntrattar pubbliku.
- Immaniġġjar tal-proġett. Dan jirreferi għal sett ta' prattiki u ta' ħiliet għall-koordinazzjoni tal-kompiti multipli involuti, f'konformità mal-iskeda u mal-pjanijiet, u għall-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-individwi u mal-entitajiet li jipparteċipaw fl-PI.

- Ibbagiġjar. Dan jirreferi għal sett ta' ħiliet u ta' għarfien espert fl-immaniġġjar tar-riżorsi disponibbli u fl-organizzazzjoni tagħhom sabiex jintlaħqu l-aspettattivi, b'mod ordnat u metodiku.

Irid jinbena tim adegwat li l-kompożizzjoni tiegħu tvarja skont id-daqs u l-kumplessità tal-proġett ta' kkuntrattar pubbliku li jkun se jiġi mmonitorjat. Madankollu, l-għarfien espert meħtieġ sabiex jiġi implimentat b'suċċess patt ta' integrità x'aktarx li jinkludi l-punti li ġejjin bħala minimu.

- Għarfien espert fl-ikkuntrattar pubbliku. Profili ta' dan it-tip għandhom ikunu għarfa dwar il-politiki, il-proċeduri u r-regolamentazzjoni li jiggwidaw il-proċedura ta' kkuntrattar. Dawn jgħinu lill-organizzazzjoni prinċipali tal-monitoraġġ tinnaviga l-aspetti istituzzjonali u legali ewlenin tal-PI. Il-kompiti li huma involuti fihom jinkludu l-eżami tal-abbozz tal-fajl tal-offerta, il-valutazzjoni tal-offerti li jiġu sottomessi, u b'mod ġenerali l-osservazzjoni tal-aderenza stretta tal-proċedura mal-liġi.
- Għarfien espert tekniċu. Profili ta' dan it-tip huma kontinġenti fuq il-proġett ta' kkuntrattar pubbliku. Huma jirrieżaminaw aspetti dwar id-disinn, l-ispeċifikazzjonijiet u l-kost tiegħu, u janalizzaw jekk humiex konformi mal-ħtiġijiet iddikjarati, mal-evidenza u mal-prattiki xjentifiċi, u mal-kundizzjonijiet tas-suq. Huma kruċjali sabiex jiġi vvalutat li l-proġett huwa ggwidat minn kriterji ta' interess pubbliku u tekniċi, aktar milli preferenzi politiċi jew personali.
- Politika u promozzjoni. Dan jirreferi għall-persunal iffokat fuq l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet fil-politiki, fir-regolamentazzjoni u fil-prattiki segwiti mill-awtoritajiet u mill-kumpaniji fil-proċedura ta' kkuntrattar pubbliku li tkun qed tiġi mmonitorjata, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-esperti tekniċi. Dawn jivvalutaw kemm il-proċedura hija f'konformità mal-prinċipji u mal-oġġettivi obbligatorji mil-liġi u jipprevedu mogħdijiet għar-riforma.
- Il-komunikazzjonijiet. Din tirreferi għall-persunal iffukat fuq l-iżvilupp ta' materjali adegwati sabiex ixerrdu s-sejbiet u r-riżultati tal-proċess ta' monitoraġġ lill-udjenzi differenti, prinċipalment lill-

pubbliku, permezz ta' diversi kanali. Jiffukaw ukoll fuq l-immaniġġjar tar-relazzjonijiet mal-media u mal-ġurnalisti, filwaqt li jsegwu l-proċedura, is-suq jew l-awtorità ta' kkuntrattar pubbliku.

- Tmexxija ta' livell għoli. Dan jirreferi għall-persunal anzjan b'esperjenza rilevanti sabiex jimmaniġġja r-relazzjonijiet tal-organizzazzjoni ta' monitoraġġ mal-partijiet ikkonċernati tal-PI, u b'mod partikolari mal-awtoritajiet kontraenti. Barra minn hekk, il-membri tal-persunal huma responsabbli għall-koordinazzjoni tal-ħidma tat-tim, għat-trekkjar tas-sejbiet, tal-prestazzjoni u tal-impatt tiegħu, u għall-iżguraw li l-istrateġija ta' monitoraġġ tilħaq l-għanijiet mistennijin.
- Il-maniġment. Dan jirreferi għall-persunal responsabbli għall-operazzjonijiet ta' kuljum tal-PI, inklużi l-aġenda, il-finanzi u r-riżorsi umani. Dawn il-membri tal-persunal huma inkarigati sabiex jiżguraw li l-kompiti jitwettqu f'konformità mal-ħtiġijiet tal-PI u skont il-pjanijiet previsti, jew li l-pjanijiet jiġu aġġustati sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet.

Ħafna drabi, organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili ma jkollhiex l-għarfien espert u l-ħiliet neċessarji kollha disponibbli internament. Kull meta jiġu identifikati lakuni fil-kapaċità, l-organizzazzjoni ta' monitoraġġ tista' ssaħħaħ it-tim billi tikkollabora ma' konsulenti esterni, bħal konsulenti legali jew esperti tematiċi speċifiċi, f'ċerti mumentu jew stadji tal-proċedura ta' kkuntrattar. Minħabba l-inċertezza tal-ammont ta' xogħol li se jkun meħtieġ minnhom, dawn il-konsulenti għandhom jiġu impjegati permezz ta' ftehimiet qafas li jispeċifikaw firxa ta' sigħat jew ta' jjiem minimi u massimi u r-rata miftiehma. Dan jista' jippermetti reazzjonijiet rapidi meta jkun hemm bidliet jew żviluppi mhux previsti fil-proġetti mmonitorjati. It-tieni possibbiltà hija li jittimjaw ma' organizzazzjoni oħra tas-soċjetà ċivili li jkollha ħiliet jew għarfien espert supplimentari.

Fir-rigward tal-ħiliet ta' mmaniġġjar tal-proġetti, għandha tkun prijorità li jinżammu traċċi u rekords preċiżi tal-iżvilupp tal-proġett ta' kkuntrattar pubbliku u tal-baġit u tal-attivitajiet ta' monitoraġġ. Minbarra d-dokumentazzjoni ta' kwalunkwe interazzjoni jew laqgħa mal-awtoritajiet u mal-offerenti, trid issir enfasi qawwija fuq l-analiżi, fuq is-sejbiet u fuq ir-rakkomandazzjonijiet. Matul il-proġett pilota, l-organizzazzjonijiet sħab żammew

logs, rendikonti u bażijiet tad-*data* sabiex jiddokumentaw problemi, irregolaritajiet u rakkomandazzjonijiet kondiviżi mal-awtoritajiet. Dawn ir-rekords iridu jkunu aġġornati matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-patt ta' integrità u għandhom jiġu aġġornati tal-anqas fi tmiem kull stadju tal-akkwist, peress li jintużaw għar-rapporti ta' monitoraġġ li jkunu disponibbli għall-pubbliku.

Fir-rigward tal-ibbaġitjar, il-biċċa l-kbira tal-ispejjeż ta' PI (madwar 90 % fil-każ il-proġett pilota Patti ta' Integrità tal-UE) x'aktarx li jkunu għar-riżorsi umani. Madankollu, għandhom jiġu kkunsidrati affarijiet oħrajn bħal:

- l-ivvjaġġar, b'mod partikolari meta l-proġett li jkun qiegħed jiġi mmonitorjat ikun marbut ma' spazju fiżiku u jkunu neċessarji żjarat fis-sit ta' implimentazzjoni
- il-loġistika, b'rabta ma' attivitajiet bħat-tmexxija ta' avvenimenti u taħriġ
- il-komunikazzjoni, inklużi iżda mhux limitati għat-tnejn, għall-pubblikazzjoni u għall-promozzjoni ta' rapporti, għat-tmexxija ta' kampanji jew għall-immaniġġjar ta' pjattaformi tal-media soċjali

L-iżviluppi mhux mistennijin jew id-dewmien barra mill-kontroll tal-osservatur jistgħu jirriżultaw f'varjazzjonijiet konsiderevoli fl-attività u fil-kost matul il-perjodu ta' kkuntrattar. L-osservatur għandu jqis bir-reqqa kif għandhom jiġu ġestiti dawn il-fluttwazzjonijiet, u jippjana attivitajiet li jappoġġaw il-monitoraġġ li jistgħu jsiru indipendentement mill-perjodu ta' żmien tal-proġett.

Fil-proġett Patti ta' Integrità tal-UE, huwa stmat li l-ispejjeż tal-implimentazzjoni ta' patt ta' integrità varjaw bejn EUR 70,000 u EUR 250,000, esklużi l-attivitajiet programmatiċi sabiex jiġi kkomunikat u appoġġat l-impatt ġenerali tal-proġett pilota. Il-valur medju tat-18-il proġett immonitorjati bħala parti mill-proġett pilota Patti ta' Integrità tal-UE kien ta' EUR 12.3-il miljun, b'valuri li jvarjaw minn EUR 130 000 sa EUR 250 miljun. Dawn l-ispejjeż ikopru l-monitoraġġ tal-istadji kollha tal-akkwist, mill-fażi ta' qabel l-offerti sal-implimentazzjoni tas-servizzi. L-estimi huma konformi ma' dak li ġie osservat f'patti ta' integrità f'kuntesti oħrajn u fil-letteratura eżistenti.

# ***GWIDA NRU 3: IŻGURAR TA' MONITORAĠĠ EFFETTIV***

Ladarba jkunu ġew stabbiliti l-pedamenti ta' PI u jkunu fis-seħħ il-kundizzjonijiet kollha, l-organizzazzjoni indipendenti tas-soċjetà ċivili li tipparteċipa fl-PI jkollha rwol katalitiku permezz tal-ħidma ta' monitoraġġ tagħha. Jekk taħdem b'mod akkurat u preċiż, l-osservazzjoni, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħha jrawmu l-kollaborazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati sabiex jissodisfaw l-impenji tal-PI. Dan jista' jtejjeb ukoll l-eżiti tal-proġett ta' kkuntrattar pubbliku li jiġi mmonitorjat u jagħti spinta lit-trasparenza u lill-fiduċja pubblika. Sabiex tgħin lill-gruppi tas-soċjetà ċivili jaqdu r-rwol tagħhom, it-taqsimu li ġejja tipprovdi gwida dwar l-oġettivi intermedji ewlenin u l-punti tat-teħid ta' deċiżjonijiet sabiex jiġu rrispettati l-prinċipji ta' governanza tajba u sabiex il-proċess jinżamm ħieles minn influwenza indebita matul iċ-ċiklu ta' kkuntrattar pubbliku.

## Ċiklu ta' kkuntrattar pubbliku

<b>Ippjanar:</b>	I-AK tingħata l-kompitu li tiġbor informazzjoni rilevanti sabiex tfassal il-proċedura ta' kkuntrattar pubbliku u tissodisfa l-ħtieġa identifikata.
<b>Qabel l-offerti:</b>	I-AK tiżviluppa l-ispeċifikazzjonijiet, il-kriterji u d-dokumentazzjoni rilevanti li jiggwidaw l-għoti tal-kuntratt u l-implimentazzjoni tiegħu.
<b>Offerti:</b>	I-AK tirċievi proposti minn entitajiet interessati fil-kuntratt u li jipprovdu l-oġġetti jew is-servizzi li jkunu mitluba.
<b>Għoti:</b>	I-AK tirrieżamina l-proposti li jaslu, tagħżel l-entità li tipprovdi l-oġġetti u s-servizzi meħtieġa u tifformalizza l-ftehim.
<b>Implimentazzjoni:</b>	il-kuntratt jiġi eżegwit, u l-oġġetti jew is-servizzi meħtieġa jiġu pprovduti mill-entità mogħtija l-kuntratt.

### 3.1 IPPJANAR

#### Introduzzjoni

Fil-fażi tal-ippjanar tal-akkwist, l-awtorità kontraenti (AK) tivvaluta l-ħtiġijiet tagħha, tidentifika s-suġġett tal-kuntratt (l-oġġetti, ix-xogħlijiet jew is-servizzi li jkunu se jiġu akkwistati), tanalizza s-suq sabiex tifhem jekk tistax twassal dak li jkun meħtieġ, twettaq jew tikkummissjona studji tal-fattibbiltà ekonomiċi, soċjali jew ambjentali, u tikkonsulta lill-benefiċjarji mistennjin jew lill-komunitajiet affettwati. F'din il-fażi, il-kompitu ġenerali tal-osservatur huwa li jivverifika li l-proċess ikun komprensiv, trasparenti, miftuħ għal dibattitu pubbliku u ħieles minn influwenza indebita.

L-osservaturi l-ewwel iridu jiksbu aċċess għal u jirrieżaminaw id-dokumentazzjoni ta' sfond dwar il-proġett, inklużi l-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet u l-istudji tal-fattibbiltà, ir-rapporti ta' analiżi tas-suq, u l-proċessi ta' konsultazzjoni mal-benefiċjarji u mal-komunitajiet affettwati. Meta jirrieżaminaw dawn id-dokumenti, l-osservaturi jeħtiġilhom jivverifikaw li jkun hemm ġustifikazzjoni adegwata għad-deċiżjonijiet kollha li jkunu ttieħdu u li ma jkun hemm l-ebda nuqqas kritiku fl-informazzjoni li jista' jżid ir-riskju ta' offerta jew ta' kuntratt difettuż. Meta jiġu identifikati nuqqasijiet bħal dawn, il-kontrolluri

jeħtiġilhom jiddiskutu azzjonijiet korrettivi jew attivitajiet supplimentari mall-AK.

L-osservaturi għandhom ikunu konxji li din il-fażi ta' spiss ma tkunx definita sew (pereżempju, id-diskussjonijiet dwar proġetti infrastrutturali ewlenin jistgħu jieħdu xhur jew snin) u diversi passi jistgħu jikkoinċidu ma' attivitajiet ta' qabel l-offerti. L-involviment u l-kooperazzjoni tal-osservaturi mall-AK f'din il-fażi tista' tiddependi wkoll fuq jekk il-ftehim tal-PI ikunx diġà fis-seħħ jew le. Meta jitqiesu r-riskji sinifikanti ta' żbalji u ta' influwenza indebita f'dan l-istadju,<sup>15</sup> l-osservaturi għandhom jadotta approċċ flessibbli fl-attivitajiet tagħhom u ma għandhomx jistennew sakemm il-ftehim ta' PI jiġi ffirmat sabiex jibda x-xogħol tiegħu.

L-osservatur jeħtiġle għal jikkunsidra azzjonijiet sabiex tiġi indirizzata l-pressjoni politika. Ir-rakkomandazzjonijiet dwar l-azzjonijiet korrettivi jew l-attivitajiet komplementari jistgħu jikkawżaw dewmien jew jiġġeneraw tensjonijiet mall-AK, u l-osservaturi għandhom ikunu lesti li jressqu argumenti tekniċi sodi sabiex jappoġġawhom. L-osservaturi jeħtiġilhom jieħdu wkoll passi sabiex jimmitigaw kunflitt ta' interessi u jipprevjenu influwenza indebita billi jixtarru d-dikjarazzjonijiet tal-interessi u tal-assi tal-uffiċjali pubbliċi u ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet involuti fil-proġett ta' akkwist.

F'dan l-istadju tal-proċess, l-osservaturi għandhom ikunu lesti għat-tħabbira pubblika tal-PI. Dan l-istadju importanti jkun mistenni jattira l-interess pubbliku u jista' jinvolvi xi sfidi ta' komunikazzjoni. L-osservaturi jkollhom jidentifikaw udjenzi fil-mira fost il-media, is-soċjetà ċivili u gruppi oħrajn ta' partijiet

ikkonċernati u jantiċipaw il-ħtieġa tagħhom għal informazzjoni ta' sfond dwar l-PI. Sabiex jiġi ffaċilitat dan il-kompitu, l-osservaturi għandhom jistabbilixxu paġna web dedikata dwar l-PI b'informazzjoni dettaljata dwar il-proġett, b'aħbarijiet u b'aġġornamenti, aċċess għad-dokumenti rilevanti, u kanali jew il-mekkaniżmi għaċ-ċittadini sabiex jirrapportaw l-irregolaritajiet.

### *Aċċess għad-dokumentazzjoni ta' sfond*

Bħala l-ewwel pass fl-attivitajiet tagħhom, l-osservaturi jeħtiġilhom ifittxu aċċess għad-dokumentazzjoni ta' sfond importanti kollha dwar il-proġett ta' kkuntrattar sabiex jifhmu r-raġunament tiegħu u jiżguraw li dan jikkonforma mal-interess pubbliku. Din id-dokumentazzjoni għandha tinkludi, bħala minimu, informazzjoni dwar l-għanijiet u l-oġġettivi tal-proġett u l-allinjament tagħhom mal-politiki u mal-istrategġiji tal-gvern, il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u d-definizzjoni tas-suġġett tal-kuntratt (l-oġġetti, ix-xogħlijiet jew is-servizzi speċifiċi li se jiġu akkwistati), l-istudji ta' fattibbiltà, analiżi tas-suq u konsultazzjonijiet mal-benefiċjarji mistennija jew mal-komunitajiet affettwati.<sup>16</sup>

L-osservaturi għandhom iħejju lista ta' kontroll tad-dokumenti u jidentifikaw dawk li diġà jkunu disponibbli fid-dominju pubbliku u dawk li jeħtiġ li jintalbu lill-AK. Biex jiffaċilitaw dan il-proċess, huma jistgħu jibagħtu kwestjonarju lill-AK, u jitolbuha tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-passi kollha meħrudin għall-ippjanar tal-akkwist sa dak iż-żmien, flimkien mad-dokumentazzjoni relatata u ma' struzzjonijiet dwar kif għandha taċċessaha. Dan jippermetti lill-osservaturi jivverifikaw il-komprensività tal-proċess, jidentifikaw attivitajiet komplementari potenzjali u jivalutaw il-livell ta' divulgazzjoni tal-informazzjoni dwaru.

F'xi sitwazzjonijiet – l-aktar probabbli meta l-ftehim tal-PI jkun għadu ma ġiex stabbilit – l-AK tista' tirrifjuta li taqşam ċerta informazzjoni mal-osservaturi minħabba li tqis li dan ikun jikser ir-regoli ta' kunfidenzjalità. F'każijiet bħal dawn, l-osservaturi għandhom jivverifikaw bir-reqqa l-leġiżlazzjoni rilevanti sabiex jiċċaraw jekk l-AK għandhiex id-dritt żżomm l-informazzjoni għal tali raġunijiet u jivverifikaw jekk ikunx possibbli li jinkisbu dokumenti f'forma redatta.<sup>17</sup> Fil-każ preċedenti, sabiex jiġi żgurati li l-informazzjoni ma tiġix iddivulgata, dawn jistgħu jippruvaw jiffirmaw ftehim *ad hoc* ta' nondivulgazzjoni jew jissuġġerixxu l-użu ta' teknoloġiji kriptati għall-iskambju u għall-ħżin tal-informazzjoni.

### *Profil tal-proġett, valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet u studji tal-fattibbiltà*

Id-dokumentazzjoni relatata mal-profil tal-proġett normalment tinkludi informazzjoni dwar l-għanijiet u l-oġġettivi tal-proġett, il-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet, is-suġġett tal-kuntratt, l-attivitajiet ipplanati u l-baġit stmat.<sup>18</sup> L-osservatur għandu jivverifika li din l-informazzjoni tkun konformi mal-politiki tal-gvern u mal-pjanijiet ta' investiment, u mal-baġit ġenerali allokat lill-AK. Diskrepanzi ovvjii jistgħu jindikaw allarm aħmar għall-korruzzjoni jew għall-kunflitti ta' interess. Jekk jiġi identifikat, l-osservatur għandu jitolb lill-AK tipprovdi kjarifiki addizzjonali u, jekk ikunu neċessarji, ġustifikazzjonijiet. Jista' wkoll iwissi lill-awtoritajiet ta' sorveljanza dwar is-suspetti tiegħu.

L-osservaturi, idealment bl-apoġġ ta' esperti tekniċi, għandhom jivverifikaw li s-suġġett tal-kuntratt iwieġeb b'mod adegwat għall-ħtiġijiet identifikati. L-osservatur għandu jifhem li l-ħtieġa ma hijiex l-oġġetti, ix-xogħlijiet jew is-servizzi li jkunu se jiġu akkwistati (pereżempju, tramline), iżda pjuttost il-funzjoni li hija nieqsa sabiex jintlaħaq oġġettiv speċifiku (pereżempju, sabiex tittejjeb il-mobilità f'distrett).<sup>19</sup> Bħala tali, l-osservaturi għandhom jivverifikaw jekk l-AK tkunx ivvalutat kif xieraq għażliet oħrajn sabiex tiġi indirizzata l-ħtieġa u jitolbu ġustifikazzjoni ċara meta dan ma jkunx sar.

Fil-każ ta' xogħlijiet infrastrutturali jew ta' investimenti pubbliċi ta' valur għoli, il-monitoraġġ għandu jirrieżamina l-kwalità tal-istudji ta' fattibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali potenzjali. Għandhom jeżaminaw l-impatti, l-ispejjeż, il-benefiċċji u r-riskji mistennijin tal-proġett.<sup>20</sup> Billi dawn l-istudji ta' spiss jiġu kkummissjonati minn esperti esterni indipendenti jew minn ditti ta' konsulenza speċjalizzati, l-osservaturi jkollhom jivverifikaw li dawn l-atturi ma jkollhom l-ebda rabta mall-AK, li idealment ikunu ntgħażlu permezz ta' proċess miftuħ, ġust u trasparenti, u li l-outputs finali jkunu disponibbli għall-pubbliku għal skrutinju.

### *Analiżi tas-suq*

Fost id-dokumenti tal-ippjanar, l-analiżi tas-suq hija biċċa informazzjoni vitali li trid tiġi rieżaminata. L-AK twettaqha sabiex tikseb għarfien dwar is-soluzzjonijiet disponibbli sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet identifikati, titgħallem dwar is-suq rilevanti, u tiddefinixxi aħjar is-suġġett u l-valur stmat tal-kuntratt.<sup>21</sup> Meta l-analiżi tas-suq ma ssirx kif suppost



(jew ma ssirx), tista' twassal għal dokumentazzjoni tal-offerti nieqsa jew mhux adegwata. Dan imbagħad iżid ir-riskju li l-ebda operatur ekonomiku ma jkun interessat jissottometti offerti jew jkun jista' jeżegwixxi l-kuntratt.

L-AK primarjament janalizzaw is-suq billi jsegwu wieħed jew aktar minn dawn il-metodi:

- rieżami tal-proċeduri ta' kuntrattar preċedenti għal oġġetti, għal xogħlijiet jew għal servizzi simili
- riċerka tas-suq (ibbażata fuq id-dokumentazzjoni) sabiex jiġu identifikati operaturi ekonomiċi attivi u sabiex jinftiehem t-tip u l-grad ta' kompetizzjoni fis-suq rilevanti u l-politiki tal-ipprezzar
- konsultazzjoni mas-suq sabiex tingābar *data* direttament mingħand offerenti potenzjali fuq firxa wiesgħa ta' aspetti bħall-ispejjeż, l-ispeċifikazzjonijiet, il-kapaċità tal-produzzjoni, iż-żmien, l-alternattivi u kundizzjonijiet rilevanti oħrajn<sup>22</sup>

L-osservaturi għandhom jivverifikaw il-komprensività ġenerali tal-proċess ta' analiżi tas-suq u l-kwalità tad-dokumentazzjoni prodotta.<sup>23</sup> L-analiżijiet tas-suq imwettqin skont wieħed biss mill-metodi ta' hawn fuq jistgħu jindikaw nuqqas ta' ppjanar. Jekk dan ikun il-każ, l-osservaturi għandhom jiċċekkjaw jekk l-AK għandhiex ġustifikazzjoni valida għal dan (pereżempju, kapaċità interna limitata jew akkwist rikorrenti). Jekk il-baġit tal-AK jippermetti u l-ispejjeż ma jkunux sproporzjonati, l-osservatur għandu jissuġġerixxi azzjonijiet komplementari, bħal riċerka jew appoġġ addizzjonali minn esperti esterni bħal analisti kummerċjali indipendenti jew ditti ta' konsulenza.

L-osservaturi jridu jivverifikaw li l-konsultazzjonijiet tas-suq isegwu l-prinċipji fundamentali tat-trasparenza, tat-trattament ugwali u tan-nondiskriminazzjoni. Għandhom jivverifikaw li l-AK ma tkunx esklużet operaturi ekonomiċi possibbli kif identifikati fir-riċerka tas-suq, u li kwalunkwe informazzjoni kondiżiva ma' kumpanija b'riżultat tal-konsultazzjoni tkun disponibbli għal kumpaniji parteċipanti oħrajn. Jekk l-AK tonqos milli tiegħu dawn l-azzjonijiet, l-osservaturi jistgħu jissuġġerixxu azzjoni korrettiva jew saħansitra jirrapportaw it-tali mġiba lill-awtorità tal-kompetizzjoni jekk tikser ir-regolamenti rilevanti.

### *Involvement tal-benefiċjarji u tal-komunitajiet affettwati*

Fl-ippjanar tal-akkwist, kunsiderazzjoni xierqa tal-fehmiet u tat-tħassib tal-benefiċjarji u tal-komunitajiet affettwati hija kruċjali sabiex jiġu evitati problemi fi stadji aktar tard. Ma huwiex rari li l-proġetti infrastrutturali jew dawk li jipprovdu servizzi direttament liċ-ċittadini jitnaqqsu jew jiġu interrotti minħabba protesti mill-komunitajiet. Il-protesti jistgħu jkunu dovuti għall-impatt negattiv tal-proġett fuq l-ambjent jew fuq il-kwalità tal-ħajja f'ċerti postijiet. Sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, l-osservaturi għandhom iħeġġu lill-AK tikkomunika maċ-ċittadini mill-aktar fis possibbli fil-proċess, f'konformità mal-mandat tagħha.

Jekk l-PI jibded meta l-fażi ta' ppjanar tkun għadha għaddejjja, l-osservaturi jkollhom opportunità jtejbu l-proċess billi jivvalutaw l-adeqwatezza tal-inizjattivi potenzjali ppjanati mill-AK, bħall-konsultazzjonijiet pubbliċi, u l-laqgħat u s-seduti bejn diversi partijiet ikkonċernati. Jistgħu jipprovdu pariri sabiex itejbu l-ippjanar jew saħansitra jipparteċipaw b'mod attiv fl-organizzazzjoni. Anke bl-PI li jibded meta tiġi konkluża l-fażi ta' ppjanar, l-osservaturi għandhom jevalwaw il-kwalità tal-attivitajiet ta' involvement tal-komunità u, jekk dawn jitqiesu insuffiċjenti, iwissu dwar riskji potenzjali jew jirrakkomandaw oħrajn addizzjonali.

Sabiex jitrawwem l-involvement taċ-ċittadini fil-proċess ta' ppjanar, l-osservaturi jistgħu jħeġġu lill-AK toħloq (jew ittejjeb, jekk diġà teżisti) paġna web apposta għall-proġett li tinkludi aħbarijiet, aġġornamenti u avviżi dwar l-opportunitajiet għal konsultazzjonijiet pubbliċi. Kanal bħal dan jista' jaħdem ukoll bħala punt ta' aċċess uniku għad-dokumentazzjoni relatata mal-proġett, għodod għat-talba rapida ta' informazzjoni addizzjonali permezz ta' dispożizzjonijiet tar-regolament dwar id-Dritt għall-Infommazzjoni, u spazji għaċ-ċittadini sabiex jissottomettu l-kummenti u s-suġġerimenti tagħhom, jesprimu t-tħassib tagħhom u jirrapportaw l-irregolaritajiet.

### *Prevenzjoni ta' influwenza indebita u ta' kunflitt ta' interess (parti nru 1)*

F'xi każijiet, l-uffiċjali involuti fi proġett ta' akkwist, jew dawk li għandhom is-setgħa jinfluwenzaw, ikollhom interessi finanzjarji, ekonomiċi jew personali oħrajn li jistgħu jikkompromettu l-imparzjalità jew l-indipendenza tagħhom. L-



osservaturi jeħtiġilhom jieħdu passi sabiex jidentifikaw u jindirizzaw sitwazzjonijiet bħal dawn u jipprevjenu influwenza indebita fil-proċess.

Għal dan l-għan, l-osservaturi għandhom jitolbu aċċess sħiħ għad-dikjarazzjonijiet tal-interessi u tal-assi tal-uffiċjali pubbliċi kollha marbutin mal-proġett ta' akkwist u jieħdu nota tal-informazzjoni rilevanti kollha li tista' twassal għall-identifikazzjoni ta' kunflitti ta' interess. Dawn jistgħu, pereżempju, jeżaminaw is-sjeda tal-ishma f'kumpaniji kummerċjali minn uffiċjali pubbliċi u, f'xi każijiet, mill-membri tal-familja tagħhom. Jekk jiġu identifikati kunflitti ta' interess, il-kontrolluri għandhom jiddiskutu miżuri għall-prevenzjoni ta' influwenza indebita mal-kap tal-AK u, jekk ikun hemm bżonn, javżaw lill-awtoritajiet ta' sorveljanza.

Għal saff addizzjonali ta' sigurtà, l-osservaturi jistgħu jhegħgu lill-AK titlob lil kwalunkwe persuna li tiegħu sehem fl-għażla, fl-evalwazzjoni jew fl-għoti tal-kuntratt sabiex tiffirma dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess. Dan għandu jinkludi definizzjoni sħiħa ta' kunflitt ta' interess f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-UE dwar l-Akkwist u tar-Regolament Finanzjarju tal-UE, dikjarazzjoni li tikkonferma li l-uffiċjal ma jkollu l-ebda kunflitt ta' interess, u dikjarazzjoni li jirrapporta kwalunkwe kunflitt ta' interess malli jseħħ.<sup>24</sup> Għalkemm il-kunflitti ta' interess jistgħu jibqgħu moħbijin, dikjarazzjoni ffirmata tagħmilha aktar faċli li tittieħed azzjoni dixiplinari jekk jitfaċċaw jew jiġu identifikati aktar tard.

## Dikjarazzjonijiet tal-interessi u tal-assi mill-uffiċjali tal-gvern fl-UE

Is-sistemi ta' dikjarazzjoni tal-interessi u tal-assi, li jagħtu mandat lill-uffiċjali pubbliċi nazzjonali sabiex perjodikament jissottomettu informazzjoni dwar l-interessi privati, l-introjtu, l-assi u l-obbligazzjonijiet tagħhom, jista' jkollhom rwol ċentrali fil-promozzjoni tat-trasparenza, tal-akkontabilità u tal-integrità fis-settur pubbliku. Huma jaġixxu wkoll bħala rabta fundamentali fil-katina usa' tal-għlieda kontra l-korruzzjoni. Fil-kuntest ta' PI, huma għodda essenzjali għall-monitoraġġ sabiex jidentifikaw u jindirizzaw kwalunkwe kunflitt ta' interess tal-uffiċjali pubbliċi involuti fl-akkwist u jipprevjenu influwenza indebita. Hemm tliet tipi ewlenin ta' sistemi ta' dikjarazzjoni:

is-sistemi ffukati fuq l-identifikazzjoni ta' kunflitt ta' interess, li tipikament jeħtieġu d-divulgazzjoni, fost

affarijiet l-oħrajn, ta' karigi mhux tal-uffiċċju (pereżempju, f'kumpaniji kummerċjali, f'organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u f'korpi professjonali), u ta' sorsi ta' introjtu

sistemi ffukati fuq l-identifikazzjoni tal-arrikkiment illeċitu, li għandhom l-għan li jimmonitorjaw il-ġid tal-uffiċjali pubbliċi maż-żmien, u tipikament jeħtieġu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar l-assi mobbli u immobbli, l-introjtu, l-istokks, it-titoli u l-obbligazzjonijiet

sistemi ibridi li jikkombinaw elementi taż-żewġ tipi ta' hawn fuq<sup>25</sup>

Il-politiki tal-gvern, il-kapaċitajiet amministrattivi, u s-sistemi tad-dikjarazzjoni tal-interessi u tal-assi jvarjaw ħafna bejn il-pajjiżi tal-UE skont il-kuntest nazzjonali u r-riskji ta' korruzzjoni. Għalhekk, l-osservaturi jeħtiġilhom isiru jafu bir-regolamenti nazzjonali rilevanti u jsiru jafu dwar liema uffiċjali pubbliċi jeħtiġilhom jagħmlu dikjarazzjonijiet, it-tip u l-ambitu tal-informazzjoni li għandha tinġabar, l-aċċess pubbliku għal dik l-informazzjoni, l-aġenzija responsabbli mill-ġestjoni tas-sistema, eċċ.<sup>26</sup> Jekk tali regolamenti ma jeżistux, il-monitoraġġ jista' jikkunsidra li jitlob dikjarazzjonijiet *ad hoc* bħala l-aħħar għażla.

## Komunikazzjoni u involviment pubbliku: it-tħabbir tal-patt ta' integrità

Ladarba jitlesta kollox għall-iffirmar tal-PI, l-osservaturi għandhom jieħdu passi sabiex jantiċipaw il-ħtiġijiet ta' komunikazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u jistabbilixxu mezzji xierqa (bħal paġni web, media soċjali u bullettini) sabiex jindirizzawhom, filwaqt li jqisu l-għodod u r-riżorsi disponibbli. F'dan l-istadju, waħda mid-deċiżjonijiet ewlenin relatati mal-komunikazzjoni tikkonċerna t-tħabbira pubblika tal-PI. Dan huwa pass importanti li x'aktarx jattira sfidi sinifikanti ta' interess pubbliku u ta' komunikazzjoni, speċjalment meta l-PI jiġi applikat għal proġetti politikament kontenzjużi.

Il-media, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħrajn iridu jiġu informati sew dwar l-PI qabel it-tħabbira formali tiegħu. Dan itaffi r-riskji ta' nuqqas ta' ftehim mill-media fir-rapportaġġ dwar is-suġġett u jgħin sabiex jinstabu alleati potenzjali. Sabiex jiġu identifikati l-għuralisti li jiktbu dwar suġġetti relatati mal-proġett ta' akkwist u l-organizzazzjonijiet jew l-assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili b'għarfien espert fil-qasam rilevanti, l-osservaturi jistgħu jikkonsultaw rivisti speċjalizzati, għurali orjentati lejn in-negozju u kmamar tal-

aħbarijiet popolari. Barra minn hekk, l-osservaturi jistgħu jfittxu opportunitajiet ta' ġurnaliżmu investigattivu li jistgħu jipprovdu appoġġ sabiex tiġi żvelata korruzzjoni potenzjali fl-akkwist immonitorjat.

L-osservaturi għandhom jiġbru bażi tad-*data* b'informazzjoni ta' kuntatt sabiex iżommu rendikont tal-atturi rilevanti kollha. Wara dan, l-osservaturi għandu jkollhom l-għan li jistabbilixxu linja ta' komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati identifikati, pereżempju, permezz ta' messaġġi mmirati, sqarrijiet għall-istampa, bullettini u laqgħat. Il-messaġġi u l-materjal ta' komunikazzjoni għandhom jifasslu skont diversi partijiet ikkonċernati u jipprovdu kemm jista' jkun kjarifiki dwar l-PI, l-iskop tiegħu, u l-possibiltajiet ta' involviment fil-proċess.

Sabiex jittaffew ir-riskji relatati mad-dipendenza fuq l-intermedjarji fil-komunikazzjoni dwar l-PI, sal-mument tat-tħabbir tagħha, l-osservaturi jeħtiġilhom ikunu stabbilew paġna web apposta jew mikrosit b'informazzjoni rilevanti dwar il-proġett. Il-paġna għandha tinkludi, bħala minimu, deskrizzjoni tal-PI u spjegazzjoni tal-għanijiet tiegħu, informazzjoni dwar l-oġettivi u l-attivitajiet tal-proġett, spazji għal aġġornamenti regolari, u dokumenti rilevanti. Idealmment, ikunu inklużi karatteristiċi faċli għall-utent bħal skedi taż-żmien interattivi, taqsimiet tal-FAQs u kanali ta' komunikazzjoni/rapporatar (ara l-kaxxa aktar 'l isfel).

Għażla addizzjonali sabiex jiġu żgurati ħidma biex jintlaħqu n-nies u sensibilizzazzjoni akbar fost il-partijiet ikkonċernati dwar l-iffirmar tal-PI hija li jiġi organizzat avveniment pubbliku b'kopertura tal-media jew b'konferenza stampa. B'dan il-mod, l-osservaturi jista' jilħaq diversi atturi fl-istess ħin u jżid il-possibiltajiet li l-PI isib post fid-dibattitu pubbliku. L-organizzazzjoni ta' avveniment bħal dan tista' tinvolvi sfidi ta' komunikazzjoni, bħal mistoqsijiet jew talbiet mhux infurmati tajjeb, iżda dawn ma għandhomx jikkostitwixxu problema jekk l-osservatur ikun ħejja materjali komprensivi ċari dwar l-PI minn qabel.

## Siti web jew paġni web dedikati tas-sħab tal-Patti ta' Integrità tal-UE

Fil-proġett Patti ta' Integrità tal-UE, il-15-il sieħeb kollha minn madwar 11-il pajjiż stabbilew kanali online sabiex jikkomunikaw dwar l-PI u l-attivitajiet ta' monitoraġġ tagħhom. Disa' sħab stabbilew sit

web dedikat, żewġ sħab ħolqu mikrosit fis-sit web tagħhom, u erba' sħab attivaw taqsima speċifika fuq is-sit web tagħhom. L-istruttura u l-istil tas-siti varjaw iżda kellhom xi karatteristiċi komuni, inklużi:

- taqsima dwar l-ispejgazzjoni ta' x'inhu PI, inklużi l-ftehimiet iffirmati ta' PI
- deskrizzjoni tal-proġett ta' kkuntrattar pubbliku u l-proċeduri ta' akkwist relatati
- kanali għaċ-ċittadini sabiex jinvolvu ruħhom fil-proċess
- spazju għal aħbarijiet u għal aġġornamenti dwar l-PI u l-proġett immonitorjat, inklużi rapporti ta' monitoraġġ

Is-siti web ta' xi sħab kellhom karatteristiċi addizzjonali utli, bħal skedi taż-żmien interattivi li juru l-oġettivi intermedji tal-PI u l-kanali ta' rapporatar għaċ-ċittadini sabiex jallertaw dwar irregolaritajiet jew jesprimu t-tħassib tagħhom dwar il-proġett.

Ara n-noti ta' tmiem għal lista sħiħa tal-indirizzi tal-web.<sup>27</sup>

## 3.2 QABEL L-OFFERTI

### Introduzzjoni

Fl-istadju ta' qabel l-offerti, l-AK tnejni għall-fajl tal-offerta u għat-tnedija. Tiddefinixxi l-istruttura tal-kuntratt u l-istruttura tal-offerta, tagħżel il-metodu tal-akkwist, tiżviluppa skeda taż-żmien sabiex jiġi eżegwit il-proċess kollu, tagħmel estimi finanzjarji dwar il-valur tal-kuntratt, tiżviluppa speċifikazzjonijiet tekniċi u kriterji ta' evalwazzjoni, u tnejni l-abbozz tal-kuntratt li jkun se jiġi ffirmat mal-offerent rebbieħ, fost kompiti oħrajn. Din hija fażi kruċjali li ssawwar kif isseħħ il-bqija tal-akkwist.

F'din il-fażi, l-osservatur għandu tliet kompiti:

- Jiverifika li l-kontenut tal-fajl tal-offerta jkun konsistenti, jikkostitwixxi total koerenti (u realistiku), u konformi mar-riżultati tal-fażi tal-ippjanar.
- Jiverifika li l-metodi tal-AK għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-istruttura tal-offerti u l-

proċedura ta' akkwist, l-istima tal-valur tal-kuntratt u l-abbozzar ta' dokumenti oħrajn ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti u mad-direttivi tal-UE dwar l-akkwist.

- Jivverifika li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u dokumenti oħrajn tal-offerti ma jkunux imfasslin sabiex jiffavorixxu lil xi offerenti u jkunu allinjati mas-sejbiet tal-analiżi tas-suq.

L-osservaturi u l-esperti tekniċi indipendenti jista' jkollhom rwol sinifikanti fit-trawwim ta' dokumenti tal-offerti ta' kwalità għolja. Madankollu, sabiex dan iseħħ huwa essenzjali li l-aċċess għall-abbozz tad-dokumentazzjoni u tar-rieżami tiegħu jsir fil-ħin opportun. L-osservaturi idealment għandu jkollhom aċċess għad-dokumenti waqt li l-AK tkun qed tfejjihom u jkollhom biżżejjed żmien sabiex jirrieżaminawhom mal-esperti, jipprovdu rakkomandazzjonijiet, u jiżguraw li dawn jiġu kkunsidrati kif xieraq qabel ma l-AK tiegħu d-deċiżjoni finali. Il-ftehim dwar l-PI għandu jispeċifika ż-żmien sabiex jiġi evitat nuqqas ta' qbil.

L-osservaturi jeħtiġilhom jistabbilixxu relazzjoni tajba mal-AK u jiksbu l-kooperazzjoni tagħha sabiex ikunu involuti f'diskussjonijiet dwar id-dokumenti tal-akkwist sa mill-bidu nett. Sabiex dan jiġi ffaċilitat, l-osservaturi għandhom ikunu midħla tal-proċeduri ta' ħidma tal-AK (pereżempju, l-uffiċjali tal-AK jistgħu jeħtieġu l-approvazzjoni tas-superjuri tagħhom qabel ma jimmodifikaw id-dokumenti u dan jista' jieħu ż-żmien) u jiżguraw li l-attivitajiet ta' monitoraġġ jitwettqu kemm jista' jkun fl-istess ħin skont l-iskeda taż-żmien interna tal-AK, sabiex jiġu evitati kunflitti potenzjali.

Fxi każijiet, bħal xogħlijiet infrastrutturali fuq skala kbira, il-fajl tal-offerta jista' jkun estensiv ħafna u diffiċli li jiġi vverifikat. Filwaqt li r-reklutaġġ tal-esperti adatti huwa prekundizzjoni sabiex l-osservaturi jagħmlu xogħol tajjeb, l-appoġġ tal-korpi pubbliċi huwa importanti wkoll. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-akkwist u r-regolaturi tal-kompetizzjoni jistgħu jipprovdu garanziji addizzjonali dwar jekk it-tnejja tad-dokumenti tal-offerti u l-kontenut tagħhom ikun konformi mad-dispożizzjonijiet regolatorji rilevanti.

B'mod parallel ma' dawn l-istadji inizjali tal-akkwist, li f'ħafna każijiet jistgħu jikkoinċidu mal-fażi tal-ippjanar, l-osservaturi jeħtiġilhom jibdeu iħejju r-rapporti ta' monitoraġġ tagħhom. Permezz tagħhom, huma jikkomunikaw il-progress dwar il-proġett ta' akkwist, jitolbu azzjonijiet korrettivi dwar irregolaritajiet osservati u jipprovdu suġġerimenti

sabiex jingħelbu l-isfidi identifikati. It-taqsimiet li ġejjin dwar ir-rapporti ta' monitoraġġ jipprovdu ħarsa ġenerali lejn l-elementi u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tagħhom dwar iż-żmien tat-tnejja u l-pubblikazzjoni.

### *Strateġija ta' kkuntrattar*

L-istabbiliment tal-istrateġija ta' kkuntrattar ġeneralment jimplika d-definizzjoni tal-istruttura tal-offerti u l-għażla tal-metodu tal-akkwist. Dawn iż-żewġ aspetti kritiċi għandhom effett fuq il-kompetizzjoni u fuq il-valur għall-flus tal-akkwist. L-osservaturi għandhom jivverifikaw li d-deċiżjonijiet dwar l-istrateġija jkunu allinjati mal-kundizzjonijiet tas-suq u li l-metodoloġija u r-raġunament loġiku tal-AK jikkonformaw mal-linji gwida u mal-istandards stabbiliti fir-regolament nazzjonali u tal-UE.

L-AK jeħtiġilha tiddefinixxi l-istruttura tal-offerta f'konformità mal-karatteristiċi u mas-suġġett tal-akkwist u tiddeċiedi jekk ikollhiex kuntratt wieħed biss jew taqsmux flottijiet ta' valur aktar baxx. L-osservaturi jridu jivverifikaw dawn id-deċiżjonijiet billi jsegwu l-prinċipju ġenerali li kull kuntratt jew lott irid jikkostitwixxi unità funzjonali sħiħa.<sup>28</sup> L-osservatur irid jevalwa b'mod kritiku l-impatt tal-lottijiet fuq l-effettività u fuq l-effiċjenza tal-proġett ta' akkwist u fuq l-oġġettivi tiegħu.<sup>29</sup>

L-għażla tal-metodu ta' akkwist għandu jkollha l-għan li timmassimizza l-valur pubbliku u tilħaq l-għanijiet tal-proġett, filwaqt li trawwem il-kompetizzjoni fost l-offerenti prospettivi. Id-Direttiva tal-UE dwar l-Akkwist tiddekrivi ħames proċeduri ewlenin (proċedura miftuħa, proċedura ristretta, proċedura kompetittiva permezz tan-negozjar, djalogu kompetittiv u għoti dirett) u l-kriterji u s-sitwazzjonijiet speċifiċi li skonhom għandhom jintgħażlu.<sup>30</sup>

L-għażla tal-metodu tal-akkwist ma hijiex sempliċi. Fil-proċess, l-AK jeħtieġ li tiżen firxa wiesgħa ta' fatturi, bħall-kapaċità amministrattiva, l-iskadenzi interni, il-kompetizzjoni fis-suq rilevanti, l-implikazzjonijiet potenzjali tal-kompiti operazzjonali fuq il-piż amministrattiv, il-kompetizzjoni, ir-riskju ta' lmenti u ta' dewmien, u aspetti oħrajn. L-osservaturi għandhom jivverifikaw li l-proċedura magħżula tagħmel sens bil-karatteristiċi osservati tas-suq, u li l-metodoloġija użata mill-AK tkun konformi mal-linji gwida nazzjonali u tal-UE.<sup>31</sup>

### *Skeda taż-żmien*

Ladarba tkun iddeċidiet dwar l-istrategġja ta' kkuntrattar, l-AK jeħtiġilha tistabbilixxi skeda taż-żmien għall-proċess kollu, inklużi l-iskadenzi għas-sottomissjoni tal-offerti, l-għoti tal-kuntratt u l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet jew il-konsenja tal-provvisti u tas-servizzi. L-osservaturi għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil din id-deċiżjoni. Skedi taż-żmien mhux realistiki jew manipolati b'mod mhux xieraq jistgħu jwasslu għal dewmien u żbalji fil-fażijiet sussegwenti tal-akkwist. Meta dan ikun parti minn proġett akbar iffinanzjat mill-UE li jinvolvi kuntratti oħrajn, dan jista' jkollu riperkussjonijiet negattivi, li jwasslu għat-telf ta' fondi tal-UE.

L-osservaturi jeħtiġilhom jivverifikaw li l-perjodu ta' żmien għas-sottomissjoni tal-offerti jikkonforma mal-minimu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u fid-Direttiva tal-UE dwar l-Akkwist. L-ebda eċċezzjoni ma tista' tiġi abbużata sabiex tqassar b'mod mhux xieraq il-proċess. Perjodi qosra ta' tnejn tal-offerti jiksru l-prinċipju ta' trattament ġust mingħajr raġuni u jistgħu jillimitaw in-numru u l-kwalità tal-offerti. Jistgħu jkunu assoċjati wkoll ma' korruzzjoni, pereżempju, meta skeda taż-żmien tiġi mmanipolata sabiex jitnaqqas il-perjodu ta' żmien iżda offerent wieħed biss jiġi informat minn qabel bi tpartit ma' tixħima jew ma' benefiċċju indebitu.

L-osservaturi jeħtiġilhom jivverifikaw li l-perjodu ta' żmien stabbilit għall-implimentazzjoni tal-kuntratt jirrifletti l-kundizzjonijiet attwali tas-suq, iqis iż-żminijiet mistennijin tal-produzzjoni għall-oġġetti (inklużi l-loġistika, il-konsenja u l-valutazzjonijiet tal-kwalità) jew iż-żminijiet tal-eżekuzzjoni għax-xogħlijiet u għas-servizzi, li jistgħu jvarjaw ukoll fost l-operaturi ekonomiċi. Sabiex jiżiedu aktar l-effettività u l-akkontabilità, l-osservaturi għandhom jivverifikaw li l-AK tkun identifikat ir-riskji ta' dewmien u jkollha pjanijiet ta' mitigazzjoni, filwaqt li jitqiesu – meta jkun possibbli – it-tagħlimiet meħudin minn proċeduri ta' akkwist simili.

Sabiex titrawwem l-akkontabilità u jittejbu l-possibbiltajiet ta' implimentazzjoni b'suċċess, l-osservaturi għandhom iħeġġu lill-AK tfassal sistema għar-reġistrazzjoni tar-responsabbiltajiet u tad-deċiżjonijiet ewlenin matul il-perkors, tissupplimenta l-iskeda taż-żmien b'objettivi intermedji dettaljati li jgħinu sabiex jiġi segwit il-progress, u tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku. Dan jipprovdi inċentivi għall-AK sabiex tiżviluppa skeda taż-żmien realistika u żżomm magħha, u jgħin lill-osservaturi jtejbu s-sistema ta' rekords ta' monitoraġġ tagħhom.

### *Valur tal-kuntratt: estimi baġitarji u finanzjarji*

Il-valur tal-kuntratt jirreferi għall-baġit massimu disponibbli għall-operaturi ekonomiċi. Normalment, dan jirrappreżenta l-estimi tar-remunerazzjoni totali tal-kuntratturi u tal-persunal tagħhom u kostijiet operazzjonali oħrajn bħall-materjal, it-trasport u l-loġistika.<sup>32</sup> Bl-appoġġ ta' esperti tekniċi, bħal analisti finanzjarji, attwarji jew professjonisti tal-kontabilità, il-kontrolluri jeħtiġilhom jivverifikaw jekk l-estimi jkunux ibbażati b'mod ġenwin fuq informazzjoni aġġornata dwar is-suq u l-esperjenza minn kuntratti simili, inklużi dawk f'pajjiżi oħrajn tal-UE, meta xieraq.

L-osservaturi għandhom ikunu konxji tal-komplessitajiet li jistgħu jiġu ffaċċjati fl-istima tal-baġit, bħall-volatilità potenzjali tal-prezzijiet jew kwistjonijiet relatati man-nuqqas ta' provvista tal-forza tax-xogħol. Sabiex jiġi żgurat li l-AK tkun għamlet l-aħjar sforzi tagħha f'dan il-proċess u ma tkunx sfruttat ambigwitatijiet sabiex timmanipula l-baġit b'mod mhux xieraq, l-osservaturi għandhom jitolbu dokumentazzjoni li tiddeskrivi b'mod ċar is-sors u l-metodi użati għall-estima u jivverifikaw il-komprensività tagħha. L-assenza jew l-insuffiċjenza ta' dokumentazzjoni bħal din iżżid il-possibbiltajiet ta' prezz eċċessiv jew ta' falliment u tista' tkun allarm aħmar ta' korruzzjoni.

L-osservaturi għandhom ikunu konxji tar-riskji li AK tinvolvi ruħha fil-qsim ta' kuntratti, jiġifieri l-prattika tad-diviżjoni ta' kuntratti li normalment jikkostitwixxu kuntratt sħiħ f'diversi kuntratti ta' valur aktar baxx sabiex jiġu evitati l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u r-rekwiżiti tal-pubblikazzjoni. Kif indikat fid-Direttiva tal-UE dwar l-Akkwist, din il-prattika hija pprojbita madwar l-UE kollha.<sup>33</sup> Jekk l-osservaturi jissuspettaw li dan qiegħed iseħħ, għandhom jitolbu lill-AK tippovdi ġustifikazzjoni ċara għall-qsim tal-kuntratt b'ċertu mod. Jekk il-ġustifikazzjoni ma tkunx sodisfaċenti, l-osservaturi jeħtiġilhom jinformaw lill-awtorità ta' sorveljanza rilevanti.

### *Speċifikazzjonijiet tekniċi u kriterji ta' evalwazzjoni*

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-kriterji ta' evalwazzjoni jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar l-ambitu u l-karatteristiċi tal-oġġetti, tax-xogħlijiet jew tas-servizzi meħtieġa mill-operaturi ekonomiċi u l-karatteristiċi tal-entitajiet li

jipprovduhom. Dawn x'aktarx ikunu l-aktar elementi kritiċi tal-pakkett tad-dokumenti tal-akkwist, minħabba li għandhom implikazzjonijiet diretti fuq l-eżitu tal-akkwist u, għalhekk, fuq id-deċiżjoni li jiġu allokati r-riżorsi pubbliċi. Għalhekk ikunu f'riskju għoli ta' manipulazzjoni u ta' influwenza indebita minn atturi mingħajr skrupli.

Meta l-osservaturi jirrieżaminaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-kompitu ewlieni tagħhom huwa li jivverifikaw li dawn ma jkunux imfasslin sabiex jiffavorixxu ċerti ditti jew entitajiet u ma jsemmu l-ebda ditta speċifika mingħajr ġustifikazzjoni. Għandhom jiddependu fuq l-appoġġ ta' esperti tekniċi u kummerċjali rilevanti f'dan il-proċess. L-osservaturi għandhom jiżguraw li l-ispeċifikazzjonijiet ikunu allinjati mas-sejbiet tar-riċerka tas-suq. Meta jkun għad hemm inċertezza dwar id-dettalji tekniċi, jistgħu jirrakkomandaw li l-AK twettaq konsultazzjonijiet addizzjonali mal-operaturi ekonomiċi.

L-osservaturi jeħtiġilhom jivverifikaw li l-AK tkun f'arġet bi kriterji ta' evalwazzjoni adegwati, osservabbli, li jistgħu jitkejlu u oġġettivi. Dan il-pass fil-proċess tal-akkwist huwa suxxettibbli għal żball jew għal manipulazzjoni għal finijiet ta' korruzzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea tiddekrivi tliet tipi ta' kriterji li jikkorrispondu għal passi fil-proċess tal-għażla u għal oġġettivi differenti.<sup>34</sup>

- **Ir-raġunijiet għall-esklużjoni** huma ċirkostanzi li fihom operatur ekonomiku jeħtieġ li jiġi eskluż mill-proċedura ta' akkwist. L-osservaturi jeħtiġilhom jivverifikaw li r-raġunijiet jinkludu ksur tal-liġi fil-passat, korruzzjoni, kunflitt ta' interess u eżerċizzju ta' influwenza indebita.
- **Il-kriterji tal-għażla** jiddeterminaw l-adeguatezza tal-offerenti sabiex jeżegwixxu l-kuntratt. L-osservaturi jeħtiġilhom jivverifikaw li l-kriterji ma jiffavorixxu l-ebda ditta magħżula u li l-metodoloġija tkun ċara, trasparenti u disponibbli għall-pubbliku fid-dokumenti.
- **Il-kriterji għall-aġġudikazzjoni** jiddeterminaw liema offerent żviluppa l-aktar proposta vantaġġuża u għandu jingħata l-kuntratt. L-osservaturi jeħtiġilhom jivverifikaw li l-kriterji jiddikjaraw b'mod espliċitu l-approċċ użat (bħall-orhoż prezz, l-aktar spiża baxxa u l-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità), u li s-sistema ta' punteġġ tkun deskritta fid-dokument.

F'xi każijiet, pereżempju akkwisti mingħajr preċedent b'suġġetti teknikament kumplessi, l-osservaturi għandhom jikkuntattjaw lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tal-akkwist jew tal-kompetizzjoni li jistgħu jgħinu sabiex jivverifikaw li l-format tad-dokumentazzjoni jkun konformi mar-regolamenti rilevanti u ma jmurx kontra r-regoli tal-kompetizzjoni. Qabel ma jinvolvu lil dawn l-atturi, l-osservaturi jeħtiġilhom iwettqu l-kontrolli tagħhom stess u jkollhom ġustifikazzjoni ċara għat-talba ta' rieżamijiet formali. Talbiet għal intervent bla skop jistgħu jkunu ħela ta' ħin u ta' flus għall-AK u għall-korpi ta' sorveljanza u jirriżultaw f'pubbliċità negattiva għall-osservatur.

### Abbozz ta' kuntratt

L-abbozz ta' kuntratt huwa dokument legali dettaljat li jipprovdi lill-kuntratturi prospettivi b'informazzjoni dwar l-arranġamenti li jirregolaw l-implimentazzjoni tal-akkwist. Skont il-Kummissjoni Ewropea, kuntratti abbozzati kif suppost għandhom jinkludu, bħala minimu, dispożizzjonijiet dwar ir-regolamentazzjoni applikabbli, ir-responsabbiltajiet tal-partijiet, is-suġġett, il-prezz, id-dewmien, l-imġiba ħażina (inkluża l-korruzzjoni), ir-responsabbiltà, il-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim, il-klawżoli ta' revizzjoni, id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, id-durata tal-kuntratt u l-obbligi ta' kunfidenzjalità.<sup>35</sup>

L-osservaturi l-ewwel għandhom jivverifikaw il-komprensività tal-kuntratt. Sabiex tiġi evitata l-ommissjoni potenzjali ta' elementi essenzjali, l-osservaturi jistgħu jivverifikaw jekk diġà jeżistix xi mudell standardizzat ta' kuntratt (normalment maħruġ mid-dipartiment legali tal-AK jew mill-korp nazzjonali tal-akkwist) u jirrakkomandaw li l-AK tużahom. Meta l-osservaturi jirrieżaminaw il-kontenut u l-formulazzjoni tal-abbozz, għandhom jaġġu attenzjoni partikolari lill-aspetti li ġejjin.

- Il-kuntratt għandu jkun fih deskrizzjoni preċiża tal-oġġetti, tas-servizzi jew tax-xoġġlijiet u jispeċifika liema parti tassumi r-responsabbiltajiet u r-riskji.
- Il-kuntratt għandu jkun fih klawżoli ċari, preċiżi u inekwivokabbli għar-rieżami tad-dispożizzjonijiet tiegħu, inklużi l-ambitu u n-natura ta' modifiki possibbli u l-kundizzjonijiet speċifiċi li fihom jistgħu jiġu applikati.
- Il-kuntratt għandu jkopri f'ħaqqa varjabbli u xenarji ta' implimentazzjoni u jiddefinixxi l-



mekkaniżmi sabiex jiġu indirizzati aspetti jew tilwimiet mhux previsti. Sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà ta' mekkaniżmi b'hal dawn, l-osservaturi jistgħu jirrakkomandaw li l-AK twettaq eżerċizzju ta' simulazzjoni.

- Id-durata tal-kuntratt – il-perjodu mill-iffirmar tal-kuntratt sal-aċċettazzjoni tal-prodott finali jew tar-risultati tanġibbli – għandha tkun realistika u allinjata mal-iskeda ta' żmien tal-proġett.

### *Komunikazzjoni u involviment pubbliku: rapporti ta' monitoraġġ (parti 1)*

Il-kitba u l-pubblikazzjoni ta' rapporti ta' monitoraġġ huma vitali għas-suċċess ta' proġett tal-PI. Dawn jirrappreżentaw wieħed mill-outputs ewlenin tal-osservaturi u huma essenzjali sabiex jikkomunikaw il-progress u t-tlestija tal-attivitajiet ta' monitoraġġ lill-pubbliku. Huma jipprovdu wkoll il-mezzi li bihom l-osservaturi jistgħu jidentifikaw sfidi potenzjali, irregolaritajiet u Prattiki ħżiena fil-proċedura ta' akkwist, iżidu l-inċentivi għal azzjonijiet korrettivi, u jippromwovu bidliet fil-politiki u fil-prattiki tal-gvern sabiex jindirizzaw dawn il-problemi.

Filwaqt li l-istruttura speċifika tar-rapporti ta' monitoraġġ tista' titfassal skont il-ħtiġijiet u l-karatteristiċi tal-proġett, dawn kollha għandhom ikunu bbażati fuq analiżi oġġettiva sostnuta minn evidenza soda sabiex jiġu appoġġati l-asserzjonijiet li jsiru. Għandhom jinkludu tal-anqas l-elementi li ġejjin (ara l-mudell tar-rapport ta' monitoraġġ fl-anness ta' dan ir-rapport):

- sommarju tal-iżviluppi tal-proġett fl-istadju korrispondenti
- l-attivitajiet ewlenin ta' monitoraġġ u l-osservazzjonijiet assoċjati, li għandhom jiġu inklużi fil-bidu ta' kull rapport sabiex ikun aktar faċli għall-qarrej li jsegwi u jifhem
- sommarju tar-rakkomandazzjonijiet ipprovduti lill-AK u l-informazzjoni mitluba minnha, flimkien mal-opinjoni tal-osservaturi dwar l-issodisfar tagħhom
- kwalunkwe irregolarità suspettata jew osservata, inkluża mgħiba korrotta jew kollużiva mill-AK, mill-offerenti u minn atturi oħrajn involuti fl-akkwist, b'deskrizzjoni tal-kuntest

L-osservaturi għandhom iħejju r-rapporti hekk kif javvanzaw fil-ħidma ta' monitoraġġ tagħhom, u jiġbru opinjonijiet mill-AK u mill-offerenti dwar irregolaritajiet jew sfidi potenzjali. Il-fatt li l-AK u l-offerenti jiġu informati dwar kif il-kwistjonijiet jiġu kkomunikati jekk ma jiġux indirizzati jipprovdi inċentivi għal azzjonijiet korrettivi. Il-frekwenza tal-pubblikazzjoni hija kontinġenti fuq il-karatteristiċi tal-proġett u fuq l-ambitu tal-attivitajiet ta' monitoraġġ. Madankollu, ġeneralment l-osservaturi jingħataw parir li jipubblikaw rapporti dettaljati malli jitlesta l-istadju rilevanti tal-akkwist. Aktar dettalji dwar it-tnejn u l-pubblikazzjoni tar-rapporti huma pprovduti f'taqsima aktar 'il quddiem.

## **3.3 L-OFFERTI**

### *Introduzzjoni*

Fl-istadju tal-offerti, l-AK tippubblika u xxandar l-offerta. Imbagħad, l-offerenti interessati jkollhom ammont ta' żmien stabbilit sabiex iħejju u jissottomettu l-proposta tagħhom u jitolbu kjarifiki lill-AK. L-osservaturi għandhom jaċċertaw li l-AK tagħmel l-aħjar sforz tagħha fir-reklamar tal-offerta u ttiprovdi aċċess sħiħ u mhux ristrett għall-pakkett tad-dokumenti. L-osservaturi jeħtiġilhom jivverifikaw li kwalunkwe kjarifika addizzjonali tiġi pprovduta bl-istess mod lill-offerenti kollha, u jirrieżaminaw l-adegwatezza, il-funzjonament korrett u l-affidabbiltà tal-kanali ta' sottomissjoni.

Mill-perspettiva tal-komunikazzjoni u tal-involviment pubbliku, il-kompitu ewleni tal-osservaturi huwa li jivverifikaw li t-tnedija tal-offerti tkun effettiva u mifruxa b'mod adegwat sabiex tingħata spinta lill-possibbiltajiet ta' parteċipazzjoni sodisfaċenti fl-akkwist. Dan jinvolvi l-appoġġ lill-AK fl-attivitajiet ta' ppjanar billi jiġu kondiviżi l-kuntatti rilevanti, titħeġġeġ l-organizzazzjoni ta' tnedija pubblika tal-offerti, jiġu stabbiliti pjanijiet ta' kontinġenza f'każ li l-parteeipazzjoni ma tkunx suffiċjenti, u jitħeġġu laqgħat ta' informazzjoni ffukati mal-offerenti u mal-komunitajiet affettwati sabiex jiġi indirizzat tħassib speċifiku relatat mal-proġett.

### *Pubblikazzjoni u tixrid tal-offerti*

Ir-reklamar tal-kuntratt jikkonsisti fil-pubblikazzjoni tal-proċedura ta' akkwist sabiex l-operaturi

ekonomiċi interessati kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw u jissottomettu proposti. L-osservaturi għandhom jiżguraw li l-AK tikkonforma mar-rekwiżiti tal-pubblikazzjoni tal-akkwist stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u mid-direttivi tal-UE u li tipprovdi struzzjonijiet ċari sabiex l-offerenti ma jagħmlux żbalji. L-aċċess għad-dokumenti tal-akkwist irid ikun mhux ristrett u l-offerta trid tixxandar b'mod adegwat fost il-parteeipanti fis-suq.

L-osservaturi għandhom jivverifikaw li d-dokumenti essenzjali kollha jitħejjew u jiġu ppubblikati kif xieraq mill-AK, inkluż l-avviż dwar kuntratt – li jinkludi t-tip ta' kuntratt, il-proċedura tal-offerta, l-istruzzjonijiet u l-perjodu ta' żmien għas-sottomissjoni tal-offerti – u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-kriterji ta' evalwazzjoni u abbozz ta' kuntratt.<sup>36</sup> L-osservaturi għandhom jiżguraw li l-avviżi għal kuntratti li l-valur stmat tagħhom ikun oġġla mil-livelli limitu tad-Direttiva tal-UE dwar l-Akkwist jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Miftuħ tal-Unjoni Ewropea<sup>37</sup> u li jkun fihom il-kampi tad-*data* rilevanti kollha.

Barra minn hekk, l-osservaturi għandhom jivverifikaw li l-AK tipprovdi aċċess sħiħ mhux ristrett għad-dokumenti rilevanti kollha. Bħala Prattika regolari fl-UE u f'xi pajjiżi li għandhom mandat bil-liġi, id-dokumenti kollha jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mingħajr ħlas fuq is-sit web tal-AK jew fuq pjattaforma tal-akkwist elettroniku.<sup>38</sup> F'konformità mal-politika tal-UE dwar is-Suq Uniku, tal-anqas l-avviż dwar kuntratt huwa mistenni li jkun bl-Ingliż sabiex iħeġġeġ il-kompetizzjoni transfruntiera.<sup>39</sup> Jekk id-dokumentazzjoni ma tkunx tista' tiġi ppubblikata b'mod elettroniku, l-osservaturi għandhom jivverifikaw li l-AK tikkomunika l-post fiżiku, il-proċedura u l-ħinijiet għall-aċċess.

L-osservatur irid jivverifika li l-AK tagħmel sforzi ġenwini sabiex tippubbliċizza l-offerta kemm jista' jkun, speċjalment meta r-riżultati tal-analiżi tas-suq ikunu indikaw li f'tit hemm operaturi ekonomiċi fil-qasam inkwistjoni. L-osservaturi għandhom jistabbilixxu aspettattivi dwar il-parteeipazzjoni fl-offerti. Jekk l-aspettattivi ma jiġux issodisfati, għandhom ikunu lesti li jħeġġu lill-AK twestaq attivitajiet ta' reklamar komplementari bħal tnedija pubblika tal-akkwist u l-pubblikazzjoni tal-offerta fil-gazzetti nazzjonali u f'rivisti speċjalizzati.

## Kjarifiki u emendi għall-offerta

Ladarba l-offerta tkun tħabbret, l-offerenti jistgħu jitolbu kjarifika dwar il-fajl tal-offerta. L-osservaturi jeħtiġilhom ifittxu li jaċċessaw it-talbiet kollha għal kjarifika sottomessi u jivverifikaw li l-AK tipprovdi tweġibiet lill-offerenti kollha, mhux biss lil dawk li jkunu għamlu t-talba. Jekk dan ma jsirx, l-osservaturi għandhom jitolbu azzjoni korrettiva jew javżaw lill-awtorità tal-kompetizzjoni. L-Open Contracting Partnership tirrakkomanda li l-mistoqsijiet u t-tweġibiet kollha jsiru pubbliċi iżda mingħajr ma jiġu ddivulgati l-ismijiet ta' dawk li jagħmlu l-mistoqsijiet.<sup>40</sup>

F'xi każijiet, il-kummenti tal-offerent jew it-talbiet għal kjarifiki jistgħu jwasslu sabiex l-AK timmodifika l-fajl tal-offerta. L-osservaturi għandhom jivverifikaw li l-bidliet kollha jiġu ddokumentati, iġġustifikati, ippubblikati u jixxandru b'mod proattiv. Jekk il-modifiki jimplikaw piż addizzjonali għall-offerenti sabiex jaġġustaw il-proposti tagħhom, l-iskadenza għas-sottomissjoni għandha tiġi estiża kif xieraq. Meta l-proposti għal estensjoni tal-iskadenza jiġu mill-osservaturi, dawn għandhom jiġu appoġġati minn argumenti tekniċi solidi sabiex tiġi indirizzata r-reżistenza potenzjali tal-AK.

## Sottomissjoni tal-offerti

Qabel ma jibda l-perjodu ta' sottomissjoni tal-offerti, l-osservaturi jeħtiġilhom jivverifikaw li l-AK tkun stabbiliet kanali, protokollu jew sistemi sabiex tirċievi proposti u dokumentazzjoni u li dawn jaħdmu b'mod adegwat. L-osservaturi għandhom jivverifikaw li l-AK tkun stabbiliet miżuri sabiex tiżgura s-sikurezza u l-kunfidenzjalità tal-offerti riċevuti, bħal ħżin fiżiku sikur jew funzjonalitajiet tekniċi li jipprevjenu l-ftuħ tal-proposti qabel id-data stabbilita fil-każ ta' sottomissjoni elettronika.

L-osservaturi għandhom jivverifikaw li l-AK tapplika Prattiki tajbin sabiex tiżgura li l-offerti kollha jkunu konformi mal-istruzzjonijiet ipprovduti fl-avviż ta' kuntratt ippubblikat, inklużi l-imballaġġ, l-istruttura u n-numru ta' kopji. Ir-riskji ta' żbalji fis-sottomissjoni jistgħu jiġu mmitigati billi jiġu pprovduti struzzjonijiet ċari u dettaljati. Għall-każijiet li xorta waħda jseħħu, l-osservaturi għandhom jivverifikaw li l-AK twieġeb għal offerti mhux konformi b'rifjut f'waqtu li jinkludi spjegazzjoni u li tirreġistra kif xieraq kull deċiżjoni bħal din.

### *Komunikazzjoni u involviment pubbliku: sensibilizzazzjoni pubblika għat-tħabbira tal-offerta*

L-osservaturi għandhom ikunu ppreparati sew ħalli jaħdmu sabiex jilħqu lill-pubbliku dwar it-tnedija tal-offerta, billi dan il-pass importanti għandu konsegwenzi diretti għall-parteċipazzjoni fl-offerti u għall-iskrutinju pubbliku. Il-ħidma tagħhom tinvolvi l-appoġġ tal-AK hija u tippjana l-pubblikazzjoni, tistabbilixxi l-pjanijiet għall-attivitatiet ta' reklamar addizzjonali jekk il-parteċipazzjoni tal-offerenti ma tkunx sodisfaċenti, u tavża lill-media, lill-komunitajiet affettwati u lill-pubbliku dwar l-avveniment.

L-osservaturi jeħtiġilhom ikunu lesti jikkomunikaw b'mod rapidu mal-offerenti potenzjali, mal-ġurnalisti u mal-komunitajiet affettwati. F'dan l-istadju, għandhom ikunu ħolqu lista ta' kuntatt tal-partijiet ikkonċernati rilevanti sabiex jinfurmaw dwar l-akkwist immonitorjat, inklużi l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi, il-gazzetti nazzjonali, ir-rivisti speċjalizzati u l-organizzazzjonijiet attivi tas-soċjetà ċivili. Il-lista għandha tiġi kondiviża mall-AK sabiex trawwem ippjanar komprensiv tar-reklamar tal-akkwist, inklużi pjanijiet ta' kontinġenza għal parteċipazzjoni mhux sodisfaċenti.

Jekk ikun rilevanti, sabiex tingħata spinta lill-parteċipazzjoni, l-osservaturi jistgħu jħeġġu lill-AK torganizza tnedija pubblika tal-offerta. Din tista' tgħin lill-AK tikkomunika aħjar l-istruzzjonijiet u r-rekwiżiti għall-parteċipazzjoni u tindirizza mistoqsijiet jew tħassib mill-media u miċ-ċittadini. Toħloq opportunità sabiex jiġu pprovduti aktar dettalji dwar ir-rwol u l-funzjonament tal-PI. Sabiex jitrawwem tixrid usa', l-osservaturi jistgħu joqogħdu attenti għal avvenimenti pubbliċi rilevanti fil-futur, bħal fora tan-negozji jew konferenzi dwar l-akkwist, u jirrakkomandaw li l-AK tippreżenta l-proġett hemmhekk.

L-AK tista' torganizza laqgħat supplementari ma' offerenti potenzjali u mal-komunitajiet affettwati. Meta mqabblin ma' avveniment pubbliku, dawn joffru aktar opportunitajiet għal diskussjonijiet aktar profondi u sinċiera fost l-atturi dwar l-isfidi li jaffettwaw il-proġett jew id-dettalji tekniċi. L-osservaturi jistgħu jużaw dawn l-okkażjonijiet sabiex jispjegaw kif jaħdem l-PI fil-fażi tal-offerti u jipprovdu struzzjonijiet għar-rapportar tal-irregolaritajiet. Involvement bħal dan jista' jkun kritiku fi proġetti kbar ta' investment li jkun soġġetti għal dibattitu pubbliku intens.

### **3.4 GĦOTI**

#### *Introduzzjoni*

Fl-istadju tal-ġhoti, il-korp magħżul sabiex iwettaq l-evalwazzjoni (spiss magħruf bħala l-"kumitat tal-evalwazzjoni") jirrieżamina u janalizza l-offerti, jagħżel ir-rebbieħ tal-akkwist (jew jiddikjara l-offerta nulla f'ċirkostanzi eċċezzjonali) u jħabbar l-ġhoti tal-kuntratt. Wara, jekk ma jkunx hemm ilmenti jew appelli, jipproċedi sabiex jifformalizza l-kuntratt mal-offerent rebbieħ u jitlob evidenza addizzjonali ta' konformità mar-rekwiżiti u jinnegozja d-dettalji tal-kuntratt qabel il-firma. L-osservaturi jeħtiġilhom jaċċertaw li dan il-proċess ikun oġġettiv u li l-modifiki fil-kuntratt ma jbidlux il-komponenti essenzjali tiegħu.

Billi dan huwa l-istadju li fih il-kuntratt jiġi assenjat lil operatur ekonomiku speċifiku, dan l-istadju huwa wieħed mill-aktar vulnerabbli għar-riskji ta' korruzzjoni, ta' favoritiżmu u ta' influwenza indebita. L-osservaturi jridu jivverifikaw li l-kompożizzjoni tal-kumitat tal-evalwazzjoni tkun konformi mar-regolamenti. Jeħtiġilhom iwettqu ammont ġust ta' xogħol investigattiv sabiex jiksbu dan. Jeħtieġ li jagħmlu kontroverifika tal-informazzjoni dwar l-offerenti ma' settijiet tad-*data* u b'informazzjoni pubbliċi sabiex jaċċertaw li ma jkollhom l-ebda rabta mall-AK jew mal-kumitat u jeħtiġilhom jixtarru l-proposti sabiex jidentifikaw sinjali possibbli ta' kollużjoni u ta' mġiba antikompetittiva.

Sabiex l-osservaturi jaqdu r-rwol tagħhom b'mod effettiv, dawn jeħtieġu aċċess f'waqt u mingħajr xkiel għall-proposti għall-offerti. Dawn għandhom ikunu involuti bis-sħiħ fil-ħidma tal-kumitat tal-evalwazzjoni bħala osservaturi indipendenti. Filwaqt li dispożizzjonijiet speċifiċi fil-ftehim tal-PI jistgħu jggarantixxu din l-azzjoni, f'xi każijiet jista' jkun hemm ostakli legali li jipprevjenuha. Huwa preżunt li l-osservaturi jkun konxji ta' dan meta jstabbilixxu l-PI u jkollhom pjanijiet alternattivi sabiex josservaw il-proċess permezz ta' mezzi oħrajn.

#### *Prevenzjoni ta' influwenza indebita u ta' kunflitt ta' interess (parti nru 2)*

Ladarba jkun ġew sottomessi l-proposti għall-offerti, l-osservaturi jistgħu jiffukaw fuq id-detezzjoni ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess u fuq il-prevenzjoni ta' influwenza indebita fil-valutazzjoni u fl-ġhoti tal-kuntratt pubbliku mill-kumitat tal-



evalwazzjoni. Bħala l-ewwel pass, l-osservaturi jeħtiġilhom jivverifikaw li l-kompożizzjoni tal-kumitat tkun adegwata u konformi mar-regolamenti nazzjonali rilevanti. Billi dawn ir-regolamenti xi drabi jippermettu l-parteċipazzjoni ta' atturi esterni bħall-esperti tekniċi u l-konsulenti, l-osservaturi jridu jivverifikaw li l-isfond, ir-rwol jew is-setgħat ta' votazzjoni tagħhom ma jirriskjawx li jimminaw l-imparzjalità tad-deċizzjonijiet li jittieħdu.

Sa dan l-istadju, l-osservaturi għandhom ikunu vverifikaw id-dikjarazzjonijiet tal-interessi u tal-assi tal-uffiċjali u tal-atturi pubbliċi kollha involuti fl-akkwist, inklużi dawk membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni jekk dan ikun ġie fformat qabel, u kwalunkwe persuna oħra b'setgħat ta' teħid ta' deċizzjonijiet fuq il-proġett. Issa, għandhom idawru l-attenzjoni tagħhom lejn l-informazzjoni dwar l-offerenti parteċipanti u jivverifikaw is-sorsi rilevanti ta' informazzjoni sabiex jidentifikaw kwalunkwe rabta mhux iddivulgata bejnhom u l-uffiċjali pubbliċi.

L-ewwel sors bażiku ta' informazzjoni (jekk jintuża mill-AK fil-proċedura mmonitorjata) huwa d-Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku – formula ta' awtodikjarazzjoni sottomessa mill-offerenti b'informazzjoni li turi bil-provi li jistgħu jipparteċipaw f'akkwist, inkluż in-nuqqas ta' kunflitt ta' interess.<sup>41</sup> Aktar importanti minn hekk, l-osservaturi għandhom jivverifikaw bir-reqqa s-settijiet tad-*data* pubbliċi rilevanti, inklużi:

- reġistri tal-kumpaniji u tas-sjieda benefiċjarja, li jistgħu jintużaw għar-rieżami tal-informazzjoni dwar is-sidien u d-diretturi, l-istruttura tas-sjieda, il-qagħda ekonomika u l-allarmi ħomor ta' kumpanija offerenti (ara l-kaxxa ta' hawn taħt)
- bażijiet tad-*data* dwar il-finanzi u l-listi tal-membri tal-partiti politiċi, li jistgħu jintużaw sabiex jiġu eżaminati r-rabtiet politiċi fost l-uffiċjali tal-kumpaniji offerenti, l-uffiċjali pubbliċi u atturi oħrajn involuti fl-għoti
- reġistri tal-lobbjar, li jistgħu jintużaw sabiex jiġu skrutinizzati tentattivi potenzjali mill-offerenti jew mil-lobbisti mqabbdin minnhom sabiex jinfluenzaw it-teħid ta' deċizzjonijiet billi, pereżempju, jiltaqgħu ma' politiċi u ma' uffiċjali tal-AK

Spiss, dawn is-settijiet tad-*data* ma jkunux disponibbli, aċċessibbli malajr jew faċli sabiex jiġu esplorati. L-osservaturi għandhom jivverifikaw id-

disponibbiltà bil-quddiem sew sabiex jevitaw li jnaqqsu r-ritmu tax-xogħol tagħhom fl-istadju tal-għoti tal-kuntratt. Għandhom jidentifikaw punti ta' informazzjoni li għalihom ikollhom bżonn jippreżentaw talba uffiċjali ta' Dritt għall-Infommazzjoni. L-osservaturi jistgħu jikkunsidraw ukoll li jaħdmu ma' ġurnalisti investigattivi, li l-għarfien espert tagħhom jista' jiffaċilita l-proċess tal-verifika u jżid il-possibbiltajiet li jiġu identifikati rabtiet mhux iddivulgati.

## Trasparenza tas-sjieda benefiċjarja fl-UE u fl-ikkuntrattar pubbliku

L-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja tirreferi għall-identifikazzjoni tal-persuni fiżiċi li fl-aħħar mill-aħħar ikunu l-proprjetarji ta' entità legali jew jikkontrollawha. Tinkludi, bħala minimu, l-isem, id-data tat-twelid, in-nazzjonalità, ir-residenza u l-modi li bihom tiġi eżerċitata s-sjieda jew il-kontroll (inklużi l-ishma u d-drittijiet tal-vot). Din l-informazzjoni hija essenzjali għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni fl-ikkuntrattar pubbliku. Tista' tintuża sabiex jiġu vverifikati interessi potenzjali jew rabtiet ta' sjieda minn uffiċjali pubbliċi (jew minn qrabathom) f'kumpaniji fi swieq marbutin mal-proċedura tal-ikkuntrattar pubbliku. Kumpaniji offerenti jew sidien benefiċjarji bbażati f'rifuġi fiskali jistgħu jitqiesu suspettużi wkoll.

Id-Direttiva 2018/843 tal-UE (magħrufa wkoll bħala l-*Fames* Direttiva kontra l-*Flus*)<sup>42</sup> tat mandat lill-Istati Membri sabiex jiġbru u jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku permezz ta' reġistri ddedikati sa Jannar 2020. Madankollu, id-Direttiva tħalli f'idejn dawk li jfasslu l-politika nazzjonali sabiex jiddefinixxu r-rekwiżiti għall-aċċessibbiltà għal din l-informazzjoni u l-format tagħha. Rapport riċenti minn Transparency International juri li dan wassal għal problemi serji ta' aċċessibbiltà u ta' kwalità tad-*data* f'ħafna Stati Membri, bħal paywalls, rekwiżiti stretti ta' identifikazzjoni u *data* f'format li ma jistax jintuża faċilment għall-analiżi (pereżempju PDFs skennjati).<sup>43</sup>

L-osservaturi għandhom isiru midħla tar-regolamenti rilevanti dwar is-sjieda benefiċjarja f'pajjiżhom, u jippjanaw kontromiżuri sabiex jingħelbu l-ostakli għall-aċċessibbiltà, pereżempju billi jużaw fondi tal-PI sabiex jixtru l-informazzjoni jew jirreklutaw wranglers jew analisti tad-*data* sabiex jimmaniġġjaw formati kkumplikati u jivverifikaw ir-rabtiet bejn l-individwi u l-entitajiet.

## Identifikazzjoni u Indirizzar ta' mġiba antikompetittiva

Filmkien mal-kontrolli għal kunflitti ta' interess, l-osservaturi jeħtiġilhom jieħdu passi sabiex jidentifikaw kwalunkwe indikazzjoni ta' mġiba potenzjalment antikompetittiva fil-forma ta' offerti kollużivi jew ta' sottomissjoni ta' informazzjoni suspettuża, bħal sottovalutazzjoni eċċessiva tal-ispejjeż u tal-prezzijiet. Kmieni fil-proċess, l-osservaturi għandhom jeżaminaw każijiet fil-passat ta' proċeduri ta' akkwist simili jew fi swieq rilevanti, filwaqt li jieħdu nota tal-kumpaniji involuti u tat-tekniki użati. Ladarba jkollhom aċċess għal proposti għal offerti, għandhom jixtarruhom b'mod indipendenti u jivverifikaw jekk ikunx hemm allarmi ħomor.

Offerti kollużivi jseħħu meta l-offerenti jikkonfoffaw sabiex jeliminaw il-kompetizzjoni b'tali mod li jkunu jistgħu jgħollu l-prezzijiet tal-prodotti u tas-servizzi akkwistati sabiex iżidu l-profitti tagħhom. Hija prattika illegali li tista' tiġi investigata u ssanzjonata skont id-dritt tal-kompetizzjoni.<sup>44</sup> L-OECD spjegat il-karatteristiċi u l-allarmi ħomor tat-tekniki ewlenin ta' offerti kollużivi (offerti komplementari, trażżin tal-offerti, rotazzjoni tal-offerti u allokkazzjoni tas-suq).<sup>45</sup> Jekk l-osservaturi josservaw jew jissuspettaw li jkunu qed iseħħu dawn il-prattiki, għandhom javżaw minnufih lill-kumitat tal-evalwazzjoni u lill-awtorità tal-kompetizzjoni.

It-talba għal investigazzjoni formali mill-awtorità tal-kompetizzjoni dwar kollużjoni suspettata hija mod effettiv kif l-osservaturi jikkontribwixxu għal proċedura tal-akkwist nadifa. Madankollu, minħabba li investigazzjonijiet bħal dawn jistgħu jimplikaw li l-proċedura tiġi sospiża jew li jiġu ġġenerati kunflitti mal-AK, is-suspetti tal-osservaturi jridu jkunu raġonevoli u appoġġati minn evidenza suffiċjenti sabiex tiġi evitata l-ħela ta' ħin u ta' riżorsi. Sabiex jittaffew ir-riskji li dan iseħħ, it-tim ta' monitoraġġ għandu jfittex opportunitajiet ta' taħriġ fid-detezzjoni ta' mġiba kollużiva qabel jew waqt li l-PI jiġi implimentat u jiddiskuti s-sinjali potenzjali malli jiġu identifikati.

Tip ieħor komuni ħafna ta' mġiba antikompetittiva huwa t-tnaqqis tal-prezz tal-offerta sabiex jinkiseb vantaġġ fuq il-kompetituri, bit-tama li jerġa' jiżded fil-fażi tan-negożjar tal-kuntratti.<sup>46</sup> Dan ir-riskju jiġi mmitigat jekk l-AK tkun inkludiet klawżoli ċari dwar l-ambitu ta' modifiki potenzjali. Madankollu, offerti

anormalment baxxi dejjem għandhom iqajmu dubji. L-organizzazzjoni ta' monitoraġġ għandha tivverifika li l-AK ssegwi dan u tirrikjedi li l-offerenti jiċċaraw ir-raġunijiet tal-offerti irħas.

## Valutazzjoni tal-offerti

Matul il-valutazzjoni tal-offerta, il-kompitu ewlieni tal-osservaturi huwa li jivverifikaw b'mod proattiv li l-kumitat tal-evalwazzjoni jikkonforma ma' dak li ġie speċifikat fil-fajl tal-offerta, f'konformità mar-regoli u mal-metodi stabbiliti fir-regolamenti nazzjonali u tal-UE. Dawn ir-regoli japplikaw għall-proċess spiss maqsum fi tliet stadji ta' esklużjoni tal-offerenti mhux adattati, ta' għażla ta' daww kwalifikati u tal-għoti tal-kuntratt lill-aħjar offerent skont il-metodoloġija ta' klassifikazzjoni li tkun għet stabbilita minn qabel.

L-osservaturi l-ewwel għandhom jivverifikaw jekk il-kumitat tal-evalwazzjoni tkunx qabzittu xi kundizzjoni għall-esklużjoni billi jirreżaminaw b'mod proattiv l-informazzjoni jew l-evidenza dwar imġibiet korrotti jew dwar ksur tal-liġijiet fil-passat, fost fatturi oħrajn. Imbagħad, l-osservaturi, bl-għajruna ta' speċjalisti fl-ikkuntrattar pubbliku, jeħtiġilhom jiżguraw li l-punteġġ kien oġġettiv u konsistenti bejn evalwaturi differenti u li twestaq biss fuq il-bażi tal-informazzjoni li tinsab fl-offerti.

Meta jkun permess mir-regolamenti rilevanti, il-kumitat tal-evalwazzjoni jista' jitlob kjarifiki mingħand l-offerenti dwar il-proposta tagħhom. Ir-riskju li dan jiġri spiss jirriżulta minn struzzjonijiet mhux ċari u jista' jiġi mmitigat billi l-osservaturi jivverifikaw id-dokumentazzjoni fl-istadju ta' qabel l-offerti. Meta l-istess żball ikun relatat mal-offerti kollha, l-osservaturi jeħtiġilhom jivverifikaw li l-AK ssegwi l-prinċipju ta' trattament ġust, bl-istess mod jitolbu korrezzjonijiet mill-offerenti kollha u jirreġistraw it-tweġibiet tagħhom bil-miktub.

Il-valutazzjoni tal-offerti tista' tinvolti komunikazzjoni online u offline bejn il-membri tal-kumitat sabiex janalizzaw u jiddiskutu b'mod koġunt kull proposta u jilħqu deċiżjonijiet koġunti. L-osservaturi jeħtiġilhom ikunu involuti fil-proċess kollu minn kemm jista' jkun kmieni u jingħataw aċċess sħiħ għall-proċedimenti, pereżempju permezz ta' aċċess ta' qari biss għall-pjattaformi tal-akkwist elettroniku użati mill-uffiċjali. Filwaqt li l-ftehim dwar l-PI għandu jindirizza kif xieraq dan l-aspett, l-osservaturi jeħtiġilhom ikunu lesti jużaw miżuri alternattivi jekk ostakli legali jżommuhom milli jipparteċipaw fil-proċess ta' evalwazzjoni.

### *Tħabbir tal-għoti, ilmenti u appelli*

Ladarba l-kumitat tal-evalwazzjoni jkun iddeċieda dwar l-għoti tal-kuntratt, l-AK jeħtiġilha tinnotifika lill-offerenti kollha dwar l-eżitu. Jeħtiġilha tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar id-deċiżjoni tal-għoti, inkluż l-għoti ta' punteġġ u l-klassifikazzjoni finali f'konformità mal-kriterji ta' evalwazzjoni. L-osservaturi għandhom jivverifikaw li l-AK tipprovdi informazzjoni adegwata lill-offerenti u lill-pubbliku ġenerali billi tiddivulga d-dokumentazzjoni dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni u tipprovdi lill-offerenti mhux rebbieħa b'ġustifikazzjonijiet li jkunu komprensivi biżżejjed sabiex jifhmu r-riżultati.

Wara li l-AK tkun ikkomunikat ir-riżultati, irid jgħaddi perjodu ta' sospensjoni, li normalment idum għaxart ijiem ta' xogħol, qabel jiġi ffinalizzat il-kuntratt mar-rebbieħ.<sup>47</sup> Dan jippermetti li l-offerenti li ma jirbħux li jaf ma jkunux sodisfatti bir-riżultati jissottomettu lmenti sabiex jikkontestaw id-deċiżjoni, jitolbu sospensjoni tal-offerta jew iressqu lill-AK quddiem qorti sabiex tirrimedja l-eżitu. F'każijiet bħal dawn, l-osservaturi jeħtiġilhom jivverifikaw li l-AK tittratta dawn l-ilmenti b'mod oġġettiv u imparzjali u tipprovdi informazzjoni addizzjonali meta tkun neċessarja. L-osservaturi jistgħu jikkunsidraw ukoll li jagħtu l-opinjoni tagħhom.

### *Tħejjija, iffirmar u pubblikazzjoni tal-kuntratt*

Ladarba jgħaddi l-perjodu ta' sospensjoni, jew waqt li jkun għadu għaddej, l-AK tjejjija l-kuntratt mal-offerent rebbieħ. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-offerent jintalab jipprovdi dokumentazzjoni u evidenza addizzjonali sabiex jiżgura li jikkonforma mal-kriterji tal-għażla u tal-aġġudikazzjoni u li l-asserzjonijiet kollha magħmulin fil-proposta jkunu ġenwini. L-osservaturi għandhom jivverifikaw li l-AK ma taqbżillhiex, apposta jew mhux apposta, evidenza importanti li tista' tqajjem dubji dwar il-kwalità tal-proposta.

F'dan l-istadju, ma huwiex komuni li l-AK tinnegozja u taġġusta ċerti dettalji tal-kuntratt mal-offerent rebbieħ, inklużi r-riżultati tanġibbli tal-akkwist, il-perjodu ta' żmien għall-eżekuzzjoni u aspetti oħrajn. L-osservaturi għandhom isegwu mill-qrib dawn in-negozjati u jiżguraw li ma jwasslux għal bidliet sostanzjali fi kwalunkwe komponent essenzjali tal-kuntratt, bħall-prezz, is-suġġett, il-perjodu ta' tlestija jew it-termini tal-ħlas, billi dan jista' jesigħi l-kanċellazzjoni tal-proċedura kollha. Jeħtiġilhom

jivverifikaw li ma jkun hemm l-ebda bidla sostanzjali fid-drittijiet u fir-responsabbiltajiet tal-partijiet.

Skont ir-regolamentazzjoni tal-UE, fi żmien 30 jum mill-iffirmar tal-kuntratt miż-żewġ partijiet, l-AK jeħtiġilha tippubblika avviż ta' għoti ta' kuntratt (CAN) fuq il-portal nazzjonali tal-akkwist – u fil-każijiet ta' akkwisti rregolati b'direttivi tal-UE fuq Tenders Electronic Daily (TED) – sabiex il-partijiet ikkonċernati interessati kollha u l-pubbliku ġenerali jkunu infurmati bir-riżultati tal-proċedura ta' akkwist. Filwaqt li dan jidher bħala pass relattivament sempliċi, il-Kummissjoni Ewropea tirrapporta dwar diversi każijiet li fihom l-AK naqsu milli jipubblikaw dawn id-dokumenti, u l-osservaturi għandhom jiżguraw li dan ma jseħħ.<sup>48</sup>

### *Komunikazzjoni u involviment pubbliku: rapporti ta' monitoraġġ (parti 2)*

Il-pubblikazzjoni u x-xandir tar-rapporti ta' monitoraġġ huma pass delikat fil-ħidma tal-osservaturi. Dan jista' jkollu konsegwenzi sinifikanti għall-impatt tal-PI fiż-żamma ta' governanza tajba fil-proġett immonitorjat u fit-trawwim ta' bidla sistemika fis-sistema tal-akkwist tal-pajjiż. Għaldaqstant, l-osservaturi għandhom jippreparaw b'mod adegwat billi jiddiskutu minn qabel is-sejbiet kontenzjużi mall-AK u mal-offerenti. Iridu jiżguraw li l-pubblikazzjoni tar-rapport tattira biżżejjed attenzjoni u ttaffi r-riskju ta' ħsara għar-reputazzjoni minħabba l-kontenut.

Meta r-rapporti ta' monitoraġġ ikun fihom informazzjoni dwar irregolaritajiet u korruzzjoni ssuspettati jew osservati, ir-riskju li l-pubblikazzjoni tagħhom tiġi soġġetta għal kritika ħarxa jew għal kontestazzjoni legali jkun oġhla. Kif imsemmi qabel, sabiex jittaffa r-riskju li dan iseħħ, l-osservaturi għandhom jiddiskutu dawn il-punti mall-AK u mal-offerenti minn sew qabel il-pubblikazzjoni u jippruvaw jaqblu dwar il-formulazzjoni tagħhom. Jekk id-diverġenza fl-opinjoni jiet ma tkunx tista' tiġi rrikonċiljata, dan għandu jiġi rikonoxxut fir-rapport u l-interpretazzjoni tal-fatti titħalla f'idejn il-qarrej.

Kultant, jista' jkun li jkollhom jiġu ppubblikati rapporti ta' monitoraġġ filwaqt li l-investigazzjonijiet jew l-inkjesti dwar attivitajiet suspettużi jkunu għadhom għaddejjin. F'każijiet bħal dawn, kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali li l-osservaturi jista' jkollhom aċċess għaliha minħabba l-PI trid tibqa' klassifikata sakemm jitlesti l-proċess, f'konformità mal-liġijiet rilevanti fil-pajjiż. Sabiex jittaffa r-riskju ta' ksur tal-liġi, l-osservaturi huma

rrakkomandati li jikkonsultaw mal-konsulenti legali jew mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi inkarigati mill-proċess.

Fir-rigward tal-format tal-pubblikazzjoni, l-osservaturi jistgħu jħejju żewġ verżjonijiet tar-rapport:

- verżjoni teknika, li tista' tinkludi terminoloġija speċjalizzata dwar is-suġġett tal-kuntratt, il-proċeduri ta' akkwist u d-dokumentazzjoni operazzjonali għall-prattikanti tal-akkwist u għall-esperti fil-qasam rilevanti tal-kuntratt pubbliku
- verżjoni iqsar u ssimplifikata miktuba b'lingwaġġ sempliċi għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, għall-media, għas-soċjetà ċivili u għall-pubbliku ġenerali

Sabiex jiġi massimizzat l-impatt, l-osservaturi għandhom jipubblikaw ir-rapport mill-aktar fis possibbli (fi żmien ġimagħtejn) wara li jkun għadda l-istadju rilevanti tal-akkwist. Dan iżid il-possibbiltajiet ta' dibattitu pubbliku aktar iffukat u jista' saħansitra jwassal għal azzjonijiet korrettivi rapidi mill-AK jew għal intervent mill-awtoritajiet ta' sorveljanza. Minbarra x-xandir tar-rapport permezz tal-kanali ta' komunikazzjoni kollha disponibbli, l-osservaturi huma rakkomandati jorganizzaw avveniment pubbliku sabiex jiddiskutu s-sejbiet, ir-rakkomandazzjonijiet u l-osservazzjonijiet tar-rapport.

### 3.5 IMPLIMENTAZZJONI

#### Introduzzjoni

Fil-fażi ta' implimentazzjoni, l-AK tippjana l-oġġettivi intermedji ewlenin għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti. Hija taqbel mal-kuntrattur dwar arranġamenti prattiċi li jirregolaw il-proċess, timmonitorja l-konsenja tal-oġġetti, it-tweġġiq tax-xogħol jew il-forniment tas-servizz skont id-dispożizzjonijiet kuntrattwali, u spiss tiddiskuti emendi potenzjali tal-kuntratt sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet li jsiru evidenti biss wara l-implimentazzjoni.

L-osservaturi jeħtiġilhom iħejju b'mod adegwat sabiex jivverifikaw li l-eżekuzzjoni tal-kuntratt u l-oġġettivi intermedji tiegħu jkunu konformi mar-riżultati mistennijin. Dan jinvolti t-tweġġiq ta'

valutazzjoni tar-riskju ta' korruzzjoni fil-qasam tas-suġġett, ir-rieżami tar-rapporti ta' progress u t-tweġġiq ta' kontrolli fiżiċi sabiex jiġi aċċertat li dawn jikkorrispondu għar-realtà, il-monitoraġġ tal-ħlasijiet u ta' flussi finanzjarji oħrajn relatati mal-proġett, il-valutazzjoni tal-ammissibbiltà ta' emendi potenzjali fil-kuntratt u l-iżguraw li dawn isiru disponibbli għall-pubbliku.

Il-kollaborazzjoni b'fiduċja mall-AK hija essenzjali f'dan l-istadju. L-osservaturi jeħtiġilhom jipplanaw u jwettqu l-attivitajiet ta' verifika tagħhom flimkien ma' dawk diġà mfasslin mill-AK (bħall-valutazzjonijiet tal-kwalità u l-awditi finanzjarji) u jivverifikaw li jkunu adegwati u jitwettqu minn atturi indipendenti. Mal-konklużjoni tal-kuntratt, l-osservaturi jkollhom jiddiskutu l-kisbiet u t-tagħlimiet meħudin mill-proġett u l-implimentazzjoni tal-PI f'diskussjonijiet mall-AK u permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni.

#### Objettivi intermedji u ppjanar tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt

Ladarba l-kuntratt ikun ġie ffirmat, l-osservaturi għandhom iħejju sabiex jirrieżaminaw l-implimentazzjoni tiegħu. Dan jinvolti l-verifika tal-adegwatezza tal-pjan ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt miftiehem mill-AK u mill-kuntrattur, l-iżvilupp ta' metodu sabiex jiġu segwiti l-oġġettivi intermedji tiegħu u l-istabbiliment ta' sistema ta' żamma ta' rekords sabiex jiġu segwiti elementi bħar-rapporti ta' progress, ir-rieżamijiet *interim*, il-ħruġ ta' fatturi u ta' ħlasijiet, l-emendi tal-kuntratt, kwistjonijiet potenzjali li jirriżultaw matul l-implimentazzjoni tal-kuntratt u l-azzjonijiet meħudin mill-partijiet sabiex jindirizzawhom.

Prekundizzjoni għal tħejjija adegwata u għall-monitoraġġ sussegwenti hija l-involvement sħiħ tal-osservaturi fid-diskussjonijiet ta' wara l-iffirmar bejn l-AK u l-kuntrattur dwar l-arranġamenti prattiċi (bħall-perjodu ta' żmien għas-sottomissjoni tar-rapporti u l-metodu ta' ħlas). L-osservatur jeħtiġlu jkun involut ukoll fil-flussi ta' komunikazzjoni matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, li jistgħu jinkludu skambji tal-posta elettronika u laqgħat online u personali. Dan l-aspett għandu jiġi indirizzat fil-ftehim tal-PI permezz ta' dispożizzjonijiet li jispeċifikaw kif jipparteċipa l-osservatur.

Relazzjoni mibnija fuq il-fiduċja mall-AK hija essenzjali f'dan l-istadju tal-akkwist. Huwa fl-interess taż-żewġ partijiet li jiżguraw li l-eżekuzzjoni tal-kuntratti ma tiġix kompromessa minn korruzzjoni

jew minn attivitajiet mhux etiċi u li jitqajjem it-tħassib tal-komunitajiet affettwati u jiġi indirizzat. Sabiex titrawwem kooperazzjoni pożittiva, l-osservaturi għandhom jipplanaw l-attivitajiet ta' verifika tagħhom f'koordinazzjoni ma' dawk ippjanati mill-AK. Għandhom iħarsu lejn il-kontrolli li diġà huma fis-seħħ u jfittxu li ma jidduplikawhomx jekk ikunu adegwati.

### *Rapporti ta' progress u verifika tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti*

Hekk kif l-implimentazzjoni tal-kuntratti tavanza, l-osservaturi jeħtiġilhom jivverifikaw li l-eżekuzzjoni tax-xogħol timxi skont il-pjanijiet stabbiliti mill-AK u li t-tħassib tal-benefiċjarji u tal-komunitajiet affettwati jiġi indirizzat b'mod adegwat. Ir-rapporti ta' progress huma d-dokumenti bażiċi li jippermettu li iseħħ dan. Il-ftehim dwar l-PI għandu jkun fih dispożizzjonijiet li jagħtu lill-osservaturi aċċess għal dawn ir-rapporti fil-ħin – idealment fl-istess ħin tal-AK – sabiex jippermettu r-rieżami u r-rakkomandazzjonijiet fil-pront dwar l-azzjonijiet korrettivi.

L-osservaturi għandhom ikunu ppreparati sabiex jivverifikaw fiżikament l-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Filwaqt li jaħdmu ma' speċjalisti u ma' esperti kontra l-korruzzjoni, għandhom jidentifikaw oqsma ta' riskju ta' korruzzjoni jew ta' frodi fir-rigward tas-suġġett u jiddefinixxu metodi sabiex jivverifikaw l-okkorrenza tagħhom. L-osservaturi għandhom iqisu li dan ma huwiex maħsub sabiex jissostitwixxi mekkaniżmi potenzjali għall-verifika u l-valutazzjoni tal-kwalità stabbiliti mill-AK. Minflok, huwa mfassal sabiex jikkomplementa l-mekkaniżmi tal-AK, b'enfasi fuq il-prevenzjoni tal-korruzzjoni, inkluża l-verifika tal-adeqgatezza tal-mekkaniżmi u li l-atturi inkarigati mill-operat tagħhom ikunu kkwalifikati u indipendenti.

Minħabba l-kumplessità tagħhom, il-proġetti infrastrutturali huma partikolarment suxxettibbli għall-korruzzjoni u għall-irregolaritajiet. Għalhekk, huwa partikolarment importanti li jitwettqu żjarat fuq il-post ma' esperti kontra l-korruzzjoni u, meta jkun possibbli, ma' rappreżentanti tal-komunitajiet affettwati. Iż-żjarat fuq il-post iridu jiġu miftiehma minn qabel u organizzati f'koordinazzjoni mall-AK, filwaqt li jitqiesu l-arranġamenti stabbiliti minn qabel għall-verifika fuq il-post u għall-valutazzjoni tal-kwalità. L-osservaturi għandhom jaqblu mall-AK dwar in-neċessità ta' kontrolli aleatorji indipendenti għall-prevenzjoni tal-ħabi ta' irregolaritajiet mill-

kuntrattur. Idealment, dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati permezz ta' klawżoli speċifiċi fil-ftehim tal-PI.

### *Pagamenti*

Matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, l-AK toħroġ pagamenti lill-kuntrattur fuq il-bażi ta' evidenza speċifika, bħal rapporti ta' progress u l-approvazzjoni minn esperti tal-valutazzjoni tal-kwalità. L-osservaturi jeħtiġilhom jaċċertaw ir-regolarità ta' dawn il-flussi finanzjarji, jivverifikaw il-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt, jirrieżaminaw il-komprensività tal-informazzjoni sottomessa u jirrapportaw attivitajiet suspettużi. L-aċċess f'waqtu għall-informazzjoni finanzjarja huwa prekundizzjoni għal attivitajiet bħal dawn, u għandu jiġi previst b'mod adegwat fil-ftehim tal-PI.

L-osservaturi jkollhom jikkoordinaw l-attivitajiet ta' rieżami finanzjarji ma' dawk ippjanati mill-AK, jivverifikaw li jkun adegwati u jfittxu li jiffmu jekk jistgħux jiġu kkomplementati u kif. Pereżempju, jekk l-AK diġà tkun teħtieġ awditi perjodiċi għall-proġett u l-osservaturi jkun kkonkludew li l-awditi se jitwettqu minn attur kwalifikat indipendenti, dawn jistgħu jiddeċiedu li ma jwettqux analiżi fil-fond tal-informazzjoni finanzjarja ġenerali għall-proġett, iżda, minflok, jiffokaw fuq il-flussi finanzjarji li jkollhom l-akbar riskju ta' korruzzjoni.

Kuntratturi mingħajr skrupli jistgħu joħroġu fatturi għal attivitajiet li ma jeżistux jew għal riżultati tanġibbli ta' kwalità baxxa. Ir-riskju jista' jiġi mmitigat billi jiġu kkontrollati fiżikament ir-riżultati tanġibbli jew billi jitwettqu żjarat fis-sit tax-xogħol (ara t-taqsimi ta' qabel).

### *Emendi tal-kuntratt*

Il-ħtieġa għal emendi fil-kuntratt matul l-implimentazzjoni għandha tiġi mminimizata b'kuntratti mfasslin tajjeb u bi speċifikazzjonijiet tekniċi ċari. Madankollu, xorta jista' jkun hemm ċirkostanzi speċifiċi li fihom ikunu meħtieġa. L-osservaturi jeħtiġilhom jivverifikaw li dawn il-modifiki kollha jkun għustifikati b'mod adegwat, f'konformità mar-regolamenti rilevanti, u li ma jbidlux il-bażijiet fundamentali tal-kuntratt.

L-osservaturi jeħtiġilhom jiġu infurmati sew minn qabel dwar kwalunkwe diskussjoni dwar modifiki fil-kuntratt bejn l-AK u l-kuntrattur. Jeħtieġ li jkollhom



aċċess garantit – idealment permezz ta' dispożizzjonijiet fil-ftehim tal-PI – sabiex ikunu jistgħu jirrieżaminaw il-modifiki indipendentement mill-appoġġ ta' esperti tekniċi. Jekk emendi bħal dawn ikunu ammissibbli, l-osservaturi għandhom jiżguraw li jiġu rrapportati u ppubblikati fil-portal nazzjonali tal-akkwist jew fi pjattaformi oħra għall-pubblikazzjoni tal-kuntratti.

### *Tlestija*

Ladarba l-AK tkun aċċettat formalment il-konsenji finali u tkun ħallset il-fatturi relatati, il-kuntratt pubbliku jista' jingħalaq. Meta l-osservaturi jirrieżaminaw dan il-pass finali, għandhom iħeġġu lill-AK tislet konklużjonijiet u tidentifika l-eżiti ewlenin, li għandhom jiġu rreġistrati. Sabiex dan il-proċess isir aktar effettiv, l-osservaturi jistgħu iħeġġu lill-AK torganizza laqgħa tal-għeluq mal-partijiet interessati kollha sabiex tivvaluta l-prestazzjoni, tikkomunika r-riżultati, tirrifletti dwar l-iżbalji u tiżviluppa rakkomandazzjonijiet għal kuntratti futuri.

### *Komunikazzjoni u involviment pubbliku: lil hinn mill-patt ta' integrità*

Mal-konklużjoni tal-Patt ta' integrità, l-osservaturi għandhom iwettqu attivitajiet sabiex iħeġġu r-riforma tal-politika u istituzzjonali fuq il-bażi tar-rapporti, tar-rakkomandazzjonijiet u tas-sejbiet miġburin matul il-proċess. Sabiex dan jiġi ffaċilitat, l-osservaturi għandhom ilestu l-materjal informattiv kollu prodott matul l-implimentazzjoni tal-PI u jipprovdu sommarju tal-proġett kollu f'rapport pubbliku li għandu jitqassam fost l-awtoritajiet tal-gvern, is-settur privat, il-komunitajiet affettwati, il-media u l-pubbliku ġenerali.

Ir-rapport pubbliku u kwalunkwe inizjattiva ta' komunikazzjoni dwar ir-riżultati tal-proġetti huma strumentali sabiex iħeġġu riformi sistemiċi fis-sistema ta' kkuntrattar pubbliku ta' pajjiż. L-osservaturi għandhom jivverifikaw jekk il-gvern aġixxiex b'mod effettiv fuq dawn is-sejbiet u jkompli jfittxu opportunitajiet għal PI futuri. Il-monitoraġġ ċiviku sistematiku tal-akkwist pubbliku u l-involviment taċ-ċittadini sabiex jiġu protetti r-riżorsi pubbliċi, speċjalment meta jkun appoġġat mill-gvern, huwa eżitu mixtieq għas-soċjetà.

# NOTI TAL-AĦĦAR

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku (l-Artikolu 18).

<sup>2</sup> Mhux kollha wasslu għall-għoti ta' kuntratti, minħabba li hemm minnhom li twaqqfu, ġew posposti jew ikkanċellati.

<sup>3</sup> <http://www.open-contracting.org/resources/how-governments-spend-opening-up-the-value-of-global-public-procurement/> Is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea, il-Politika, l-Akkwist pubbliku, il-Kuntest. Disponibbli fuq: [https://ec.europa.eu/info/policies/public-procurement\\_en](https://ec.europa.eu/info/policies/public-procurement_en)

<sup>4</sup> Is-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew, RAND Europe, *The Cost of Non-Europe in the Area of Organised Crime and Corruption*, (RAND Europe, 2016). Disponibbli fuq: [https://www.rand.org/pubs/research\\_reports/RR1483.html](https://www.rand.org/pubs/research_reports/RR1483.html)

<sup>5</sup> L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi, *31st Annual Report on the protection of the European Union's financial interests – Fight against fraud – 2019*, (L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi, 2020). Disponibbli fuq: [https://ec.europa.eu/anti-fraud/about-us/reports/communities-reports\\_mt](https://ec.europa.eu/anti-fraud/about-us/reports/communities-reports_mt)

<sup>6</sup> Sanchez A., "The Role of Procurement", f'Allen R., Hemming R., u Potter B.H. (ed.), *The International Handbook of Public Financial Management* (Palgrave Macmillan, 2013).

<sup>7</sup> Wieħed u għoxrin mis-sebgħa u għoxrin Stat Membru tal-UE huma membri tal-OGP.

<sup>8</sup> Diário da República, *Resolução do Conselho de Ministros no. 37/2021*, (Diário da República, is-6 ta' April 2021). Disponibbli fuq: <https://dre.pt/application/conteudo/160893669>

<sup>9</sup> Agência para a Modernização Administrativa, *II Plano de Ação Nacional de Administração Aberta, Plano de Ação 2021–2023*, (Agência para a Modernização Administrativa, 2021). Disponibbli fuq: [www.opengovpartnership.org/wp-content/uploads/2021/09/Portugal\\_Action-Plan\\_2021-2023\\_PT.pdf](http://www.opengovpartnership.org/wp-content/uploads/2021/09/Portugal_Action-Plan_2021-2023_PT.pdf)

<sup>10</sup> Kif iddefinita mill-Karta Internazzjonali dwar id-Data Miftuħa (ODC), id-*data* miftuħa hija *data* diġitali li ssir disponibbli bil-karatteristiċi tekniċi u legali neċessarji sabiex tkun tista' tintuża, tintuża mill-ġdid u titqassam mill-ġdid b'mod liberu minn kulħadd, fi kwalunkwe ħin, fi kwalunkwe post.

<sup>11</sup> Is-sid benefiċjarju huwa l-persuna li fl-aħħar mill-aħħar hija s-sid tal-kumpanija jew tikkontrollaha. Aktar informazzjoni tista' tinstab hawnhekk: [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/LSU/?uri=CELEX%3A32015L0849#keyterm\\_E0003](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/LSU/?uri=CELEX%3A32015L0849#keyterm_E0003). Id-*data* relatata mas-sjieda benefiċjarja tista' tinkludi dettalji sabiex jiġu identifikati s-sidien individwali; diżaggregazzjoni tal-parteciżazzjonijiet azzjonarji; id-drittijiet tal-vot marbutin ma' klassijiet azzjonarji differenti, eċċ.

<sup>12</sup> B'sistema ta' kkuntrattar pubbliku nirreferu għas-sett ta' regoli, ta' proċessi, ta' prattiki, ta' teknoloġiji u ta' awtoritajiet li jiddeterminaw kif l-entitajiet pubbliċi jippjanaw, jagħtu u jeżegwixxu l-kuntratti.

<sup>13</sup> Il-medjan ikkalkolat fuq il-bażi tal-estimi tal-baġit ta' kull proġett ta' kkuntrattar li ġie mmonitorjat.

<sup>14</sup> <https://www.transparency.org/en/tool-integrity-pacts>

<sup>15</sup> Transparency International Anti-Corruption Helpdesk, "Public Procurement Planning and Corruption", (Transparency International Anti-Corruption Helpdesk, 2015).

<sup>16</sup> Ara *Public procurement guidance for practitioners on avoiding the most common errors in projects funded by the European Structural and Investment Funds* (Il-Kummissjoni Ewropea, 2018) u *Mythbusting confidentiality in public procurement* (Open Contracting Partnership, 2019), għal ħarsa ġenerali aktar dettaljata tad-dokumenti li jappartjenu għal din il-fażi.

<sup>17</sup> Ara *Mythbusting confidentiality in public procurement* (Open Contracting Partnership, 2019) għal fehim aħjar tal-applikazzjoni tar-regoli ta' kunfidenzjalità għad-dokumenti tal-akkwist u tal-kunċetti żbaljati komuni relatati magħhom.

<sup>18</sup> Transparency International, *Model Monitoring Agreement and Integrity Pact for Infrastructure – An implementation guide for civil society organisations*, (Transparency International, 2018).

<sup>19</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, *Public procurement guidance for practitioners on avoiding the most common errors in projects funded by the European Structural and Investment Funds*, (Il-Kummissjoni Ewropea, 2018).

<sup>20</sup> Transparency International, *Model Monitoring Agreement and Integrity Pact for Infrastructure – An implementation guide for civil society organisations*, (Transparency International, 2018).

<sup>21</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, *Public procurement guidance for practitioners on avoiding the most common errors in projects funded by the European Structural and Investment Funds*, (Il-Kummissjoni Ewropea, 2018).

<sup>22</sup> *Ibid.*

<sup>23</sup> L-OECD żviluppat metodoloġija komprensiva għall-analiżi tas-suq, inkluż mudell standard għar-rapport tal-analiżi tas-suq. L-osservaturi huma mogħtijin parir isiru midħla ta' din ir-riżorsa sabiex jifhmu aħjar il-proċedura u jiżguraw li din titwettaq f'konformità mal-istandards internazzjonali.

<sup>24</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, *Public procurement guidance for practitioners on avoiding the most common errors in projects funded by the European Structural and Investment Funds*, (Il-Kummissjoni Ewropea, 2018). B'mod speċifiku, ara l-Artikolu 24 tad-Direttiva tal-UE dwar l-Akkwist (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32014L0024>) u l-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju tal-UE ([https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52021XC0409\(01\)&rid=4](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52021XC0409(01)&rid=4)). Għal aktar dettalji dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli, ara l-Avviż tal-Kummissjoni Gwida dwar l-evitar tal-kunflitti ta' interess u l-ġestjoni tagħhom skont ir-Regolament Finanzjarju ([https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.C\\_.2021.121.01.0001.01.MLT](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.C_.2021.121.01.0001.01.MLT)).

<sup>25</sup> Stolen Asset Recovery Initiative, *Getting the full picture on public officials – a how-to guide for effective financial disclosure*, (Stolen Asset Recovery Initiative, 2016).

<sup>26</sup> Is-sit web tal-European Public Accountability Mechanisms (EuroPAM) mill-European Research Centre for Anti-Corruption and State-Building (ERCAS) jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-oqfsa regolatorji dwar id-dikjarazzjonijiet tal-interessi u tal-assi tal-uffiċjali pubbliċi madwar l-Ewropa – <http://europam.eu/>

<sup>27</sup> TI Bulgaria – <https://integrity.transparency.bg/en/>; TI Greece – <https://integritypact.gr/en/to-symfono-akeraiotitas/to-symfono-akeraiotitas-stin-ellada/>; TI Italy, Amapola, Action Aid (l-Italja) – <https://monitorappalti.it/>; Delna (il-Latvja) – [https://delna.lv/lv/integritates\\_pakts\\_2016/](https://delna.lv/lv/integritates_pakts_2016/); Il-Fondazzjoni Stefan Batory (il-Polonja) – <https://paktuczciwosci.pl/>; TI Portugal – <https://pactodeintegridade.transparencia.pt/home/>; TI Romania – [www.pactedeintegritate.ro/ro/](http://www.pactedeintegritate.ro/ro/); Is-Soċjetà Akkademika Rumena – [www.romaniacurata.ro/contracte-curate/en/](http://www.romaniacurata.ro/contracte-curate/en/); L-Istitut għall-Ordni Pubbliku (ir-Rumanija) – [www.ipp.ro/pactele-de-integritate/](http://www.ipp.ro/pactele-de-integritate/); TI Hungary – <https://transparency.hu/en/kozszeaktor/kozsbeszerzes/integritasi-megallapodas/>; TI Lithuania – [www.transparency.lt/saziningumo-susitarimai/](http://www.transparency.lt/saziningumo-susitarimai/); TI Slovenia – <https://pakt.transparency.si/>; TI Czech Republic – [www.transparency.cz/projekty/pakty-integrity/](http://www.transparency.cz/projekty/pakty-integrity/)

<sup>28</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, *Public procurement guidance for practitioners on avoiding the most common errors in projects funded by the European Structural and Investment Funds*, (Il-Kummissjoni Ewropea, 2018).

<sup>29</sup> L-istudju tal-każ ta' Action Aid Italia deskritt fil-p. 7 ta' dan ir-rapport jipprovdi eżempju eċċellenti ta' kif osservatur jista' jagħmel kontribut pożittiv għal dan l-aspett.

<sup>30</sup> Pereżempju, għandu jintgħażel djalogu kompetittiv meta jkun impossibbli li jiġu abbozzati speċifikazzjonijiet tekniċi minn qabel, u għoti dirett f'sitwazzjonijiet ta' emergenza. Ara l-*Public procurement guidance for practitioners on avoiding the most common errors in projects funded by the European Structural and Investment Funds* (Il-



Kummissjoni Ewropea, 2018) għal ħarsa ġenerali dettaljata lejn il-proċeduri ta' akkwist u d-dettalji dwar x'kompiti operazzjonali jinvolvu.

<sup>31</sup> Ara I-*Public procurement guidance for practitioners on avoiding the most common errors in projects funded by the European Structural and Investment Funds* (II-Kummissjoni Ewropea, 2018) għal ħarsa ġenerali dettaljata lejn kif għandhom jittieħdu d-deċiżjonijiet assoċjati ma' kull proċedura ta' akkwist, inklużi l-kriterji kollha li għandhom jiġu kkunsidrati u l-passi loġiċi li għandhom jittieħdu.

<sup>32</sup> II-Kummissjoni Ewropea, *Public procurement guidance for practitioners on avoiding the most common errors in projects funded by the European Structural and Investment Funds*, (II-Kummissjoni Ewropea, 2018).

<sup>33</sup> *Ibid.*

<sup>34</sup> *Ibid.*

<sup>35</sup> *Ibid.*

<sup>36</sup> *Ibid.*

<sup>37</sup> II-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Disponibbli fuq:

[www.ojeu.eu/#:~:text=OJEU%20stands%20for%20the%20Official,EU%20legislation%2C%20must%20be%20publiched](http://www.ojeu.eu/#:~:text=OJEU%20stands%20for%20the%20Official,EU%20legislation%2C%20must%20be%20publiched)

<sup>38</sup> Ara [www.europam.eu](http://www.europam.eu) għad-dettalji dwar id-dispożizzjonijiet li japplikaw għal kull Stat Membru.

<sup>39</sup> II-Kummissjoni Ewropea, "Study on the measurement of cross-border penetration in the EU Public Procurement Market", (II-Kummissjoni Ewropea, 2021).

<sup>40</sup> Ir-raġuni ewlenija għal dan hija li tiġi evitata l-identifikazzjoni tal-kompetituri li jistgħu jiġu avvinati sabiex jiffurmaw kartell. Madankollu, il-kwistjoni hija kontroversjali u jkollha tiġi evalwata fuq bażi ta' każ b'każ skont il-kundizzjonijiet tas-suq rilevanti, in-numru ta' operaturi ekonomiċi u r-riskji osservati ta' kollużjoni. Għal aktar dettalji u gwida, ara *Mythbusting confidentiality in public contracting*, (Open Contracting Partnership, 2018).

<sup>41</sup> [https://ec.europa.eu/growth/single-market/public-procurement/digital/esp\\_d\\_mt](https://ec.europa.eu/growth/single-market/public-procurement/digital/esp_d_mt)

<sup>42</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32018L0843>

<sup>43</sup> Transparency International, *Access denied? Availability and accessibility of beneficial ownership data in the European Union*, (Transparency International, 2021).

<sup>44</sup> OECD, *Guidelines for fighting bid rigging in public procurement*, (OECD, 2014).

<sup>45</sup> *Ibid.*

<sup>46</sup> Fazekas M. u Toth B., *Analytics for Integrity: Data-drive approaches for enhancing corruption and fraud risk assessments*, (OECD 2019).

<sup>47</sup> II-Kummissjoni Ewropea, *Public procurement guidance for practitioners on avoiding the most common errors in projects funded by the European Structural and Investment Funds*, (II-Kummissjoni Ewropea, 2018).

<sup>48</sup> *Ibid.*

Ġib il-bidla magħna!

#### INVOLVI RUĦEK

Segwina, aqsam il-fehmiet tiegħek u ddiskuti l-korruzzjoni ma' persuni minn madwar id-dinja fuq il-media soċjali.

[facebook.com/TransparencyInternational/](https://facebook.com/TransparencyInternational/)

[twitter.com/anticorruption/](https://twitter.com/anticorruption/)

[linkedin.com/company/transparency-international/](https://linkedin.com/company/transparency-international/)

[instagram.com/Transparency\\_International/](https://instagram.com/Transparency_International/)

[youtube.com/user/TransparencyIntl/](https://youtube.com/user/TransparencyIntl/)

#### TGĦALLEM

Żur is-sit web tagħna sabiex titgħallem aktar dwar il-ħidma tagħna f'aktar minn 100 pajjiż u abbona għall-aħħar aħbarijiet dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

[transparency.org](https://transparency.org)

#### AGĦTI DONAZZJONI

Id-donazzjoni tiegħek tgħinna nipprovdu appoġġ lil eluf ta' vittmi tal-korruzzjoni, niżviluppaw għodod u riċerka ġodda u nġiegħlu lill-gvernijiet u lin-negozji jwettqu il-wegħdiet li jkunu għamlu. Irridu nibnu dinja aktar ġusta. Bl-għajnuna tiegħek, nistgħu.

[transparency.org/donate](https://transparency.org/donate)



**Transparency International**

International Secretariat

Alt-Moabit 96, 10559 Berlin, Germany

Telefown: +49 30 3438 200

[integritypacts@transparency.org](mailto:integritypacts@transparency.org)

[ti@transparency.org](mailto:ti@transparency.org)

[transparency.org/integritypacts](https://transparency.org/integritypacts)

**European Commission**

Directorate-General for Regional and Urban Policy

European Commission, 1049 Brussels, Belgium

[regio-e1-administrative-capacity@ec.europa.eu](mailto:regio-e1-administrative-capacity@ec.europa.eu)

[Sir af aktar dwar il-patti ta' integrità](#)

[Sir af aktar dwar I-UE](#)